Djoċesi ta' Għawdex

# SUSSIDJU BIBLIKU

## Randan 2021

# INDIĊI

1a. Il-Kmandamenti ta’ Alla u l-Kmandament tal-Imħabba – Fr Charles Buttigieg, 2021

1b. Il-Kmand tal-Karità f’San Pawl – Mons. Anton Mizzi, 2014

2. It-Talb, is-Sawm u l-Karità – Fr Charles Buttigieg, 2021

3a. Id-Dnub, il-Konverżjoni u l-Maħfra – Fr Charles Buttigieg, 2021

3b. Maħfra u Ndiema fit-Testment il-Qadim – Mons. Lawrenz Sciberras, 2010

3c. Il-Maħfra tad-Dnubiet fit-Testment il-Ġdid – Mons. Anton Mizzi, 2010

4. Il-Qsim tal-Ħobż u Jum il-Mulej – Fr Charles Buttigieg, 2021

5. Il-Misteru tat-Tbatija u tas-Salib – Fr Charles Buttigieg, 2021

*Wieħed mill-kittieba... staqsieh:*
*Liema wieħed fost il-kmandamenti kollha huwa l-ewwel?*
*Mark* 12:28

# IL-KMANDAMENTI TA' ALLA U L-KMANDAMENT TAL-IMĦABBA

minn Fr Charles Buttigieg

2021

**L-Għaxar Kelmiet**

Il-Lhud jsejħu lill-ktieb tad-Dewteronomju '*debarim'* jiġifieri diskorsi u omeliji, (bil-grieg: deuteronomion). Huwa fil-fatt jibda b'dawn il-kelmiet. Huwa fuq kollox il-ktieb tal-Liġi (ezattament tat-Tieni Liġi) u ħa l-importanza tiegħu meta nstab fit-tempju fi żmien is-sultan Ġożija fis-sena 622 Q.K. Din kienet sejba tassew storika u kbira. Il-kelma 'Torah' insibuha 19-il darba fil-Ktieb u l-kelma 'kmandamenti' tinsab 23 darba. Proprju fil-kapitlu 5 ta' dan il-ktieb għadna l-lista tal-għaxar kmandamneti, id-Dekalogu li għandu xi żidiet ma' dak li inisbu fil-ktieb tal-Eżodu. Fil-fatt il-verżjoni tad-dekalogu fid-Dewteronomju hija 10 fil-mija itwal minn dik tal-Eżodu u b'kollox hemm 25 differenzi bejniethom. Il-kelma Dekalogu ġejja mill-Grieg '*deka logoi'* li tfisser 'għaxar kelmiet'. Huma l-għaxar Kelmiet ta' Alla lill-bniedem sabiex jiggwidah fit-triq it-tajba. In-numru għaxra jiġbor fih totalità magħmul min-numru perfett tas-sebgħa u n-numru totali marbut ma' Alla tat-tlieta. Dan ifisser li Alla kellem lill-bniedem għal għaxar darbiet jiġifieri qallu b'kollox dwar dak li hu ta' ġid għalih. Anke fil-Ktieb tal-Eżodu naraw dan il-patt li Alla għamel mal-poplu magħżul tiegħu: "Issa, jekk tisimgħu leħni u żżommu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-popli kollha" (Eżodu 19:5).

Il-Lhud kienu preokkupati li jagħmlu r-rieda t'Alla u riedu jkunu żguri li kull nitfa tal-ħajja ta' kuljum u kull sitwazzjoni jkun hemm liġi li tirregolahom. Hekk il-bniedem kien ikun jaf bi preċiżjoni kif għandu jġib ruħu fiċ-ċirkustanzi kollha. Kellhom 613 preċett (bl-ebrajk: *huqqim*), il-biċċa l-kbira negattivi: 365 (daqs kemm hemm ġranet fis-sena) kienu projbizzjonijiet, u 248 (daqs kemm kienu jaħsbu li fih partijiet il-ġisem tal-bniedem) kienu mpożizzjonijiet. Dwar l-ordnijiet u l-kmand ta' Alla għandna l-'*mitzvot'*, li jinsabu fl-ewwel ħames kotba tal-Bibbja, it-'*Torah'* kif naraw f'Eżodu 24:12. Il-kelma '*Torah'* tfisser 'tagħlim' jew aħjar 'it-triq', b'rabta mal-kelma ebrajka '*derekh'* li tfisser 'triq' kif ukoll 'direzzjoni' u 'gwida'. Hawnhekk wieħed jista' wkoll jara r-rabta tal-kelma Maltija semitika 'triq' mal-kelma ebrajka. Il-preċetti jinsabu ukoll fil-'*Mixnah'* li għandha sitt taqsimiet: *Zerajim*, *Moed*, *Naxim*, *Neziqin*, *Kodaxim* u *Tohorot*. L-ewwel kmand huwa dak li nsibu f'Ġenesi 1:28: "Iżżewweġ u nissel l-ulied". Il-Fariżej li kienu jintilfu f'dawn l-irqaqat tal-liġi sabu ruhom f'dak iċ-ċertu legaliżmu li jintilef f'elf liġi u jispiċċa biex ma jibqax jara r-rieda ta' Alla u l-kmandamenti tiegħu.

Ta' min isemmi li l-Kodici ta' Hammurabi (jew Amrafel) li kien instab mill-Franċiżi ġewwa Susa bil-lingwa Akkadika tas-sena 2250 Q.K li jinkludi 282 liġi miktuba fuq 44 kolonna magħmula mis-sitt re ta' Babilonja Hammurabi (kien jgħix fl-Iran) li kien iħaddan il-liġi ta' għajn għal għajn u sinna għal sinna (*lex talionis*, proporzjonalità bejn id-delitt u l-piena) li kienet tagħmel parti mill-vendetta tad-demm (bil-Ġermaniż: '*Blutrache'*, ara Dewt 19:15-21). Dan jinsab fil-Mużew ta' Louvre f'Pariġi. Insibu wkoll

kodiċijiet ta' liġijiet oħrajn bħal Kodiċi ta' Ur-Nammu re ta' Ur tal-2050 Q.K., il-liġijiet ta' Eshnunna (1930 Q.K.) u l-kodici ta' Lipit-ishtar ta' Isin tal-1870 Q.K.

Meta Alla rrivela lilu nnifsu lil Mosè fuq il-Ħoreb huwa tah l-għaxar kmandamenti (jew kelmiet: *dabar*) fuq il-muntanja Sinaj. Dawn l-għaxar kmandamenti huma għaxar toroq ta' gwida għall-poplu Lhudi u għall-Insara.

**Il-Kmandament tal-Imħabba**

Iċ-ċentru tal-għaxar kmandamenti huwa l-kmandament tal-imħabba u tal-karità li jiġbor fih l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Kristu indirizzat bħala Rabbi (Mgħallem) rrisponda lin-*'nomikos'* (il-leġislatur jew l-avukat u għahekk altru li suppost kien jaf) billi semma l-ikbar kmandament li huwa tnejn: hekk wera li t-tnejn jinsabu fuq l-istess pjan u jiffurmaw ħaġa waħda. Flimkien, jiffurmaw il-kmandament il-kbir u l-ġdid ta' Kristu (bil-Grieg: *'entole kaine'*). L-ikbar kmandament mhux biss l-aktar importanti fis-sens li hu fuq l-oħrajn; hu dak li jagħti sens lill-oħrajn kollha. Il-preċetti kollha huma bla tifsira u bla valur jekk tneħħi minnhom l-imħabba. "Il-Mulej Alla tagħna, huwa biss il-Mulej". Hu Alla uniku li jeskludi kull idolu. Alla jitlob minna imħabba totali.

"Ħobb lil għajrek bħalek innifsek". Dan jissuġġerixxi l-possibilità u saħansitra d-dmir li nħobbu lilna nfusna – dan hu ovvjament divers milli nkunu egoisti. Hemm imħabba sana tagħna nfusna li hi l-bażi tal-vera mħabba lejn il-proxxmu. Hemm rapport tajjeb magħna nfusna li hu l-fundament tar-rapporti awtentiċi mal-oħrajn. Ħafna Nsara huma inkapaċi li jaċċettaw u jħobbu verament lill-oħrajn għax fil-fond huma inkapaċi li jħobbu u jaċċettaw lilhom infushom. "L-ewwel tgħallem ħobb lilek innifsek... Għax jekk int ma tafx kif tħobb lilek innifsek, kif ha tkun kapaċi tħobb lil għajrek verament?" (S. Wistin).

Dwar l-Imħabba fraterna, Alla ta lil kulħadd sejħa speċjali. Fil-kitbiet ta' Qumran għandna l-Ebrajk *'ahabat hesed'*. Il-vera mħabba timbuttani nħobb lill-proxxmu mhux għax hu sabiħ u nieħu pjaċir ngħinu, iżda biex insir tajjeb: biex inwettaq is-sejħa li Alla jagħmilli. Tħalli qatt li xi ħadd, li jiġi għandek, imur mingħajr ma jsir aħjar u aktar ferħan. Alla hu mħabba u Hu jħobb lilek u lili. Iva, li tħobb lilu b'qalbek kollha, b'moħħok kollu u bil-qawwa tiegħek kollha, u tħobb lil għajrek bħalek innifsek, hu aqwa minn kull sagrifiċċju tal-ħruq u mis-sagrifiċċji kollha. L-adorazzjoni vera ma tistax tillimita ruħha għall-fomm u għall-ambitu tat-Tempju, iżda għandha tmiss lill-bniedem fil-fond ta' qalbu u fid-dmirijiet tiegħu lejn il-proxxmu. Din l-imħabba lejn il-proxxmu tistieden ukoll għall-imħabba lejn l-għedewwa (ara ukoll Qumran 6:27-28, 35c-d).

**Il-Kmandament ta' Kristu**

Il-kmandament ta' Kristu hu "ġdid" għaliex l-Insara għandhom iħobbu lil xulxin skont il-qies tal-imħabba ta' Kristu: "Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin." (Ġwanni 13:34). Meta l-bniedem jipprova jiġġudika dak li jgħid Kristu, hu ftit li xejn ikun jaf lil Kristu jew il-Kelma ta' Kristu: "Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu: il-kelma li jiena għidt, tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum" (Ġwanni 12:48). Hekk, il-bniedem hu kkundannat jew ġġustifkat skont l-attitudni tiegħu lejn Ġesù. San Alfons Marija de Liguori kien iħobb jgħid: "Min jobgħod lill-proxxmu tiegħu jkollu infern f'din id-dinja u ieħor fl-oħra". Il-Papa Franġisku fl-ewwel Anġelus tiegħu tas-17 ta' Marzu 2013 qal frażi tassew mill-isbaħ dwar din it-tema tal-imħabba u tal-maħfra: "Li Alla qatt ma jgħejja jaħfer lill-bniedem, huwa l-bniedem

li jgħejja jaħfer lill-oħrajn". Waqt diskors li għamel lill-isqfijiet il-ġodda fis-Sala Klementina tal-Palazz Appostoliku tad-19 ta' Settembru 2013, il-Papa Franġisku saħaq ħafna magħhom li għandhom jimxu bl-imħabba u qalb kbira mal-merħla tagħhom, fil-ministeru tagħhom tal-imħabba, l-*'amoris officium'*.

**Biblijografija**


Baskin, J.R., *The Cambridge Dictionary of Judaism and Jewish Culture*, New York 2011.

Betz, H.D., *The Sermon on the Mount: A Commentary on the Sermon on the Mount, including the Sermon on the Plain*, Minneapolis 1995, 278-279.

Bovati, P., "Pena e perdono nella procedure giuridiche dell'Antico Testamento", in *Civ Cat* 148 (1997) 225-239.

Brooks, O.S., "The function of the double love command in Matthew 22:34-40", in *Andrews University Seminary Studies* 36 (1998) 7-22.

Carmichael, C.M., *The Laws of Deuteronomy*, Ithaca 1974.

Daube, D., "Lex talionis", in *Studies in Biblical Law*, Cambridge 1969, 102-153.

Duncan, G.S., "The Code of Moses and the Code of Hammurabi", in *The Biblical World* 23 (1904) 188-193.

Furnish, V.P., *The Love command in the New Testament*, London 1972.

Gerstenberger, E., "Covenant and commandment", in *JBL* 84 (1965) 38-51.

Giovanni Paolo II, Ezortazione Apostolica *Reconciliatio et paenitentia*, 2 dicembre 1984.

Harper, R.F., "Text of the Code of Hammurabi, King of Babylon (about 2250 B.C.)", in *The American Journal of Semitic Languages and Literatures* 20 (1903) 1-84.

Hultgren, A.J., "The double love command in Matthew 22:34-40: Its sources and composition", in *CBQ* 36 (1974) 373-378.

Levine, E., *Heaven and earth, law and love. Studies in Biblical thought*, New York 2000.

Lohse, E., *Theological Ethics of the New Testament*, Minneapolis (MN) 1991.

Manicardi, L., *La fatica della carita'*, Magnano (BI) 2010.

Moran, W.L., "The Ancient Near Eastern background of the Love of God in Deuteronomy", in *CBQ* 25 (1963) 77.

Pontificial Biblical Commission: *The Bible and Morality. Biblical Roots of Christian Conduct* (May 11, 2008) Vatican City 2008.

Roth, M.T., *Law collections from Mesopotamia and Asia Minor*, Atlanta (GA) 1995.

Ska, J.L., *Il diritto veterotestamentario. Introduzione*, PIB, Roma 2001.

Ska, J.L., *Il codice dell'alleanza. Il diritto biblico e le leggi cuneiformi. Esegesi di Es 21:2-32*, PIB, Roma 1996.

Slabbert, M.J., "Coping in a harsh reality: the concept of the 'enemy' in the composition of Psalms 9 and 10", in *HTS* 71 (2015) 1-5.

Sprinkle, J.M., *The book of the Covenant. A literary approach*, JSOTS 174, Sheffield 1994.

# IL-“KMAND” TAL-KARITÀ F’SAN PAWL

Minn Mons. Anton Mizzi

Sussidju Randan 2014

**Introduzzjoni**

Meta nitkellmu mill-karità qegħdin nirreferu għall-imħabba li hi tema biblika importanti. Il-kelma mħabba għandha tifsira wiesgħa u tiġbor fiha taħlita ta’ ħafna ħwejjeġ. Tista’ tkun imħabba fiżika jew spiritwali, waħda mimlija passjoni jew sentimentali, inkella miftuħa għall-aktar imħabba jew li twassal għall-qerda. Fl-imħabba wieħed hu miġbud lejn xi ħaġa illi tingħoġob jew li wieħed jixtieq, inkluża wkoll lejn l-annimal. Fil-kunċett bibliku tal-imħabba nsibu dimensjonijiet varji, bħall-imħabba bejn is-sessi, fil-familja, bejn il-ħbieb jew sieħeb fix-xogħol, bejn min imexxi jew is-sid u dawk li qegħdin taħt jew l-ilsir, lejn dawk barranin, kif ukoll aspetti oħra marbuta magħha, ta’ ħniena, grazzja, lealtá jew għaxqa. Timplika relazzjoni li fiha wieħed qed jagħti minnu nnifsu.

Fl-esperjenza tal-imħabba tiegħu, il-bniedem sawwar il-kunċetti tiegħu dwar l-imħabba. Minkejja li din l-imħabba kienet ta’ spiss imħassra u miġruħa minħabba d-dnub u l-egoiżmu tal-bniedem, ma jonqsux espressjonijiet profondi u sinċieri li juru l-kobor tagħha, partikularment fl-isforz biex jidħol u jifhem aktar il-misteru tal-imħabba divina. Fil-kuntest bibliku, kemm fl-Antik Testment kif ukoll fil-Ġdid Testment, insibu tliet linji ta’ relazzjoni li jintrabtu sew ma xulxin: l-imħabba ta’ Alla lejn il-bniedem u l-ħolqien, l-imħabba tal-bniedem lejn Alla u l-imħabba tal-bniedem lejn l-oħrajn, bnedmin u ħwejjeġ oħra.

L-Antik Testment għandu l-idea ċentrali ta’ Alla ħallieq u Sid ta’ kollox, li bl-inizjattiva tiegħu jirrivela l-imħabba tiegħu permezz ta’ ġrajjiet u kliem b’tali mod li l-bniedem seta jkollu l-esperjenza ta’ din l-imħabba divina li tiżboq kull esperjenza oħra tal-imħabba umana. Ir-respons tal-imħabba mill-bniedem lejn Alla, li tinkludi wkoll l-imħabba lejn il-proxxmu, kien l-aktar magħruf fl-aċċettazzjoni tal-imħabba divina għalkemm mhix nieqsa t-tbatija tal-imħabba mwarrba minħabba r-rifjut tagħha bosta drabi min-naħa tal-bniedem. Imbagħad fit-Testment il-Ġdid il-kunċett tal-imħabba divina hu aktar approfondit, anzi hu espress bl-aqwa definizzjoni, Alla hu mħabba, u dan għal raġuni ta’ fatt uniku. Ġesù ġie fid-dinja jgħix bħala Alla u bniedem u fih, id-djalogu ta’ mħabba bejn Alla u l-bniedem mhux biss seta’ kien possibbli imma jilħaq il-qofol tiegħu. Mela f’Ġesu għandha kemm l-imħabba divina u r-respons tal-bniedem għal din l-imħabba li tinkludi mhux biss l-imħabba lejn il-proxxmu imma wkoll lejn l-għedewwa.

Fit-Testment il-Ġdid għandna diversi ħsibijiet u tagħlim dwar din l-imħabba. L-ewwel għandna l-Vanġeli Sinottiċi li jitkellmu mit-tagħlim ta’ Ġesù. Hemm imbagħad il-ħsibijiet dwar l-imħabba li huma espressi minn San Pawl fl-ittri tiegħu u minn San Ġwann fil-kitbiet tiegħu li jinkludu r-raba’ Vanġelu, it-tliet ittri u l-Apokalissi. Fl-aħħar nett hemm ukoll it-tagħlim li nistgħu nisiltu mill-bqija tal-kitbiet l-oħra tat-Testment il-Ġdid, l-ittri ta’ San Pietru, u mill-ittri rispettivi ta’ San Ġakbu u San Ġuda. Hawnhekk se jiġi ttrattat biss dak li jgħallem San Pawl dwar il-kmand tal-imħabba.

**It-terminoloġija tal-imħabba**

Irridu nitilqu mill-Antik Testment. Hemm ħafna kliem li huma wżati fil-Bibbja Ebrajka illi jesprimu l-aspetti varji tal-imħabba. Insemmu l-aktar kelma importanti fl-Ebrajk, il-verb ‘***’āhab***’ (in-nom ‘***’ahabah***’) li hu wżat f’kuntesti differenti u tindika kemm l-imħabba umana u divina. Il-kelma tista’ tfisser l-imħabba naturali fil-familja (bħal tal-missier lejn ibnu: Ġen 22:2; 25:28; ukoll Rut 4:15), bejn l-għarajjes (Ġen 24:67), fi ħbiberija (1Sam 18:1; Sl 38:12), bejn l-ilsir u s-sid (Eż 21:5; Dewt 15:16), u mħabba fiżika bejn is-sessi bil-passjoni (Ġen 34:3; Imħal 16:4; 2Sam 13:4,15). Insibu wkoll l-kmand tal-imħabba li Iżrael għandu jkollu lejn għajru (Lev 19:18) u lejn il-barranin (Lev 19:34; Dewt 10:19). Fuq kollox b’motiv reliġjuż, hemm l-imħabba lejn Alla (Eż 20:6; Sl 40:17) u l-imħabba li Alla għandu lejn il-poplu tiegħu (Dewt 4:37; 7:13; Os 3:1). Din l-imħabba li Alla għandu lejn il-poplu tiegħu fil-kuntest tal-patt, hi spiss espressa bit-terminu ‘***hesed***’, li turi mħabba sħiħa u sinċiera ta’ Alla bħala sinjal ewlieni li jikkaratterizza l-patt (Dewt 7:12; 1Sam 20:8). Din hi kelma oħra importanti tal-imħabba li però tiġbor fiha ħafna kwalitajiet, bħal tjieba, lealtá u fedeltà. Il-kelma tindika dejjem xi relazzjoni b’affezzjoni profonda u dejjiema bejn is-sessi (Est 2:17), il-qraba (Ġen 24:49) jew bħala rabta soċjali (2Sam 2:5). Insibu kelmiet oħra fl-Ebrajk li huma tradotti xi drabi bħala mħabba jew huma relatati mal-imħabba b’sens aktar dejjaq.

Il-Bibbja Griega tas-Settanta (LXX) meta tittraduċi l-kelmiet varji marbuta mal-verb ‘***’āhab***’, tuża tlett kelmiet bil-Grieg. L-ewwel kelma hi n-nom ‘***erōs***’ (u l-verb ‘***eran***’) li fil-Grieg klassiku u ellenistiku kienet l-aktar waħda użata u tfisser imħabba passjonali li tixtieq xi ħaġa għaliha, spiss b’impuls indefinittiv lejn l-oġġett u tfittex li tissodisfa l-għatx tal-ħajja fl-oħrajn. Tinkludi wkoll l-imħabba espressa f’passjoni ta’ xewqa sesswali. Din il-kelma tidher fis-LXX xi darbtejn biss (Prov 7:18; 30:16), iżda ma nsibuhiex fit-Testment il-Ġdid. Fit-tieni kelma hi n-nom ‘***philia***’ (il-verb ‘***philein***’) li fil-Grieg klassiku kienet prevalenti wkoll u tindika primarjament l-imħabba ħerqana bejn il-ħbieb, jew tal-allat lejn il-bnedmin, u iktar milli impulsiva, hi mħabba bħala mpenn li wieħed jista jevadi. Fis-LXX il-kelma hi użata okkażjonalment. Fit-Testment il-Ġdid insibuha wkoll biex tesprimi l-kunċett tal-imħabba jew affezzjoni; għandha wkoll it-tifsira li tbus li xi ħadd bħala sinjal speċjali ta’ mħabba (Mt 26:48; Mk 14:44; Lq 22:47). It-tielet kelma hi n-nom ‘***agape***’ (il-verb ‘***agapan***’) li hi l-anqas waħda emozzjonali ħdejn it-tnejn ta’ qabel. Fil-Grieg klassiku n-nom bilkemm insibuh użat u l-verb ma kellux il-qawwa ta’ ‘***eran***’ jew l-imħabba mill-qalb (warmth) ta’ ‘***philein***’ u kien jindika attitudni interna, imħabba fis-sens li tqiegħed valur jew stima għolja lejn persuna jew ħaġa aktar minn oħra; użat ukoll fis-sens li tippreferi, hekk li bniedem ikun ippreferut minn Alla bħal meta jkun imbierek minnu b’doni partikulari. Meta niġu għall-kitbiet tal-Iskrittura l-kelmiet ‘***agapan/agape***’ jsiru aktar frekwenti fl-użu tagħhom fil-Bibbja tas-LXX u jieħdu kontenut reliġjuż ġdid. Difatti meta d-diskors ikun teoloġiku, is-LXX tuża kważi dejjem il-verb ‘***agapan***’ u b’anqas frekwenza n-nom ‘***agape***’ li oriġinarjament kellhom tifsira pjuttost newtrali u sobrija ta’ mħabba u dan kuntrarju għall-użu fil-Grieg klassiku bi preferenza prevalenti għal ‘***philein***’. Fl-aħħar nett il-Griegi kellhom fil-vokabularju tagħhom kelma oħra għall-imħabba: in-nom ‘***storge***’ (il-verb ‘***stergein***’) bit-tifsira ta’ mħabba, affezzjoni, frekwenti l-aktar għall-imħabba jew affezzjoni mutwa tal-ġenituri u l-ulied. Għalkemm għandha x’taqsam l-aktar mal-affezzjoni fil-familja, tista’ però tintuża għall-imħabba tan-nies lejn il-ħakkiem tagħhom, tal-klieb lejn sidienhom, jew tal-alla titulari lejn il-bnedmin jew bil-kuntrarju u rarament tirreferi għall-imħabba sesswali. Dawn il-kelmiet ma nsibuhomx fit-Testment il-Ġdid, però hemm aġġettiv relatat li hu użat darba biss: ‘***philostorgos***’ (il-verb ‘***philostorgein***’; in-nom ‘***philostorgia***’) bit-tifsira ta’ mħabba (loving tenderly), frekwentament għall-affezzjoni fil-familja.

Irridu ninnotaw id-differenza essenzjali fil-kontenut tal-kunċett tal-imħabba bejn il-Bibbja u dawk pagani. Is-LXX kienet konxja li tkompli bit-tradizzjoni tal-Bibbja Ebrajka dwar it-traxxendenza ta' Alla imma fl-istess waqt tinsisti fuq l-imħabba divina murija bħala don tal-ħniena ta' Alla. Bil-verb'***agapan***' titraduċi mhux biss il-verb Ebrajk '***'āhab***', imma wkoll kelmiet oħra marbuta mal-kompassjoni u l-ħniena, fosthom '***hesed***' (tjieba) u '***hen***' (grazzja). It-Testment il-Ġdid kompla fuq l-istess binarju tas-LXX fl-għażla u l-użu tat-termini tal-imħabba, jiġifieri '***agapan/agape***' u '***philein/philia***', tal-aħħar ferm anqas frekwenti minn tal-ewwel u anke b'anqas rilevanza teoloġika. Anzi n-nom '***agape***' hu użat ħafna aktar mis-LXX u dan forsi minħabba kunċett ġdid tal-imħabba li wassal għall-użu partikulari tagħha. Għalkemm ħafna studjużi ma tantx jaraw distinzjoni preċiża bejn dawn it-tnejn, iżda l-preferenza ta' '***agapan/agape***', u partikularment il-verb, wassal biex possibilment jesprimu aktar l-idea Kristjana unika u oriġinali tal-imħabba fit-Testment il-Ġdid. Fit-tifsira teoloġika tal-imħabba jkompli fuq il-ħsieb tas-LXX bl-insistenza fuq l-imħabba ta' Alla. Fit-Testment il-Ġdid hemm ukoll l-aġġettiv '***agapētos***' li jfisser maħbub, għażiż.

**L-imħabba fil-kitbiet Pawlini**

Jekk fit-Testment il-Ġdid għandna żewġ termini tal-imħabba bil-verbi u n-nom rispettivi tagħhom, '***agapan/agape***' u '***philein/philia***', fil-kitbiet Pawlini għandna prevalenza għall-ewwel waħda. Jekk inqabblu lil Pawlu ma' Ġwanni dwar it-tema tal-lingwaġġ tal-imħabba partikularment bl-użu ta' '***agapan/agape***', jidher li hemm firxa tajba u fihom it-tnejn it-terminu għandu l-aktar użu teoloġiku meta mqabbel mal-firxa tal-użu Sinottiku, anke jekk is-Sinottiċi jwasslu r-rivelazzjoni tal-manifestazzjoni unika tal-imħabba ta' Alla fl-opra tal-Iben mingħajr ma hi wisq imtaqqla b'xi interpretazzjoni teoloġika. Però nosservaw ukoll distinzjoni fl-użu tagħhom ta' dan it-terminu. Pawlu għandu preferenza qawwija għan-nom '***agape***' milli għall-verb '***agapan***' (78:36), filwaqt li Ġwanni għandu bil-maqlub, preferenza għall-verb (31:71). Minkejja dan, mhuwiex il-każ li wieħed jaħseb li Pawlu hu aktar immirat lejn ħwejjeġ statiċi u Ġwanni lejn ħwejjeġ dinamiċi. Imma fil-qofol tal-kunċett tagħhom ta' '***agapan/agape***' hemm qbil sew bejniethom.

Pawlu għandu fl-ittri tiegħu l-akbar użu tan-nom '***agape***' li hu ċentrali għalih u mimli b'kontenut għoli. Wieħed jistaqsi mnejn Pawlu fassal dan it-tagħlim dwar l-imħabba. Jekk inħarsu lejn l-Antik Testment, fl-ittri nsibu ftit wisq riferenzi għal din it-tema: Rum 9:13 (Mal 1:2-3), 25-26 (Ħos 2:23) u ninkludu wkoll 2Tes 2:13 (Dewt 33:12). Forsi rridu nħarsu lejn l-istorja, mhux tant dik tal-esperjenza personali tiegħu, imma dik marbuta mal-kerigma mxandra fil-komunità Kristjana primittiva. Kristu bħala l-Iben mibgħut minn Alla, il-Logos etern li sar bniedem, bil-mewt tiegħu fuq is-salib ħabbeb mil-ġdid lill-bnedmin midinbin ma' Alla. Dawk li laqgħu din il-fidwa permezz tal-fidi fi Kristu ffurmaw flimkien il-Knisja li fiha Pawlu għadda ħajtu b'ħafna taħbit b'missjoni fost l-aħwa nsara u li għinitu fit-tfassil tal-viżjoni tiegħu dwar l-imħabba. Fit-tagħlim tiegħu dwar l-imħabba Pawlu jirreferi għall-imħabba ta' Alla u ta' Kristu lejn il-bniedem, l-imħabba tal-bniedem lejn Alla u Kristu u wkoll l-imħabba tal-bnedmin lejn xulxin.

***L-imħabba ta' Alla u ta' Kristu lejn il-bniedem***

Fit-Testment il-Ġdid l-aktar tifsira importanti ta' '***agapan/agape***' hi l-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin. Difatti hu msejjaħ "*Alla tal-imħabba*" (2Kor 13:11). Fl-espressjoni '*mħabba ta' Alla*' ('***agapē tou theoù***) waħedha mhuwiex dejjem ċar jekk il-ġenittiv huwiex mifhum b'mod suġġettiv, allura jirreferi għall-imħabba li ġejja minn Alla (Rum 8:39; 2Kor 13:13), inkella b'mod oġġettiv, li jkun ifisser l-imħabba li hi diretta lejn Alla.

L-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin bħala "*wlied maħbuba*" (Ef 5:1) titlob respons ta' imħabba. Għal Pawlu kif ukoll għat-Testment il-Ġdid, l-imħabba ta' Alla għandha aspett uniku filli dehret fi Kristu "*Ibnu l-maħbub*" (Kol 1:13; Ef 1:6). Din l-imħabba hi qawwija tassew tant "*li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna*" (Rum 8:38-39). Hi mħabba gratuwita u ġeneruża li ġiet rivelata fil-karattru ta' Ġesù u fl-opra tas-salib: "*Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin*" (Rum 5:8). Din it-tpattija ta' Ġesù li biha hu għażel li jmut biex jifdina mid-dnub, hi ħierġa mill-imħabba ta' Alla li twassal għall-ħajja ġdida (Ef 2:4-5) u ta' Kristu stess "*li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija*" (Gal 2:20; Ef 5:2,25; Rum 8:37) u permezz tiegħu ksibna l-fidwa u l-ħelsien mid-dnub (Ef 1:7; Kol 1:14). Għalhekk din l-imħabba ta' Alla hi mħabba li ssalva miftuħa għall-bnedmin kollha partikularment dawk li jemmnu (1Tim 4:10).

Fl-imħabba tiegħu l-Missier għażel u ppredestina lill-Insara biex ikunu wlied adottivi permezz ta' Kristu (Ef 1:4-5). Xejn ma jista jifridhom minn din l-imħabba għaliex l-imħabba tinvolvihom ukoll fit-tbatijiet: "*It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla?*" (Rum 8:35). Pawlu jsemmi diversi drabi dawn it-tbatijiet li huma jġarrbu bħala wlied Alla biex jidħlu fis-Saltna ta' Alla (1Tes 3:3-4; 2Tes 1:5; 2Kor 11:23s). Minkejja dan kollu l-imħabba tati serħan personali kbir għaliex huma assikurati mir-rebħa minn Alla li jħobbhom tabilħaqq (Rum 8:37). Għax l-imħabba ta' Alla twassal biex l-Insara ikollhom il-kuraġġ kontinwu u t-tama li ma tiġix nieqsa (2Tes 2:16) li għad jiksbu l-glorja ta' Alla (Rum 5:2). Dan iseħħ fid-dawl tal-assikurazzjoni li l-imħabba ssaltan u Alla qatt mhu ser jabbandunahom. L-imħabba ta' Alla hi preċiżament l-istess bħal l-imħabba ta' Kristu (Rum 8:28-39). Huma magħżulin ukoll biex ikunu l-ewwel frott tal-fidwa bil-qdusija tal-Ispirtu s-Santu (2Tes 2:13; 1Tes 1:4).

Pawlu xi drabi jinsisti li l-imħabba ta' Alla hi msawba fil-qlub tal-bnedmin permezz tal-Ispirtu s-Santu li hu pleġġ u effett ta' din l-imħabba (Rum 5:5). L-imħabba hi ispirata fl-Insara bħala frott tal-Ispirtu fl-ewwel post (Gal 5:6); difatti f'15:30 jirreferi għaliha bħala "*l-imħabba tal-Ispirtu*". Dan iwassalna biex nilmħu d-dimensjoni trinitarja tal-imħabba divina. Din tidher ukoll jekk inħarsu lejn ir-realtà tal-Knisja. Il-Knisja ssib l-għeruq tagħha fil-grazzja ta' Kristu "*li ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha*" (Ef 5:25). Fil-Knisja Alla hu wkoll immanenti bħala qawwa li tħobb fl-Ispirtu s-Santu li jnissel u jinseġ l-għaqda fost dawk li jemmnu (2Kor 13:13). Mela fil-komunità hemm l-imħabba li tissawwar. Bħalma Alla hu Missier Ġesù Kristu, l-Ispirtu s-Santu hu identifikat bħala l-Ispirtu ta' Ġesù Kristu (Filip 1:19; ara wkoll Rum 8:2,9; Gal 4:6: "*l-Ispirtu ta' Ibnu*"). Il-Knisja hi l-familja ta' Alla, jiġifieri l-komunità ta' "*ulied Alla...permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù*" (Gal 3:26) u "*li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla*" (Rum 8:14). Pawlu jara wkoll fl-imħabba li Kristu kellu lejn il-Knisja bħala mudell tal-imħabba li l-irġiel għandhom juru lejn in-nisa tagħhom (Ef 5:25).

***L-imħabba tal-bniedem lejn Alla u Kristu***

Pawlu jitkellem ukoll mingħajr ebda ambigwità mill-imħabba tal-bniedem lejn Alla jew lejn Kristu. Għalkemm mhumiex ħafna t-testi f'dan is-sens, però fihom ġeneralment jitkellem mill-barkiet li l-bniedem jirċievi bħala frott ta' din l-imħabba. F'2Tes 3:5 jgħid: "*Jalla l-Mulej iwassal lil qlubkom għall-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu*". L-espressjoni "*l-imħabba ta' Alla*" hi preċeduta mill-prepożizzjoni '***eis***' u allura tirreferi primarjament għall-imħabba li l-Insara għandu jkollhom lejn Alla. Alla stess jidderiġi lil qalbhom lejn l-imħabba ta' Alla. Xi drabi hu diffiċli biex tiddetermina f'espressjonijiet simili jekk il-ġenittiv għandux ikun mifhum bħala suġġettiv jew oġġettiv. Iżda meta nitkellmu mill-imħabba tal-bniedem lejn Alla, irridu nieħdu f'kunsiderazzjoni fl-aħħar mill-aħħar, li din l-imħabba hi biss

parteċipazzjoni fl-imħabba li ġejja minn Alla, u hi msawba fina permezz tal-Ispirtu s-Santu. L-imħabba tal-bniedem hi respons għall-imħabba ta' Alla murija preċedentement, magħmulha possibbli bis-saħħa tal-grazzja ta' Alla u ssib l-espressjoni tagħha fir-radd il-ħajr partikularment fil-kuntest tal-kult (Ef 5:19; Kol 3:15; ara wkoll 2Kor 4:15; Filip 4:6; 1Tim 2:1) u fil-qadi lejn l-oħrajn.

F'xi testi li jitkellmu mill-imħabba tal-bniedem lejn Alla, Pawlu għandu quddiemu t-tradizzjoni tal-komunità, li hi f'kontinwità diretta mat-tagħlim ta' Ġesù. Hekk f'Rum 8:28 hu jafferma: "*Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejjħin skont il-providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom*". Hawn Pawlu jirreferi għall-ħsieb tiegħu dwar l-imħabba providenzjali ta' Alla. Imma l-Insara bħala msejħin u bħala ulied Alla li għandhom it-tama fil-wirt tas-Saltna tiegħu, għandhom iħobbu lil Alla. Meta jistieden lill-Korintin: "*fittxu l-imħabba*" (1Kor 14:1) Pawlu għandu fil-mira tiegħu l-imħabba lejn Alla u lejn il-bnedmin. L-Insara għandhom jifirħu u jimtlew bil-kuraġġ għall-ħsieb ta' "*dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh*" (2Kor 2:9). Hawn Pawlu jirreferi għall-Antik Testment, b'test li nsibuh f'Is 64:3-4: "*Widna qatt ma semgħet, għajn qatt ma rat Alla bħalek, Alla li jħabrek għal min jittama fih*". Fl-aħħar parti, minflok "*għal min jittama fih*" Pawlu jibdilha fil-frażi "*għal dawk li jħobbuh*", liema frażi għandha paralleli preċiżi fit-test Grieg tal-ittra ta' Ġakbu (1:12; 2:5). Din l-imħabba lejn Alla għandha għan eskatoloġiku.

Iżda dwar l-imħabba tal-bniedem lejn Alla, Pawlu għandu wkoll il-ħsieb oriġinali tipiku tiegħu. F'1Kor 8:3 jgħid: "*Jekk xi ħadd iħobb lil Alla, lil dan Alla jagħrfu*" (bl-użu tal-passiv li tindika azzjoni divina; ukoll Gal 4:9; 1Kor 13:12: f'din ma jissemmiex Alla fil-frażi imma jirreferi għalih). Min iħobb lil Alla se jkun magħruf minn Alla fis-sens tal-Antik Testment, jiġifieri maħbub minnu. Jekk inħobbu lil Alla dan għaliex hu ħabbna qabel fi Kristu. Hawn hu qed jagħmel kuntrast bejn l-imħabba li tibni u l-għerf ('***gnosis***') li jonfoħ lill-bniedem. Il-kuntest tad-diskors hu dwar jekk il-laħam offert lill-idoli għandux jittiekel. Imma l-problema kienet tolqot l-aktar dwar in-nuqqas ta' għarfien propju fir-relazzjoni li għandu jkun hemm fi ħdan il-komunità tal-Insara, il-knisja bħala l-ġisem ta' Kristu, dik tal-għaref lejn id-dgħajjef (1Kor 8:10-13). Kien meħtieġ li jidħlu aktar fil-fond tar-realtà spiritwali tal-ġisem għal aktar sens mutwu bejn il-membri li "*jaħsbu f'xulxin*" fit-tbatijiet u fil-ferħ (1Kor 12:25-26). Meta r-relazzjoni tissawwar unikament permezz tal-imħabba allura din tkun meqjusa bħala għarfien ta' Alla. Iżda bid-differenza mill-pretensjonijiet tal-kulti misteriċi Griegi li għandhom l-għarfien divin, f'din Pawlu hu aktar inklinat li jesprimiha b'mod aktar meqjus bħala inizjattiva ta' Alla u minflok jgħid "*lil dan Alla jagħrfu*".

Pawlu, bħall-bqija tat-Testment il-Ġdid, jitkellem ukoll mill-imħabba tagħna lejn Kristu. Hu jaf bl-imħabba ('***agapan/agape***') li n-nisrani għandu lejn Ġesù (Film 5), liema mħabba qatt ma tiġi nieqsa lejh (Ef 6:24). F'2Kor 5:14 Pawlu jgħid li "*l-imħabba ta' Kristu ġġegħelna naħsbu*": hawn il-ġenittiv jista' jkollu sens suggettiv fis-sens li l-imħabba ġejja minn Kristu u sens oggettiv li timplika l-mħabba tan-nisrani lejn Kristu. L-imħabba ta' Kristu dehret għall-fatt li hu miet għal kulħadd. Min-naħa l-oħra l-imħabba li Pawlu u oħrajn għandhom lejn Kristu ġġegħlhom biex jintefgħu fil-ħidma apostolika. F'1Kor 16:22 Pawlu juża wkoll il-verb '***philein***': "*Ħa jkun misħut jekk xi ħadd ma jħobbx il-Mulej*". Din hi twissija iebsa lejn dak in-nisrani li jonqos mill-imħabba tiegħu lejn Kristu.

***L-imħabba tal-bnedmin lejn xulxin***

Jekk fil-ħsieb tal-Lhud l-imħabba lejn l-oħrajn kienet imqiegħda fuq l-istess skala tal-kmandamenti l-oħra, fil-ħsieb Kristjan din għandha post ċentrali anzi uniku. Fit-Testment il-Ġdid, din l-imħabba lejn l-oħrajn li ta' spiss hi deskritta bħala l-imħabba lejn il-proxxmu, jidher li hi mqiegħda f'rabta tassew mill-

qrib mal-imħabba lejn Alla, u flimkien jiffurmaw il-qofol tal-Liġi (Mk 11:28-33). Pawlu jkompli jgħallem fi kliemu dan it-tagħlim lejn l-oħrajn li nsibu fil-Vanġeli Sinottiċi. Meta jitkellem mill-ħajja Kristjana u l-virtujiet marbuta magħha, l-eżortazzjonijiet dwar l-imħabba mutwa huma numerużi u jidħlu bħala parti sew f'din il-ħajja l-ġdida.

Din il-ħajja l-ġdida ġejja l-ewwel nett mill-fatt li Alla hu qaddis u jistenna li aħna bħala qaddejja tiegħu nkunu qaddisin u naħsdu l-frott tal-qdusija (Rum 6:22; 2Kor 7:1). Fuq kollox fil-ħajja Kristjana, aħna "*bħala wlied maħbuba*", għandna nixbħu lil Alla u nimxu fl-imħabba bħalma Kristu ħabbna (Ef 5:1-2). Jekk "*l-imħabba ta' Kristu ġġegħelna*" (2Kor 5:14), għandna nikbru f'xebħ miegħu, ngħixu mhux skont il-ġisem imma skont l-Ispirtu (Rum 8:5). Miġburin flimklien fl-imħabba, naslu "*għall-għarfien tal-misteru ta' Alla li hu Kristu*" (Kol 2:2) u magħqudin miegħu fil-ħajja tagħhom, l-Insara jkomplu jibnu ħajjithom fuqu u filwaqt li jissaħħu fil-fidi, jimtlew bil-gratitudni ('***eucharistia***': Kol 2:6-7). Din il-gratitudini mimlija mħabba ġejja mill-wirja tal-imħabba tal-bniedem bħala respons għall-imħabba preċedenti ta' Alla u li ssib l-espressjoni tagħha mhux biss fil-kult imma wkoll fl-imħabba lejn l-oħrajn. Dwar din l-imħabba lejn l-oħrajn Pawlu nnifsu juri lill-Insara li "*intom stess tgħallimtu mingħand Alla kif għandkom tħobbu lil xulxin*" (1Tes 4:9).

Dan id-dmir tal-imħabba lejn l-oħrajn Pawlu jara fih it-twettiq u l-milja tal-liġi kollha għax fih jinġabru l-kmandamenti l-oħra. Inġibu hawn żewġ testi ewlenin dwar l-imħabba lejn l-oħrajn. Bħala nsara li ġew imsejħa biex jgħixu ta' nies ħielsa bis-saħħa tal-ħelsien li ġab Kristu, Pawlu jkompli jfakkarhom "*imma tinqdewx b'dan il-ħelsien għall-ġisem, iżda aqdu lil xulxin fl-imħabba. Il-Liġi kollha tinġabar f'liġi waħda: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'*" (Gal 5:13-14; ara Mt 19:19; Lq 10:27: dan il-kmandament insibuh f'Lev 19:18). Fl-ittra lir-Rumani jinsisti fuq dan id-dmir: "*Tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb ikun iħares il-bqija tal-Liġi. Għax il-kmandamenti: 'La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib', u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: 'Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek'*". Hu jkompli jżid jgħid: "*L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-Liġi*" (Rum 13:8-10).

Jekk fl-Antik Testment għajrek jew il-proxxmu kienet tfisser nies tal-familja tiegħek jew Iżraelin bħalek, fit-Testment il-Ġdid it-tifsira titwessa' u tinkludi anke lill-għedewwa (Mt 5:44; Lq 6:27) u lill-barranin (Lq 10:25-37; ara 17:18). Bħalma l-imħabba ta' Alla hi mifruxa għall-bnedmin kollha, anke l-bnedmin għandhom iħobbu lill-oħrajn kollha mingħajr ma jeskludu lil ħadd. Fil-kuntrast li Ġesù għamel f'dan ir-rigward bejn: "*Smajtu x'intqal...imma jien ngħidilkom*", toħroġ qawwija d-differenza u s-superjorità tat-Testment il-Ġdid ħdejn dak li kien jiddomina l-ħajja fost il-Lhud fil-liġi l-qadima. Pawlu fit-tagħlim tiegħu mexa fuq dan l-istess prinċipju mmexxi mill-imħabba. Għalhekk fil-ħajja nisranija tagħhom l-Insara għandhom iqisu li l-imħabba tagħhom tkun ġenwina li fil-konkret timplika diversi ħwejjeġ kif isemmi f'Rum 12:9-20. Filwaqt li jfittxu li jħobbu ('***philostorgos***': imħabba li turi affezzjoni) lil xulxin bħal aħwa ('***philadelphia***': dawn il-kelmiet f'Rum 12:10 iridu jimplikaw li l-komunità Kristjana hi aktar minn soċjetà imma familja), jistmaw lil xulxin u jaqsmu ġidhom ma' min hu fil-bżonn, huma jkunu lesti li jmorru aktar 'il hemm fil-wirja tal-imħabba. Fl-ispirtu ta' Ġesù, Pawlu jinsisti magħhom għall-attitudni fl-imħabba lejn il-barranin u l-għedewwa: "*ilqgħu f'darkom lill-barranin* (ara Mt 25:35s). *Bierku lil dawk li jippersegwitawkom; bierku, u la tisħtu lil ħadd* (ara Mt 5:44; Lq 6:28)...*troddu lil ħadd deni b'deni...tivvendikawx ruħkom b'idejkom* (ara Mt 5:39)...*Jekk l-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk hu bil-għatx, isqih*" (ara Mt 25:35).

Pawlu kellu ħeġġa kbira li l-komunitajiet Insara jgħixu fl-imħabba. Il-ferħ tiegħu kien li "*jkollkom l-istess imħabba, u ruħ waħda u ħsieb wieħed*" (Filip 2:2), mingħajr pika jew ftaħir fieragħ. Immexxija minn sens ta' umiltà wieħed ifittex mhux dak li jaqbillu imma dak li jaqbel lil ħaddieħor. Bħala magħżulin ta' Alla huma msejħin biex jgħixu l-ħajja ġdida tagħhom fi Kristu mlibbsin b'sentimenti ta' virtù, fosthom l-umiltà, il-ħlewwa, is-sabar, ħniena, u fuq kollox li jħobbu lil xulxin: "*ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni*" (Kol 3:12-14; Ef 4:1-3). Dan kollu jġib l-għaqda u s-sliem fosthom.

Meta Pawlu jeżorta lill-Insara biex jimxu fl-imħabba f'xebħ ma' Alla u fuq l-eżempju ta' Kristu (Ef 5:1-2), il-ħarsa tiegħu hi waħda universali li ma tippermettix ħitan soċjali, razzjali jew kulturali (Gal 3:28) u kull kategorija soċjali tidħol fil-qafas tar-regola tal-ħajja ġdida. Fil-ħajja tal-miżżewġin għandu jkun hemm ir-rispett bejn ir-raġel u l-mara u l-imħabba bejniethom għandha tidher fl-aqwa forma tagħha fuq il-mudell tal-imħabba li qatt ma tiġi nieqsa bejn Kristu u l-Knisja. "*Għalhekk intom ukoll, kull wieħed minnkom, għandu jħobb lil martu bħalu nnifsu, u l-mara għandha ġġib rispett lil żewġha*" (Ef 5:25-33; Kol 3:18-19). Dan l-ambjent tal-imħabba għandu jkompli jissawwar fil-familja billi l-ulied għandhom jisimgħu mill-ġenituri tagħhom skont il-kmand tal-Mulej (Ef 6:1-3; Kol 3:20), filwaqt li l-ġenituri għandhom l-għożża ta' wliedhom (ara Ef 6:4; Kol 3:21). Pawlu jeżorta wkoll għall-aħjar relazzjoni bejn is-sidien u l-ilsiera (ara Ef 6:5-9; Kol 3: 2-4:10; saħansitra s-sid imqanqal mill-imħabba (Film 5,7,9) jilqa' lill-ilsir "*mhux iktar bħala ilsir, imma xi ħaġa iktar minn ilsir, bħala ħuk għażiż*" ('***adelphon agapēton***': v 16).

Fil-ħsieb ta' Pawlu l-imħabba hi mqiegħda bħala prinċipju li tiggwida diversi aspetti oħra fil-ħajja tal-Insara. Hu jwissi kontra xi tfixkil jew skandlu lejn l-oħrajn. Minkejja l-libertà li jgawdi l-individwu, hemm anke r-responsabilità għall-edifikazzjoni tal-oħrajn, partikularment lejn min hu dgħajjef fil-fidi (ara 1Kor 8:9) u għalhekk m'għandux iqisqiesu biss (ara 1Kor 10:24), altrimenti "*ma tkunx qiegħed timxi bl-imħabba*" (Rum 14:15; ara Rum 14; 1Kor 10:23-30). Mela n-nisrani għandu jkollu r-rispett lejn il-kuxjenza tal-oħrajn fl-ispirtu li "*l-imħabba tibnina*" (1Kor 8:1). L-imħabba għandha tmexxi wkoll lill-komunitajiet Insara fil-ministeru ta' għajnuna biex jgħinu lill-foqra bil-ġenerożità tagħhom. B'dan il-mod huma jagħtu xhieda ta mħabbithom quddiem l-oħrajn u jistgħanu f'din il-ħidma ta' ħniena (2Kor 8:7-8,24). Anke meta seħħet fl-eqqel tagħha l-kriżi fir-relazzjonijiet bejn Pawlu u l-komunità ta' Korintu, hu kellu jċanfar lil din il-komunità b'għafsa ta' qalb, u dan għamlu biex jurihom l-imħabba tiegħu bla tarf lejhom (2Kor 2:4; 1Kor 16:24). Hu kien ta' eżempju għall-komunitajiet Insara meta ħafer lil min kien offendieh u wissiehom biex huma wkoll jagħmlu l-istess b'turija ta' mħabba (2Kor 2:6-11). Kien ukoll imġiegħel mill-imħabba ta' Kristu fl-impenn tiegħu tal-ministeru tal-ħbiberija fost l-Insara biex isseħħ ir-rikonċiljazzjoni tal-bnedmin ma' Alla (2Kor 5:14-20). Dawn l-aspetti varji juru kemm l-imħabba lejn l-oħrajn kienet ċentrali fil-ħajja ta' Pawlu, u anke meta din kienet tirrikjedi sagrifiċċju mhux żgħir għalih, l-imħabba hi preżenti fost il-ħafna kwalitajiet u virtujiet oħra biex tikkaratterizza l-ministeru tiegħu (2Kor 6:6; ara wkoll 11:11; 12:15).

Dawn il-ħafna eżempji ta' għemejjel ta' imħabba huma frott mhux l-inizjattiva umana, imma huma mwettqa minħabba l-grazzja li Alla jagħti permezz ta' Kristu li "*jqawwilkom qalbkom u jsaħħaħkom f'kull għemil u kelma tajba*" (2Tes 2:16-17). It-tweġiba tal-bnedmin għall-imħabba ta' Alla lejna fi Kristu tagħmilhom ikunu "*mimlijin bil-frott tal-ġustizzja*" (Filip 1:9-11). F'dan il-kwadru Pawlu jgħaqqad ta' spiss l-imħabba mal-fidi u t-tama: "*Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba*" (1Kor 13:13; ara 1Tes 1:3; 5:8; Gal 5:5-6; Rum 5:1-8). Din l-imħabba hi possibli għaliex hi mibnija fuq il-fidi fl-imħabba salvifika tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu: "*Iżda Alla wriena l-imħabba*

*tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin*" (Rum 5:8; Ef 3:17; ara Gal 2:20); u vera fidi "*taħdem permezz tal-imħabba*" (Gal 5:6). L-imħabba hi marbuta wkoll mat-tama għax hi mogħtija lil min jemmen bħala don mill-Ispirtu s-Santu, biex filwaqt li ngħixha fil-preżent, tkun sinjal tal-milja futura mistennija bit-tama. "*U din it-tama ma tqarrqax bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawwbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna*" (Rum 5:5). Meta Pawlu jelenka l-frott tal-Ispirtu f'kuntrast mal-għemejjel tal-ġisem, isemmi l-ewwel l-imħabba (Gal 5:22).

L-akbar testment li ħalla Pawlu, mingħajr ebda dubju frott ħsibijietu dwar il-kobor u l-glorja tal-vera mħabba, hu l-innu f'1Kor 13. Forsi mhix daqstant aċċidentali li dan l-innu tal-imħabba jidher fl-ittra indirizzata lill-Insara tal-belt ta' Korintu li kienet waħda miċ-ċentri kultiċi ta' Afrodite, l-alla mara tal-imħabba, flimkien ma' Eros. F'dan l-innu għandna l-kelma '***agape***' użata f'sens assolut, jiġifieri mingħajr ma jissemma l-ebda oġġett b'mod espliċitu. Dan l-użu assolut hu pjuttost frekwenti f'Pawlu. Xi drabi hu diffiċli biex tiddeċiedi jekk hux qed jirreferi għall-imħabba ta' Alla (skont il-Missirijiet Latini u studjużi oħra) jew l-imħabba lejn l-oħrajn partikularment bejn l-Insara (skont il-Missirijiet Griegi u studjużi oħra). Hemm oħrajn li jaraw bħala oġġett tagħha kemm Alla u l-bniedem.

Din l-imħabba bħal toħloq ambjent li fih Alla u l-Insara jgħixu flimkien. Hi tidħol fil-ħajja Kristjana kemm komunitarja jew individwali. Issa jekk wieħed iħares lejn il-kuntest li fih insibu dan l-innu, forsi toħroġ l-impressjoni li hawnhekk Pawlu qed jittratta mir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin, partikularment fost il-membri tal-Knisja (ara 1Kor 12:27s). Fl-innu Pawlu juri li l-imħabba tiżboq kull don ieħor u li xejn ma għandu siwi jew valur mingħajrha. Imsawra minn karatteristiċi pożittivi, l-imħabba hi dejjem rilevanti u tibqa' dejjem. Imma l-milja tal-imħabba tinsab f'Alla. Fi kliem San Ġwann: "*Alla hu mħabba*" (1Ġw 4:8), iżda din il-frażi qatt mhi palindromu li tagħmel mill-imħabba xi alla stil Grieg fil-figura ta' Afrodite. Pawlu bħal Ġwanni, jara aktar x'inhi l-imħabba billi jħares lejn Alla li tant jħobb perfettament u jara x'għamel Alla għall-bnedmin: "*Imma Alla għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu*" (Ef 2:4-5; ara 1Ġw 3:1,16; 4:9-10).

# IT-TALB, IS-SAWM U L-KARITÀ

minn Fr Charles Buttigieg

2021

**It-Talb lil Alla**

Il-Bibbja kontinwament turi l-bniedem fqir fl-ispirtu jdur lejn Alla għall-għajnuna. Hekk ukoll naraw fl-erba' Evanġelji speċjalment fl-Evanġelju skont San Luqa. Ħafna biblisti jsejħu lil San Luqa bħala l-evanġelista tat-talb. Tajjeb li ngħidu hawnhekk li San Luqa kiteb kwart tat-Testment il-Ġdid. Huwa juża varjetà kbira ta' kliem Grieg li għandu x'jaqsam mat-talb. Infatti t-talb jissemma madwar 65 darba fl-Evanġelju tiegħu, fejn għandna madwar 25 kelma differenti fosthom insibu: *proseuche* (li nsibuha 22 darba u 25 darba fl-Atti); *deesis* (19 il-darba), *enteuxis*; *euchomai*, *aiteo* u *erotao*. Naraw diversi forom ta' talb: tpattija tad-dnubiet, bħala tfittxija ta' Alla; petizzjoni; għajnuna, għall-fejqan, ta' fiduċja, ringrazzjament, tifħir u glorja lil Alla (ara Luqa 2:36–38; 3:21; 4:42; 5:16; 6:12; 9:18.29; 10:21–23; 11:1–4, 5–8, 9–13; 18:1–8; 18:9–14; 21:36; 22:39–46). Skont il-biblista Harris: "*The primary signifcance of prayer in Luke's thought is that it serves as an important way in which the divine plan of salvation is made known*". Insibu ukoll f'Luqa l-muntanja u d-deżert u diversi postijiet marbuta mat-talb.

San Luqa jagħmel enfasi kbira fuq il-mumenti li fihom Ġesù talab, kif ukoll dawk il-mumenti li fihom Ġesù għallem dwar it-talb. Huma ħafna dawk imbagħad il-persunaġġi li huma marbuta ma' dan l-ispirtu tat-talb; insemmu lil Żakkarija; Eliżabetta; il-Madonna; ix-xwejjaħ Xmun fit-Tempju u l-profetissa Anna. Insemmu fuq kollox it-tliet innijiet ta' talb per eċċellenza, il-*Benedictus* (1:68-79), il-*Magnificat* (1:46-55) u n-*Nunc Dimittis* (2:29-32) li huma tassew tifħir lil Alla għal kull ma għamel mal-poplu tiegħu. Insibu ħafna messaġġi ta' talb fil-kuntest tal-parabboli u l-maħfra u l-ħniena ta' Alla.

Ta' min jinnota wkoll ir-rabta kbira tal-fidi mat-talb: "Qalu l-Appostli lill-Mulej: 'Żidilna t-twemmin'" (17:5). Insibu ukoll it-talba ta' ringrazzjament tal-imġiddem: "Malli ra wieħed minnhom li fieq, reġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla, u ntefa' wiċċu fl-art f'riġlejh jiżżih ħajr. Kien dan Samaritan" (17:15-16); kif ukoll ma nistgħux ninsew it-talba tal-ħalliel it-tajjeb: "Ġesù, ftakar fija meta tiġi fis-saltna tiegħek" (23:42). Fl-aħħar tal-Evanġelju San Luqa jkompli juri din l-importanza tat-talb billi jgħid li l-appostli talbu wara li raw lil Ġesù tiela s-sema: "Hu u jberikhom infired minnhom u kien meħud fis-sema. Huma qimuh u reġgħu lura lejn Ġerusalemm b'ferħ kbir. U kienu joqogħdu dejjem fit-tempju jfaħħru u jbierku lil Alla" (24:52-53).

Ġesù f'San Luqa jgħallem it-talb; fuq kollox jibda mill-appostli billi jgħallimhom it-talba tal-Missierna fil-kuntest tal-vjaġġ lejn Ġerusalemm (11:2-4; ara ukoll Mt 6:9-13). Ġesù jgħallem ukoll biex jitolbu għall-maħfra: "bierku lil dawk li jisthukom, itolbu għal dawk li jqassu fuqkom" (6:28). Jgħallimhom ukoll jitolbu biex il-ħidma u s-saltna ta' Alla tkompli tikber: "Il-ħsad kbir, imma l-ħaddiema ftit; itolbu mela lil sid l-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (10:2). Il-ħtieġa li jitolbu dejjem narawha fil-kuntest tax-tixbiha tal-ħabib li mar jitlob lil ħabibu f'nofs ta' lejl: "Għalhekk ngħidilkom: itolbu u jingħatalkom: fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom" (11:9), u fit-tixbiha l-oħra tal-armla u l-imħallef (ara 18:1-8). U qabel l-aħħar ċena proprju Ġesù jkompli jħeġġiġhom sabiex jitolbu dejjem: "Mela ishru dejjem u itolbu biex ikun jistħoqqilkom taħarbu dan kollu li għandu jiġri u tieqfu quddiem Bin il-Bniedem" (21:36). It-talb fuq kollox irid jkun wieħed umli u sinċier u mhux għal għajn in-nies, kif naraw fil-parabbola tal-Fariżew u l-pubblikan f'18:9-14.

Ir-Randan huwa żmien importanti fejn nistgħu nitolbu. Huwa żmien tajjeb għal dawk kollha li jixtiequ jagħmlu mixja mal-Kelma ta' Alla ta' kuljum u l-meditazzjonijiet f'gruppijiet ta' talb u laqgħat ta' kategoriji diversi fil-parroċċi. Fuq kollox wieħed għandu jfittex l-opportunità tal-eżerċizzi u għall-predikazzjoni bibblika. Tajjeb ukoll li wieħed jistrieħ ftit mir-ritmu sfrenat tal-ħajja u jinġabar għal ftit jiem waħdu mal-Mulej f'irtir personali jew f'*'directed retreat'* jew inkella f'irtiri ta' gruppi. Niftakru f'din l-frażi flimkien ma' ħafna oħrajn li jibqgħu stampati f'qalbna għal ħajjitna kollha: "L-ikbar sfortuna li kull min hu Kristjan tista' tiġrilu, hi li ma jkunx konxju li Alla jgħix ġo fih."

**Il-Ġuħ tas-Sawm**

Ġesù jibda proprju l-ministeru pubbliku tiegħu mill-prova tad-deżert. Fid-deżert Ġesù jgħaddi mill-prova tat-tentazzjonijiet kif inhu rrakkontat fl-Evanġelji sinottiċi: ta' San Mattew (4:1-11); ta' San Mark (1:12-13) u San Luqa (4:1-13). L-ewwel waħda minn dawn it-tentazzjonjiet li Ġesù, sajjem għall-erbgħin jum, kellu mix-xitan hija dik tal-ġebel li jsir ħobż: "Iżda Ġesù wieġbu: 'Hemm miktub: Il-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla'." (Mt 4:4). San Luqa jikteb biss: "Hemm miktub li l-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix" (Lq 4:4), waqt li San Mark isemmi biss li kien imgarrab mix-xitan mingħajr ma jsemmi t-tentazzjonjiet. 'Hemm miktub' (bil-grieg: *'gegraptai hoti'*), huwa riferiment għall-Antik Testment, eżattament kwotazzjoni mill-vers 3 tal-kapitlu 8 tal-ktieb tad-Dewteronomju: "Huwa ċekknek, ried li tbati l-ġuħ, imbagħad temgħek il-manna, li la int u lanqas missirijietek ma kontu qatt tafu biha, biex jurik li mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem, imma b'dak kollu li joħroġ minn fomm il-Mulej, b'dan igħix il-bniedem". Dan ir-riferiment mela juri li minbarra l-ħobż materjali hemm ikel ieħor li huwa importanti u li l-bniedem għandu tassew bżonn spiritwalment għaliex huwa l-veru ikel tas-salvazzjoni.  X'inhu dan l-ikel veru li minnu jitkellem Kristu?

L-ewwelnett il-bniedem għandu jfittex dak il-għerf tassew li hu veru u ma fih ebda ingann. Dan il-ikel nirċievuh permezz tal-fidi li ddaħħalna f'din l-avventura ta' Alla. Hekk jippreżenta ruħu, l-Għerf ta' Alla bħala ikel fl-Antik Testment: "Ejjew, kulu l-ħobż tiegħi u ixorbu l-inbid li ħejjejt għalikom" (Prov 9:5). Bl-Għerf, Alla sawwar il-bniedem u jkompli jmantnih: "Alla ta' missirijietna, Mulej tal-ħniena, int għamilt kollox bil-kelma tiegħek, u bil-għerf tiegħek sawwart il-bniedem, biex isaltan fuq il-ħlejjaq li int għamilt'' (Għerf 9 :1-2). Fit-tielet Isaija wara l-eżilju nsibu: "Jaqaw mhuwiex dan is-sawm li jiena rrid, jiġifieri, li tħoll l-irbit tal-ħażen, u tqaċċat ix-xkiel tal-madmad, li tibgħat ħielsa l-maħqurin u tkisser kull madmad?" (Is 58:6). Fil-Ġdid Testment naraw lil Ġesù wara l-laqgħa tiegħu mal-mara samaritana, fejn id-dixxipli qalulu sabiex jiekol, u hu weġibhom : "Jien għandi ikel x'niekol li intom ma tafux bih… L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bgħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu." (Ġw 4:32-34). Fid-Diskors tal-Muntanja, Ġesù juri biċ-ċar li min ifittex il-verità u l-ġustizzja ta' Alla jkun imxebbgħa: "Ħenjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin" (Mt 5:6). Għalhekk il-bniedem jirċievi tassew ikel veru kull darba li jfittex u jiltaqa' ma' Alla, għaliex dan Alla jurih il-kobor tal-Għerf u tar-Rieda tiegħu.

**L-Ikel tal-Kelma ta' Alla**

Alla jkellem lill-bniedem billi jitimgħu bl-ikel tal-lingwaġġ tal-Imħabba tiegħu. Il-Kelma ta' Alla hi tassew ikel għall-bniedem u l-bniedem għandu tassew jgħożżha f'qalbu: "Ma xħittx wara dahri l-kmandamenti ta' xofftejh, għożżejt f'qalbi d-digrieti ta' fommu'' (Ġob 23:12).  Hekk jgħid il-Mulej lill-profeta Eżejkel: "Bin Adam, kul dak kollu li ssib; kul dan il-ktieb, u mbagħad mur u kellem lid-dar ta' Iżrael… ħa jibilgħu l-istonku tiegħek, u jimtlew il-ġewwieni tiegħek b'dan il-ktieb li qiegħed nagħtik. Jien kiltu, u f'ħalqi

ħassejtu ħelu għasel" (Eżekjel 3:1-3). Il-liturġija tal-Kelma fl-ewwel parti tal-Quddiesa turina dan l-aspett tal-mejda tal-Ikel tal-Kelma ta' Alla, li twassalna għall-mejda l-oħra dik tal-Ikel tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu fil-liturġija tal-Ewkaristija. L-eremiti u l-patrijiet tad-deżert kienu jiċċaħħdu mill-ikel tad-dinja u 'jieklu' l-ikel tal-qari tal-Kelma ta' Alla.

Ġesù jagħtina ukoll Ġismu u Demmu fl-Ewkaristija bħala ikel veru għalina: "Għax ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu xorb tassew" (Ġw 6:55). Infatti Ġesù wara li għamel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż għamel diskors twil u importanti dwar l-Ewkaristija fis-sinagoga ta' Kafarnahum. Hawnhekk Ġesù tkellem minn ikel li ma jispiċċax, mhux bħal dak tal-manna tad-deżert li kienet tispiċċa, imma minn ħobż li jibqa' għal dejjem: "Tassew tassew ngħidilkom, mhux Mosè takom il-ħobż mis-sema, iżda Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-sema, għaliex il-ħobż ta' Alla huwa dak li jinżel mis-sema u jagħti l-ħajja lid-dinja" (Ġw 6:32-33). Hawnhekk Ġesù jitkellem mill-ħobż tassew u veru (bil-Grieg: *'alethinos'*): "Aħdmu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6:27).

Kif qegħdin naraw mela l-Bibbja hija mimlija immaġni ta' ikliet, ħobż, ilma u inbid, li joffri Alla kontinwament lill-bniedem, għaliex dak li joħroġ mill-moħħ, mill-fomm u mill-qalb ta' Alla huwa dejjem ikel għall-bniedem: "U jagħmel il-Mulej tal-ezerċti għall-popli kollha fuq din il-muntanja, mejda b'ikel fin, mejda bi nbejjed ħelwa, b'laħam imsemmen bil-mudullun, u nbejjed fini" (Isaija 25:6). It-talba għal dan l-ikel veru narawha ukoll fiċ-ċentru tat-talba tal-Missierna: "Agħtina kuljum il-ħobż tagħna ta' kuljum" (Lq 11:3). San Nikolai tal-Ortodossi għandu talba sabiħa hawnhekk: "Ħalli lil ruħi tiekol lil Alla ħalli tiġi nkurunata bil-ħajja eterna, ħalli lil moħħi jiekol lil Alla ħalli jkun inkurunat bl-għerf etern, ħalli lil qalbi tiekol lil Alla ħalli tiġi nkurunata mill-ferħ etern".

Ir-Randan mela għandu jkun din l-okkażjoni biex insibu dan l-ikel veru li jixtieq jitmagħna l-Mulej. Dan nistgħu nakkwistawh bit-talb, bis-sawm u bil-karità, imma fuq kollox permezz tal-Ewkaristija ta' kuljum u bis-smigħ tal-Għerf u tal-Kelma ta' Alla f'tant eżerċizzi u laqgħat li jkollna fil-parroċċi.

**Il-Karità Nisranija**

Ma' dawn l-esperjenzi, ir-Randan huwa stedina għal impenn veru u għall-karità, li ma niddejqux 'naħlu' l-ħin tagħna mal-proxxmu, għaliex Alla hu preżenti fil-proxxmu. Kristu hu t-teżor tassew imprezzabbli għal qalb il-bniedem li qegħda tfittex il-Verità u l-Imħabba ta' Kristu. Ir-Randan huwa fuq kollox żmien fejn nistgħu neżerċitaw l-opri tal-ħniena, kemm dawk li jmissu l-ġisem kif ukol dawk li jmissu r-ruħ. Niktakru li "il-karità tgħatti kotra ta' dnubiet" (1 Pt 4:8).

Din l-karità nisranija hija meqjusa u elenkata bħala l-ewwel mill-frott tal-Ispirtu s-Santu: "Il-frott tal-Ispirtu huma: l-imħabba, il-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi." (Galatin 5:22-23). Hija fuq kollox għal San Pawl il-bażi tal-liġi: "Il-liġi kollha tinġabar f'liġi waħda: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'" (Galatin 5:14). Mela San Pawl iħares lejn din l-imħabba bħala l-liġi ta' Kristu: "Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin, u hekk tkunu qegħdin tħarsu l-liġi ta' Kristu" (Galatin 6:2). L-imħabha mela hija l-qofol tal-liġi l-ġdida fi Kristu: "Tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb iħares il-bqija tal-liġi. Għax il-kmandamenti: 'La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib', u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: 'Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek'. L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-liġi." (Rumani 13:8-10). Bħala Nsara għalhekk għandna nieħdu ħsieb xulxin: "B'hekk ma jkunx hemm firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jaħsbu f'xulxin: jekk membru jbati, ibatu lkoll

miegħu; jekk membru jitfaħħar, jifirħu lkoll miegħu." (1 Korintin 12:25-26); "Ħalli nfittxu, mela, dak li jġib is-sliem u dak li jservi għall-edifikazzjoni ta' xulxin." (Rumani 14:19).

L-ikbar rigal li nistgħu nagħtu lil xulxin hija l-imħabba, għaliex kif tgħid Santa Tereża ta' Kalkutta: "Fejn hemm imħabba kbira, hemm dejjem mirakli kbar".

**Biblijografija**


Bevan, S., "Proskynesis in the synoptics: A textual analysis of proskyneo and Jesus", in *Studia Antiqua* 14 (2015) 1-14

BOTTINI, G.C., *Introduzione all'Opera di Luca. Aspetti teologici,* Studium Biblicum Franciscanum Analecta 35, Jerusalem 1992.

Chrupcala, L.D., "La prassi orante di Ġesu' nella catechesi Lucana", in *LA* 49 (1999) 101-136.

CONZELMANN, H., *The Theology of St. Luke*, Philadelphia (PA) 1981.

FAUSTI, S., *Una Comunità legge il Vangelo di Luca*, Bologna 2001.

Frend, W.H.C., *The Rise of Christianity*, Philadelphia (PA) 1984.

Gonzalez, J.L., *The Story of Christianity*, I, Peabody (MA) 1984.

Grant, R.M, *The sword and the cross*, New York 1955.

Harris, L., "Prayer in the Gospel of Luke", in *SwTJ* 10 [1967] 59.

JOHNSON, L.K., *Gospel of Luke*, Sacra Pagina 3, Collegeville (MN) 1991.

Martini, C.M., *Il Discorso della Montagna. Meditazioni*, Milano 2006.

*"Imma jekk il-midneb jerġa' lura mid-dnub li jkun għamel*
*u jagħmel is-sewwa u l-ġustizzja, hu jsalva ruhu"*
*Eżekjel* 18:28

# ID-DNUB, IL-KONVERŻJONI U L-MAĦFRA

Minn Fr Charles Buttigieg

2021

**Id-dnub bħala firda minn Alla**

Il-lingwaġġ bibliku għall-kelma 'dnub' huwa dejjem offiża kontra Alla. Fil-Lhudi għandna l-kelma *hata'* li tfisser 'żball', 'ħtija', 'li ma timxix bid-dritt'; jew 'ma timxix sewwa' ma' Alla. Fil-Malti għandna l-kelmiet 'ħtija' jew 'ħati' li joqorbu ħafna lejn l-għerq Lhudi. Il-kelma Griega għal 'dnub' hija '*hamartia'* li tfisser 'li tiżbalja fil-mira', 'ma tolqotx', 'tiżvija', għaliex tassew id-dnub huwa li tiżvija mit-triq ta' Alla u ma tilħaqx il-għan tiegħek bħala bniedem, li hu Alla.

Fil-kapitlu 3 tal-ktieb tal-Ġenesi naraw l-ewwel waqgħa tal-bniedem, imkaxkar wara l-ħażen u t-tentazzjoni tas-serp u mkeċċi minn Alla mill-Ġnien tal-Għeden. Bid-dnub inkisret l-armonijia oriġinali li kien hemm bejn il-bniedem u Alla, u nkisret ukoll l-armonija bejnu u l-istess natura ta' madwaru. L-ewwel firda mela li joħloq id-dnub, hija dik minn Alla. Id-dnub tal-poplu ta' Alla fir-Rabta l-Qadima kien dejjem meta kien jikser il-patt tiegħu ma' Alla u għalhekk kien jinfired minnu. Il-profeti matul l-istorja twila tagħhom dejjem ċanfru lil Iżrael għall-infedeltà tiegħu ma' Alla.

Ir-realtà tad-dnub narawha ukoll fl-esperjenza tal-ulied tal-ewwel ġenituri tagħna, fejn Kajjin bl-għira joqtol lil ħuh Abel: "U kif kienu fir-raba' Kajjin qam għal ħuh Abel u qatlu" (Ġen 4:8). Anke s-suppervja tal-bniedem twasslu biex jinfired mill-aħwa tiegħu kif ġara fl-episodju tat-torri ta' Babel f'Ġenesi 11:1-8, fejn ħadd ma seta' jifhem lill-ieħor u b'hekk tfarrak il-proġett tal-bniedem fil-bini ta' dan it-torri għoli. Mela d-dnub joħloq firda bejn l-aħwa, firda fil-familja u fil-komunità.

Id-dnub iwassal sabiex tinfired fik innifsek għax titlef il-paċi tal-qalb. Il-ktieb tal-Proverbji jesprimi dan il-ħsieb b'mod ċar f'29:6: "Bi ħżunietu l-ħażin jinqabad f'nassa." Bid-dnub il-bniedem jiċħad lil Alla, jinfired minn mal-familja tiegħu u jfarrak lilu nnifsu għax jagħma u ma jibqax jara kif suppost.

Bid-dnub mela, il-bniedem jitbiegħed minn Alla, imma Alla qatt ma jinsa lill-bniedem. Alla, għax hu 'Imħabba', wiegħed is-salvazzjoni lill-bniedem u li r-rebħa tiegħu tkun waħda kbira quddiem ix-xitan: "U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu" (Ġenesi 3:15). Dan it-test huwa msejjaħ bħala 'protovanġelu' jiġifieri l-ewwel Vanġelu ta' tama u ta' ħelsien mill-ħażen. Alla wara d-dnub lest li jagħti mill-ġdid lill-bniedem libsa ġdida u jerġa' jagħtih id-dinjità li tixraqlu: "U l-Mulej Alla għamel lil Adam u lil martu ħwejjeġ tal-ġild u libbishomlhom" (Ġenesi 3:21). L-Għid tal-Lhud hi din l-istorja memorabbli ta' meta Alla ħeles lill-poplu mill-jasar tal-Eġittu (bl-ebrajk: *mizraim*, li tfisser 'madmad'), fejn il-poplu ġie 'maħruġ' mit-toqol tad-dnub u b'hekk ġie 'mifdi' u ppurifikat fl-erbgħin sena tad-deżert u b'hekk sar poplu ħieles (ara Eżodu 2:23). Il-profeta Eżekjel, taż-żmien l-eżilju f'Babilonja f'18:20 jgħidilna li: "Il-Mulej li ma jieħux pjaċir bil-mewt ta' ħadd imma jistieden lil kulħadd għall-konverżjoni u għall-indiema". Għalhekk dawn l-esperjenzi tal-poplu fl-eżodu u fl-eżilju jurina l-imħabba ta' Alla li tilħaq il-qofol tagħha fi Kristu: "Għax

Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu il-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġwanni 3:16). Jalla nagħmlu din l-esperjenza ta' konverżjoni mid-dlam tad-dnub għad-dawl tal-grazzja li tana Kristu bil-qawmien tiegħu.

**Il-'Konverżjoni' fil-Bibbja**

Ġesù beda l-missjoni tiegħu b'sejħa għall-konverżjoni: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1:15). Il-kelma Lhudija għall-'konverżjoni' hija '*xuv*', li tfisser 'terġa' lura', 'iddur', 'ritorn', 'tirrestawra', 'tiġġedded', iddur lejn l-oriġini, mela ddur lejn Alla, *'conversi ad Dominum'* (ara Ġer 2:27). Din il-kelma nsibuha 1050 darba fl-Antik Testament, wieħed mill-iktar verbi frekwenti fl-Antik Testament. Il-kelma Griega '*metanoia*' hi iktar profonda u tfisser 'bidla fil-Ħsieb' (*meta* - bidla, *noeo* - ħsieb) bidla fil-mentalità, bidla fil-moħħ, bidla fir-ruħ. Fl-Atti tal-Appostli 9:35; 11:21; 15:3 għandna kelma Griega oħra, '*epistropho*' li tfisser bidla fil-kondotta tal-ħajja: "In-nies kollha li kienu joqoghdu f'Lidda u f'Saron rawh u daru (*epestrepsan*) lejn il-Mulej" (9:35). F'Mattew 18:3 fil-kuntest ta' min hu l-ikbar fis-saltana ta' Alla għandna ukoll din il-kelma Griega '*straphete*' mill-verb '*strepho*'. Il-konverżjoni hija fuq kollox sejħa sabiex dejjem nimmaturaw fil-fidi u niġġeddu fi Kristu.

Interessanti ukoll li nsemmu r-rabta tan-numru erbgħin fil-Bibbja mal-konverżjoni. In-numru erbgħin huwa dejjem marbut ma' żmien ta' rikonċiljazzjoni tant mixtieqa. Għandna l-erbgħin jum u l-erbgħin lejl tad-dilluvju f'Ġenesi 7:11; l-erbgħin sena tal-poplu jiġġerra fid-deżert qabel ma daħal fl-Art Imwegħda f'Numri 14:34; Mosè jdum erbgħin jum u erbgħin lejl fuq is-Sinaj (Eż 24:18); diversi imħallfin u slaten damu erbgħin sena (ara Imħallfin 3:11; 5:31; 1 Samwel 4:18 u 1 Slaten 2:11); l-erbgħin jum għall-konverżjoni ta' Ninwe f'Ġona 3:4; l-erbgħin jum ta' Ġesù fid-deżert qabel ma beda l-ministeru pubbliku tiegħu f'Mt 4:2 u l-erbgħin jum sal-Axxensjoni (Luqa 4:2 u Atti 1:3).

Il-Bibbja, li hija l-istorja tas-salvazzjoni, hi mmarkata mela mis-sejħa għall-konverżjoni tal-bniedem lejn Alla.

**L-Indiema u l-Penitenza**

Għidna li l-konverżjoni timplika bidla fil-ħsieb u ddur lejn Alla. Dan il-proċess jidher fil-Bibbja permezz tal-indiema u l-penitenza. L-indiema hija meta l-bniedem jagħraf u jammetti l-iżball li jkun għamel, jiddiżapprovah, jisgħobbih, jiddeċiedi li jħalli d-dnub u jibda ħajja ġdida. Il-penitenza li għandha tesprimi din l-indiema sinċiera sservi sabiex il-bniedem ipatti għal dnubietu u jimmatura iktar fir-ritorn tiegħu lejn Alla.

Fil-bibbja nsibu sens qawwi ta' ndiema, per eżempju l-indiema individwali tas-sultan David li dineb gravament u ġie mċanfar mill-profeta Natan, espressa fis-Salmi tiegħu fosthom dak 50 (Il-*Miserere*): "Ikollok ħniena minni o Alla fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar htijieti" (v.3). Insibu wkoll indiema komunitarja u ndiema nazzjonali.

Il-profeti kellhom proprju din il-missjoni li jsejħu lill-poplu għall-indiema, għal dik vera u sinċiera. Il-profeta Hosegħa (fit-8 seklu Q.K.) jikteb: "Jiena tjieba rrid, mhux sagrifiċċju, li tagħrfu lil Alla rrid u mhux vittmi maħruqa" (Hos 6:6). F'Ġeremija, qabel l-eżilju fis-6 seklu Q.K. insibu: "Jekk intom tbiddlu għall-aħjar imġibitkom u għemilkom, jekk tagħmlu l-ħaqq bejn wieħed u għajru, jekk ma tgħakksux il-barrani, l-iltim u l-armla, u demm bla ħtija ma xxerdux f'dan il-post u wara allat oħra ma tmorrux b'deni

tagħkom, inħallikom tgħammru f'dan il-post, fl-art li tajt lil missirijietkom minn dejjem għal dejjem" (Ġer 7:5-7).

Il-profeta Eżekjel fl-eżilju, jikteb: "Imma jekk il-midneb jerġa' lura mid-dnub li jkun għamel u jagħmel is-sewwa u l-ġustizzja, hu jsalva ruħu" (Eżekjel 18:28). Il-profeta Ġona jkun mibghut minn Alla biex isejjaħ għall-indiema u għall-konverżjoni tal-poplu ta' Ninwe (illum il-belt ta' Mosul fl-Iraq, li fi żmien Ġona kienet stmata li kellha kobor ta' 30 mil, b'popolazzjoni ta' 600 elf ruħ). Il-profeta Ġoel fis-sena 400 Q.K. b'qawwa kbira nieda jum il-Mulej u stieden għall-konverżjoni vera: "Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom" (Ġoel 2:13).

Fil-ktieb tal-Levitiku nsibu diversi sagrifiċċji (*'sacri-ficio'*, tagħmel xi ħaġa sagra) bħala sinjal ta' ndiema; insibu s-sagrifiċċji tal-ħruq 'l-olakawst' (kapitlu 1) fejn il-vittma kienet tinħaraq (bil-Grieg: '*kaustos'*) kollha kemm hi (bil-Grieg '*holos*') lil Alla u d-duħħan tal-vittma kien jogħla (bl-Ebrajk: '*olah'*) lejn is-sema. L-iskop ta' dan kien qima lil Alla, talba għal xi grazzja u sinjal ta' ndiema u tpattija għal dnubiet. Insibu s-sagrifiċċji tas-sliem u ta' devozzjoni, *'zebah xelamin'* (kapitlu 3) bħala ħbiberija bejn Alla u l-bniedem. Insibu ukoll is-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, '*hattah'* (kapitlu 4) biex proprju jpatti għall-ħtija li wieħed ikun għamel u b'hekk jitnaddaf mit-tniġġis tiegħu. Il-vittma kienet biċċa tinħaraq fuq l-artal, biċċa tingħata lill-qassis u l-bqija kienet tinħaraq 'il barra mill-komunità. Insibu ukoll sagrifiċċji oħra ta' riparazzjoni minħabba nuqqasijiet lejn il-qassisin u s-santwarju.

Maż-żmien insibu diversi liturġiji penitenzjali bħala penitenzi komunitarji tassew żviluppati, per eżempju f'Neħemija kapitlu 9, fejn insibu lil ulied Iżrael lebsin l-ixkejjer u bit-trab fuq rashom (fil-kultura Griega u dik Feniċja l-irmied hu simbolu ta' qawmien mill-ġdid), samu, qraw mill-Ktieb tal-Ligi tal-Mulej, stqarrew dnubiethom, talbu għall-maħfra u taw qima lil Alla (ara Ġer 6:26, Ġdt 4:11 u Ġona 3:6). Eżempji oħra huma f'Isaija 63:15-19 (dan l-kapitlu nkiteb wara l-eżilju u huwa talba għall-ħniena u l-maħfra); Baruk 1:15-3 (is-segretarju ta' Ġeremija, fejn fil-bidu tal-ktieb tiegħu hemm it-talba tal-poplu niedem) u Danjel 9:3-19 (li hija s-supplika tal-istess profeta fit-3 seklu Q.K.). Għandna ukoll is-Salmi penitenzjali sew individwali u sew kollettivi, li huma s-Salmi 6; 32; 38, 50; 102; 130 u 143. Is-Salm 130 (*De profundis*): "minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej: isma Sidi il-leħen tiegħi!"(v.1-2) kien jitkanta mill-pellegrini lejn Ġerusalemm b'qalb niedma qabel il-liturġija u s-sagrifiċċju tal-maħfra.

Minn dan kollu mela naraw li l-poplu li jrid idur lejn Alla, kien isum, jilbes l-ixkejjer, iqiegħed l-irmied fuq rasu, joffri sagrifiċċji għall-mahfra, jitlob bil-biki u jgħanni għana ta' niket. Anke fil-liturġija tal-Knisja żvilipput il-ġurnata tal-bidu tar-Randan, bl-Erbgħa tal-Irmied li nsibu diġà fis-sena 960 b'origini mir-rit Mozararabiku Spanjol, fejn kienu jużaw l-irmied tal-palm ta' Ħadd il-Palm tas-sena ta' qabel.

**Id-don tal-Maħfra**

Rigward it-tema tal-maħfra, din insibuha diversi drabi fil-Bibbja. Fl-Antik Testment għandna l-kelmiet '*kafar'* (li tfisser 'tgħatti' u tinsab 154 darba fl-A.T), '*nasa'* (li tfisser twarrab, li tneħħi u tinsab 650 darba fl-A.T.) u '*salah'* (li tfisser ssalva u tinsab 50 darba fl-A.T.) u fil-Ġdid Testment għanda l-kelmiet: *apolyo* (tinsab 68 darba Ġ.T., tfisser 'teħles mill-ħabs' jew 'sptar' jew 'tikkanċella dejn'), *aphiemi* (tinsab 146 darba fil-Ġ.T., teħles mill-jasar), *charizomai* (tinsab 23 darba fil-Ġ.T.), u *aphesis* (li tfisser ħelsien, tinsab 42 fis-LXX u 17-il darba fil-Ġ.T.). Is-sostantiv '*kafar'* ifisser 'post ta' kenn' u l-kelma '*kofer'* tfisser 'qatran'. Infatti il-'*kofer'* kien il-prezz tal-fidwa ta' persuna mill-jasar. Il-verb Malti 'ħafer' għandu konnessjoni ma' dan il-verb Lhudi, fl-Għarbi għandna l-kelma '*kafara'* li tfisser 'għatu', fil-Malti

mbagħad għandna l-kelma '*kapparra'*. Fil-Lhudi għandna *'yom kippur'*, 'jum il-maħfra' u n-nom '*kapporeth'*, l-għatu, dik iċ-ċangatura tad-deheb li servi ta' għatu għal fuq l-Arka tal-Patt. Dan il-jum huwa meqjus bħala 'is-Sibt tas-Sibtijiet'.

Il-poplu Lhudi kien obbligat mill-Mulej li n-nazzjon kollu ta' Iżrael, darba fis-sena, iniedi jum ta' penitenza nazzjonali u ta' tpattija, kif naraw f'Levitiku 16, Jum l-Espjazzjoni jew il-Purifikazzjoni tal-poplu, *'Yom Kippur'* (Bil-Grieg *'hemera eksilasmou'*, bil-Latin *'dies propitiationis'* u fit-Talmud insibu *'jom som'*, 'jum is-sawm' bħalma hu msejjaħ fl-Atti 27:9.). Dan jaħbat fl-10 tax-xahar ta' Tixri (Settembru-Ottubru) fejn il-Qassis il-Kbir, liebes l-ilbiesi speċjali tal-penitenza, kien jidħol darba fis-sena fil-Post il-Qaddis, is-Santwarju, *debir* (fis-*Sanctum Sanctorum*) fejn kien hemm l-Arka, it-tron ta' Alla. B'rispett huwa kien jidħol ħafi bħalma għamel Mosè fuq il-Ħoreb. Il-Qassis il-Kbir kien ipatti għal dnubietu kif ukoll għall-ħtijiet tal-poplu. Huwa diġà minn gimgħa qabel kien jinqata' waħdu min-nies u jagħmel penitenza qabel ma jidher quddiem il-Mulej. Il-poplu sa minn ġurnata qabel, kien jibda s-sawma li fiha la kien jiekol u anqas jixrob. Kien jilbes ilbies abjad b'sinjal ta' vistu, uħud jilbsu ilbies li jniggeż jew isawtu lilhom infushom, kienu jpoġġu anke l-irmied fuq ir-ras u l-irġiel ma jqaxxrux il-leħja.

Kien imbagħad f'dan il-jum ta' penitenza nazzjonali li l-poplu kien jinġabar fil-bitħa l-kbira tat-Tempju, u jinqraw is-siltiet mill-Kotba Mqaddsa speċjalment mill-ktieb ta' Ġona dwar il-konverżjoni ta' Ninwè, il-kapitali tal-Assirja u l-kapitlu 58 ta' Isaija. Ix-xjuħ tal-poplu kienu jippreżentaw żewġ bdabad. Bix-xorti kien jintgħażel dak li jkun ta' Alla u dan jinqatel għas-sagrifiċċju u d-demm tiegħu kien jinġabar fi bwieqi biex jittraxxax parti minnu fil-Post il-Qaddis, fuq l-għatu tal-Arka, il-propizjatorju (il-maqgħad, is-siġġu tal-ħniena ta' Alla) il-*'hilasterion'*. Hawnhekk biss u f'dan il-jum biss, il-Qassis il-Kbir jippronunċja l-Isem sagru ta' Alla, '*Jahweh'*. Imbagħad joħroġ bil-bqija tad-demm u jroxxu fuq il-poplu niedem minn ħtijietu kollha, sabiex ifakkar fid-demm tal-ħaruf maqtul u mraxxax fuq il-blajjet tal-bibien tagħhom fl-Eġittu li kien ħelishom mill-mewt.

Il-bodbod l-ieħor kien jissejjaħ 'l-għażażel', litteralmet 'il-mogħża li titlaq', mill-Feniċju '*aziz'* jew '*bel-aziz'*, u l-anġlu '*Uzza'* (ara ukoll Levitiku 16:8). Hekk għamel Aron ħu Mosè fejn tellaq din il-mogħża bid-dnubiet tal-poplu 'l barra mill-kamp tagħhom kif naqraw fin-Numri 5:1-3, u għalhekk 'l bogħod mill-Arka tal-Patt fejn kien hemm il-preżenza ta' Alla. Hemm ukoll il-kelma '*ezel'* b'rabta mal-mogħża. Bl-għarbi, '*azazun'* tirreferi għall-art imħarrbta. L-isem jista' ifisser ukoll 'qerda'. Jista' jirreferi għall-ispirtu ħażin fid-deżert jew għall-muntanja tal-qerda. Huwa marbut mad-deżert fejn hemm l-qawwiet kaotici, il-post tal-mewt, il-post tal-impurità fejn jgħix l-lebbruż, b'kuntrast mal-ordni tal-ħolqien. Hemm ukoll l-isem *'sair hammishtaleakh'*, mill-Akkadiku fejn '*seri'* tirreferi għax-'xagħri'. Wara li l-Qassis ikun stqarr l-ħtijiet tiegħu u tal-poplu fuqu, kienu jitilquh fid-deżert iġorr fuqu d-dnubiet tal-poplu biex jiltaqa' mal-ispirtu ħażin tad-deżert, 'Għażażel'. Għażażel kien d-demonju li kellu forma ta' gidi (bl-għarbi: *hazzaun*; bil-malti: il-ħażin). Dan jista' jirrifletti influssi mir-reliġjonijiet tal-Ħitti u tal-Mesoptamja fejn kienu jiġu ssagrifikati l-mogħoż lill-allat ħalli jikkalmaw mill-qilla tagħhom wara xi diżastru. Tajjeb ukoll li ngħidu li l-mogħoż kannella u bis-suf skur *'capra hircus mambrica'*, li wieħed isib ġewwa Iżrael huma marbuta u huma simboli tad-dnub muri mill-atteġġjament tagħhom li xi kultant jidhru qishom jaqbżu u dan ifisser li jmorru kontra n-norma tal-ligi ta' Alla. L-isem jista' jfisser ukoll 'alla rrabbjat' mill-għerq *'zz'l*.

Issa fil-Ġ.T. huwa Kristu li ġab din il-maħfra permezz tal-għuda tas-salib. Naraw lil Ġwanni l-Battista jistieden lin-nies u jgħajjat bħall-iljun: "Indmu, għax is-Saltna tas-smewwiet waslet" (Mt 3:2), espressa fil-magħmudija ta' ndiema għall-mahfra tad-dnubiet li hu kien jagħmel fix-xmara Ġordan.

Il-bidu tal-ministeru ta' Ġesà wara erbghin jum ta' rtir fid-deżert proprju jibda b'din l-istedina: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba" (Mk 1:15). Kristu, qabel xi miraklu kien jitlob att ta' konverżjoni u ta' fidi: "il-fidi tiegħek fejqitek" (Mk 10:52). U fuq kollox it-tagħlim tiegħu, kien kontinwament stedina għall-indiema u l-maħfra kif naraw fil-parabboli tal-maħfra ta' Alla, per eċċellenza dik tal-Iben il-Ħali, fejn għandna dik ix-xena kommovventi tat-tgħannieqa tal-missier ma' ibnu li kien 'mejjet' fid-dnub.

San Pawl ifisser din il-bidla, bil-kunċetti tal-bniedem il-qadim "imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa" u l-bniedem il-ġdid "maħluq" skont Alla. Din hija l-ħajja ġdida fi Kristu: "Għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta' qabel u tinżgħu l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa u tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità" (Efesin 4:22-24). Il-predikazzjoni ta' San Pietru fl-Atti tal-Appostli hija ukoll stedina għall-indiema: "Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet" (Atti 2:39). L-Ittra lil-Lhud turi lil Kristu li hu l-Qassis il-Kbir li xerred demmu għalina u daħal fis-Santwarju tas-sema biex jidħol għalina. Kristu li hu nnifsu jsir il-'*hilasterion'* il-ġdid, l-għuda tas-salib, l-għuda tal-ħniena ta' Alla sabiex permezz tad-demm tiegħu jsalvaw il-bnedmin kollha (ara Lhud 8:1-6).

Anke fl-Apokalissi, l-aħħar ktieb fil-Bibbja, San Ġwann jistieden lill-Knisja ta' Efesu għall-penitenza u għall-indiema. "Mela issa, ġib quddiem għajnejk fiex waqajt; indem u erġa' aqbad l-opri tiegħek tal-bidu" (Apokalissi 2:5).

B'hekk tajna ħarsa fil-qosor lejn il-mixja tal-konverżjoni tal-bniedem lejn Alla fil-Bibbja. Ejjew aħna lkoll mgħammdin fi Kristu nwettqu l-missjoni tagħna li nikkonvertu kuljum u li ngħinu lill-oħrajn sabiex iqumu tassew mid-dlam tad-dnub tagħhom għall-glorja tal-qawmien ta' Kristu.

**Biblijografija**


Bael, C.J., "Azazel", in *Hebraica* 7 (1890) 77-79.

Belleli, L., "The High Priest's procession on the Day of Atonement", in *The Jewish Quarterly Review* 17 (1904) 163-167.

Blomberg, C., "Jesus, sinners, and table fellowship", in *Bulletin for Biblical Research* 19 (2009) 35-62.

Carmichael, C., "The Origin of the Scapegoat Ritual", in *VT* 50 (2000) 167–181.

De Regt, L.J., "Sacrificial and festival terms in the Old Testament: How can we translate them?", in *The Bible Translator* 68 (2017) 131-141.

Ephros, A.Z., "The book of Jonah as Allegory", in *Jewish Bible Quarterly* 27 (1999).

France, R.T., "Conversion in the Bible", in *EQ* 65 (1993) 291-310.

Gaventa, B.R., *From Darkness to Light: Aspects of Conversion in the New Testament*, Philadelphia (PA) 1986.

Haupt, P., "Babylonian elements in the Levitic Ritual", in Journal of Biblical Literature 19 (1900) 55-81.

Hoenig, S.B., "The New Qumran Pesher on Azazel", in *JQR* 56 (1966) 253.

Kidner, F.D., *Sacrifice in the Old Testament*, London 1951.

Noth, M., *Leviticus, A commentary*, London 1965.

Pinker, A., "A goat to Azazel", in *Journal of Hebrew Sriptures* 7 (2007) 2-25.

Price, T.D., The Assyro-Babylonian Scapegoat controversy", in *The American Journal of Semitic languages and literatures* 20 (1904) 173-181.

Reardon, T.W., “Recent trajectories and themes in Lukan soteriology”, in *Currents in Biblical Research* 12 (2012) 77-95.
Scolnic, B.E., “Recent scholarship on the book of Jonah”, in *Conservative Judaism* (1994) 53-63.
Shepardson, C., “Interpreting the Ninevites’ repentance: Jewish and Christian exegetes in Late Antique Mesopotamia”, in *Hugoye: Journal of Syriac Studies* 14 (2011) 249-277.
Schniewind, J., “The Biblical doctrine of Conversion”, in *SJT* 5 (1952) 267-281.
Suk Yee Lee, A., “Forgiveness and reconciliation in Old Testament sacrifice”, in *NJTM* 13 92011-2012) 24-44.
Talbert, C.H., *Reading Luke*, Macon (GA) 2002.
Tawil, H., “Azazel, the prince of the Stepe: a comparative study”, in *ZAW* 92, 1980.
Volgger, D., “The Day of Atonement according to the Temple Scroll”, in *Bib* 87(2006) 258–259.
Wenham, G.J., *The book of Leviticus*, London 1979.
Witton Davies, T., “Magic, divination and Demonology among the Semites”, in *The American Journal of Semitic languages and literatures* 14 (1898) 241-251.
Zatelli, I., “The origin of the biblical scapegoat ritual: the evidence of two Eblaite Texts”, in *VT* 48 (1998) 254-263.

# MAĦFRA U NDIEMA FIT-TESTMENT IL-QADIM

Minn Mons. Lawrenz Sciberras

Sussidju Randan 2010

Fit-Testment il-Qadim, qabel ma wieħed jasal biex jersaq lejn Alla u jitolbu l-maħfra, l-ewwel irid ikun niedem minn dak kollu li jkun għamel ħażin, jew dak li jkun kiser f'relazzjoni mal-Liġi Mqaddsa jew fin-nuqqas tagħha. Hawn tidħol it-tħollija tal-għemil. Fi kliem tekniku din hija l-ħtija jew offiża lil Alla. Tant hija kelma komuni u qawwija din il-kelma **"ħtija"** li fil-kotba tat-Testment il-Qadim qiegħda miktuba 559 darba. Mela hawn jidhru s-serjetà, ir-responsabbiltà, il-gwaj u l-effetti koroh li jġib miegħu d-dnub. Dan kollu l-poplu l-magħżul kien jafu u jafu sew.

Tajjeb, għalhekk, li naraw xi siltiet fejn il-Lhud, kemm b'mod individwali u kemm b'mod kollettiv, iduru lejn Alla sogħbiena biex jitolbuh il-maħfra. Hekk wieħed jasal biex jifhem kemm tassew dejjem kien hemm il-ħtieġa tal-maħfra u li din tkun ġejja mingħand Alla.

Biex nidħlu mill-ewwel f'dan is-suġġett sewwa ngħidu li l-akbar okkażjoni fejn il-poplu niedem jitlob maħfra hija preċiżament il-festa tal-Espjazzjoni, magħrufa wkoll bħala Yom Kippur jew il-festa tal-Maħfra tad-dnubiet (Lev 16). Għal aktar tagħrif dettaljat fuq kif issir din il-festa, is-sawma stretta ta' qabel il-festa, is-sehem li għandu l-qassis il-kbir fiha, ir-raxx tad-demm fuq l-għatu (*hilasterion*) tal-Arka u fuq in-nies, u t-tifsira teoloġika ta' din il-festa tant qawwija b'riferenza għall-Ittra lil-Lhud, ara LAWRENZ SCIBERRAS, *Il-festi liturġiċi tal-Lhud*, Malta 1993, pp. 68-91.

**Stqarrija tad-dnub individwali**

**(1)** Wieħed mit-testi bikrija fil-Bibbja fejn persuna tistqarr li dinbet direttament kontra Alla huwa dak ta' Balgħam; qegħdin fil-Pentatewku. Qrib ta' Balgħam kien hemm Alla, u dan xorta waħda baqa' jwebbes rasu u jagħmel dak li hu kien ħaseb li hu sew. Meta mbagħad induna b'dan, Balgħam stqarr anki b'mod pubbliku: "Dnibt *[ħatatti]*, għaliex ma għaraftx li int kont wieqaf fit-triq quddiemi. Issa jekk hemm xi ħaġa ħażina f'għajnejk, nerġa' lura" (Num 22:34).

**(2)** Eżempju ieħor fejn niltaqgħu ma' stqarrija ta' dnub għaliex kien sar is-serq b'mod l-aktar goff hija dik ta' Għakan lil Ġożwè: "Tassew jiena dnibt *[ħatatti]* kontra l-Mulej, Alla ta' Israel, u għamilt dan u dan. Rajt fost il-priża mantar ta' Singħar sabiħ, u mitejn xekel tal-fidda taħtu u virga tad-deheb tiżen ħamsin xekel. Inġbidt lejhom u ħadthom" (Ġoż 7:2). Mela dan Għakan kiser is-seba' kmandament "La toqtolx"!

**(3)** Is-sultan Sawl ukoll nidem meta ġie wiċċ imb'wiċċ ma' Samwel u dan urieh kemm kien għamel ħażin meta offra hu d-debħiet lil Alla. Din kienet ħaġa li assolutament ma kinitx tmiss lilu, imma lill-profeta jew lil xi qassis ieħor. Għalhekk is-sultan Sawl, meta ra x'għamel b'idejh stess, umilja waħda sew ruħu u stqarr: "Dnibt *[ħatatti]*, għax ksirt il-kelma tal-Mulej u kelmtek, għax bżajt mill-poplu u stħajt minn kliemhom. Issa aħfirli ħtijieti u erġa' ejja miegħi" (1 Sam 15:24).

**(4)** Fuq kollox, dejjem fuq bażi individwali, ta' min isemmi hawn ukoll il-każ tipiku tad-dnub tas-sultan David. Dan l-ewwel għamel adulterju ma' Batseba, mara li ma kinitx tiegħu, imbagħad, meta din bagħtet tgħidlu li tqalet, David, biex mingħalih jaħbi dnubu, qatel lil żewġha Urija bis-sejf waqt il-

gwerra. Kien il-profeta Natan li mar u permezz tal-parabbola tal-ħarufa kixef il-moħba kollha ta' David. Quddiem din il-verità David tniehed waħda kbira u qal: "Jiena dnibt *[ħatatti]* kontra l-Mulej". Hawn ukoll ta' min isemmi li, għalkemm il-Mulej ħafer lil David, dan għadda minn bosta u bosta konsegwenzi kbar u koroh, li wħud minnhom qanqalhom ibnu Absalom stess. Barra dan, l-istess wild minn Batseba miet!

**Stqarrija ta' dnubiet kollettivi**

**(1)** Wieħed mill-ewwel kuntesti ta' stqarrija ta' ħtija bħal din huwa l-kastig tas-silġ li Alla bagħat b'qilla kbira fuq l-Eġittu. Diġà fuq l-Eġittu kienu ġew kastigi oħra; hekk id-dubbien u l-pesta. Issa wasal ukoll is-silġ, kastig li ħalla warajh ħerba tassew kbira, speċjalment fl-uċuħ u l-ħaxix tar-raba'. Magħhom batew ukoll il-bhejjem u l-istess nies. Meta l-Fargħun ra u mess b'idejh din il-ħerba hekk kbira, induna bid-dnub tal-qilla li għamel kontra Alla, tant li stqarr: "Din id-darba għandi ħtija *[ħatatti]*. Il-Mulej għandu raġun, u jien u l-poplu tiegħi huma l-ħatja" (Eż 9:27).

**(2)** Ġrajja oħra fejn id-dnub deher b'mod pubbliku u kollettiv insibuha fil-kuntest tal-għoġol tad-deheb. Kemm Aaron, kemm il-kapijiet tan-nies u kemm l-istess poplu kollha kienu ħatja waħda sew. Għamlu għoġol tad-deheb u bdew jagħtuh qimithom. Dan kien ksur formali tal-ewwel kmandament. Meta Mosè ntebaħ x'ġara l-ewwel tajjar it-twavel tal-liġi minn idejh, imbagħad kissirhom it-tnejn. L-għada Mosè kellem lill-poplu, fejn urieh bid-dnub kbir li kien għamel. Għalhekk qalilhom: "Għamiltu dnub kbir. Issa nitla' ħdejn il-Mulej, għandi mnejn naqlgħalkom il-maħfra" (Eż 32:3).

**(3)** Ġrajja oħra fejn il-poplu b'mod kollettiv dineb kontra Alla din id-darba seħħet fil-qalba tad-deżert tas-Sinaj. Il-poplu gerger bis-sħiħ kontra Mosè għax hemm fejn kienu la kellhom tin, la dwieli, la rummien u lanqas ilma għax-xorb. Barra dan, ftakru fil-basal, il-kurrat u l-qamħ li kellhom l-Eġittu. Hi tassew xena tqila, fejn il-poplu jidher li kiser ir-relazzjonijiet tajbin tiegħu ma' Alla. Għalhekk Alla bagħat sriep velenużi f'nofs il-poplu, gidmuhom u mietu ħafna minnhom. Il-poplu meta ra dan kollu mar għand Mosè u stqarrlu: "Dnibna, għax tkellimna kontra l-Mulej u kontra tiegħek. Itlob lill-Mulej ħa jwarrab is-sriep minn fostna" (Num 21:6).

**(4)** Il-poplu kien qiegħed jgħix fl-Art Imwiegħda, imma kien iddakkar minn ħafna allat oħra foloz. Fost dawn kien hemm Għastarot, il-Bagħlim u oħrajn. Il-profeta Samwel għalhekk ġabar in-nies madwaru u qanqalhom biex dawn jersqu għall-indiema, iwarrbu minn nofshom dawn l-idoli u hekk jiksbu l-maħfra mingħand Alla. Din id-darba wkoll il-poplu kien ċar biżżejjed, tant li qal: "Dnibna quddiem il-Mulej" (1 Sam 7:6).

Dawn huma każijiet fejn il-poplu b'mod kollettiv juri s-sogħba tiegħu għaliex kiser il-liġi ta' Alla u jersaq biex jitolbu l-maħfra.

**Il-maħfra mnedija mill-profeti**

Il-profeti, bnedmin li ħassew u wara aċċettaw is-sejħa li direttament jew indirettament għamlilhom Alla, ma baqgħux lura milli jxandru l-penitenza biex hekk jaqilgħu l-maħfra li tiġi mingħand Alla waħdu. Bosta drabi din il-kwalità ta' xandir switilhom tassew ta' riskju, imma xorta waħda għamluh u komplewh. Hekk ħabbar il-profeta Danjel: "Għajb għal wiċċna, Mulej, għal wiċċ is-slaten u l-kapijiet tagħna, għall-wiċċ tagħna, għal wiċċ missirijietna, li dinbu kontra tiegħek. Mingħand Alla Sidna l-ħniena u l-maħfra, għax aħna qomna kontra tiegħu" (Dan 9:8).

Iżda sabiex inżidu nuru kemm dawn il-profeti għamluha ħaġa tant meħtieġa l-maħfra mingħand Alla sewwa li nġibu xi eżempji, dejjem kif huma xandruha u nedewha lill-poplu fdat f'idejhom.

**(1)** Il-profeta Għamos xandar il-messaġġ tiegħu ta' maħfra u ndiema fis-Saltna ta' Fuq, jiġifieri f'Israel. Kien żmien meta l-inġustizzji soċjali kienu tassew refgħu rashom u ħadd ma kien jissogra jgħid kelma waħda kontra s-sultan. Il-każ tipiku ta' Nabot u l-għalqa tad-dwieli li wiret mill-familja tiegħu jikkonferma dan kollu. Kontinwament, għalhekk, il-profeta kien idur fuq il-poplu u jfakkru biex ifittex lill-Mulej, sabiex dan jaħfirlu. Issa fil-lingwaġġ Bibliku "tfittex lill-Mulej" tfisser li terġa' ddur lejh bl-indiema biex hu jaħfer il-ħtijiet kbar u żgħar: "Fittxuni u tgħixu" (Għam 5:4ċ), kif ukoll "Fittxu lill-Mulej u tgħixu; li ma joħroġx bħan-nar għal dar Ġużeppi, u jibla' kollox" (Għam 5:6).

**(2)** Hosegħa, profeta ieħor, kumbinazzjoni sieħeb Għamos, li ħaddem il-missjoni tiegħu wkoll fis-Saltna ta' Fuq, għandu l-istess ħsieb u tagħlim fuq l-indiema u l-maħfra. Dawn it-tnejn ukoll għandhom jiġu indirizzati lil Alla għaliex il-maħfra mingħandu biss tiġi. Meta l-Mulej jara l-vera ndiema ħierġa mill-qalb, allura hu, li hu twajjeb, jaħfer u jinsa dak li jkunu għamlu n-nies: "Naħfrilhom, għad li xxewxu kontra tiegħi; minn qalbi nħobbhom, għaliex il-korla tiegħi reġgħet lura minn fuqhom" (Hos 14:5). Dan huwa kliem li tassew jimla bil-kuraġġ lil kulmin irid ifittex tassew u mill-qalb lil Alla.

**(3)** Fuq l-istess binarju mexa l-prinċep tal-profeti, Isaija. Dan ħaddem il-missjoni tigħu fil-Lhudija, mela fis-Saltna ta' Isfel, bil-belt kapitali tagħha Ġerusalemm. Hawnhekk l-offerti u d-debħiet lil Alla ta' kuljum kienu jkunu f'numru kbir tassew. Iżda quddiem din is-sitwazzjoni xejn sabiħa Isaija ħass li għandu jniedi riforma rigward dawk l-offerti lil Alla: "Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad!". Għalhekk Isaija ħabbar l-indiema u l-maħfra: "Tgħallmu għamlu t-tajjeb, fittxu d-dritt, sewwu l-inġustizzji, iddefendu l-iltim, aqbżu għall-armla. Ejjew, mela, nirraġunaw flimkien, jgħid il-Mulej" (Is 1:17-18a).

Minn din is-silta jidher sew kemm Isaija insista fuq l-indiema biex il-maħfra mingħand Alla ma tonqosx. Il-profeta kien kważi persważ li din il-predikazzjoni tiegħu sa taqa' fuq widnejn torox u qalb iebsa; madankollu xorta pprietka l-indiema sabiex il-maħfra tiġi mingħand Alla.

**(4)** Aktarx li l-aktar profeta li saħaq u pprietka fuq l-indiema u l-maħfra kien Ġeremija. Dan kellu jħabbat wiċċu bis-sħiħ mal-fiduċja żejda tal-Lhud fit-Tempju u fl-offerti tagħhom. F'isem Alla Ġeremija qal: "Għandu mnejn id-dar ta' Ġuda, meta jisimgħu bil-ħsara li għandi f'rasi li nagħmlilhom**,** jerġgħu kull wieħed lura minn triqtu l-ħażina, u jien naħfrilhom ħżunithom u dnubiethom" (Ġer 36:3).

Il-verb tekniku bil-Lhudi li jesprimi din l-istedina qawwija tassew biex il-poplu jdur huwa *xuv*, iddur, tbiddel ħajtek. Din l-istedina tinsab fil-ktieb kollu tal-profeta. Il-midneb m'għandu qatt ikun sodisfatt billi sempliċement jibki u jitniehed meta jistqarr dnubietu (Ġer 3:21-25), imma għandu jbiddel tassew ħajtu u jaħten qalbu għall-Mulej. Hekk biss tasal il-maħfra, dejjem mingħandu (Ġer 4:1-4): "Erġgħu lura, kull wieħed lura minn triqtu l-ħażina, u mill-ħażen ta' għemilkom" (Ġer 25:5).

**(5)** Alla lanqas meta l-poplu tiegħu b'kastig kien qiegħed fl-eżilju ma ħallieh waħdu. Fl-eżilju ta' Babel Alla bagħat lill-profeta Eżekjel. Dan għallem ir-responsabbiltà personali, jiġifieri li l-poplu kien qiegħed fl-eżilju għaliex kull wieħed minnhom dineb u għandu bżonn tal-maħfra mingħad Alla: "Biegħdu minnkom il-ħtijiet kollha Ii waqajtu fihom, u ġeddu qalbkom u ruħkom. Il-għala tridu tmutu, dar ta' Israel? Jiena ma nieħu pjaċir bil-mewt ta' ħadd, jgħid Sidi l-Mulej. Mela indmu u għixu" (Eżek 18:31).

**(6)** Fl-aħħar ta' min isemmi wkoll lill-profeta Ġoel, li l-parti l-kbira tal-ktieb tiegħu hija sejħa għall-indiema u għall-maħfra. Ġoel mhux biss iniedi l-ħtieġa tal-maħfra, imma jagħti wkoll ir-rimedji biex din il-maħfra tasal dejjem mingħand Alla. U fost ir-rimedji Ġoel isemmi s-sawm u d-dispjaċir sinċier ħiereġ tassew mill-qalb: "Erġgħu duru *[xuv]* lejja b'qalbkom kollha, bis-sawm, bil-biki u bl-ilfiq. Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom, u erġgħu duru lejn il-Mulej Alla tagħkom, għax hu twajjeb u ħanin, tqil biex jinkorla u kollu tjieba" (Ġoel 2:12-13).

# IL-MAĦFRA TAD-DNUBIET FIT-TESTMENT IL-ĠDID

Minn Mons. Anton Mizzi

Sussidju Randan 2010

**Il-bniedem midneb**

Il-bniedem, maħluq minn Alla, huwa msejjaħ biex jgħix f'relazzjoni ta' mħabba qrib ta' Alla. Din ir-relazzjoni tikber u tibqa' sakemm il-bniedem ifittex li jwettaq u jħares ir-rieda ta' Alla li hi partikularment imfissra fil-ħarsien tal-kmandamenti ta' Alla (ara Mt 20:16-19: iż-żgħażugħ għani li kien iħarishom). Iżda meta l-bniedem ma jibqax jgħix din ir-relazzjoni ma' Alla minħabba li jonqos milli jħarishom, allura jidħol id-dnub li hu ħażen li jfixkel din ir-relazzjoni (ara Mk 9:43s, fejn isemmi l-okkażjonijiet tad-dnub; Rum 8:7: "Għalhekk ix-xewqat tal-ġisem huma għedewwa ta' Alla; ma joqogħdux għal-liġi ta'Alla, u anqas jistgħu joqogħdu"). Għaliex id-dnub hu diżubbidjenza lejn Alla u l-kmandamenti tiegħu, li jsir meta l-bniedem jagħmel dak li jipprojbixxu jew inkella jonqos milli jwettaq dak li hu mitlub minnhom (ara Mk 7:20-23 u Gal 5:19-21, li fihom jissemmew diversi għemejjel meqjusa bħala dnubiet).

Mela permezz tad-dnub tiegħu l-bniedem jaqta' r-relazzjoni tiegħu ma' Alla u għalhekk jitbiegħed minnu. Din hi s-sitwazzjoni li fiha jaqa' l-bniedem midneb. Nistaqsu: Jista' l-midneb joħroġ minn din is-sitwazzjoni u jirritorna biex ikollu relazzjoni mġedda ma' Alla? It-tweġiba hija li l-midneb jista' jaqla' l-maħfra ta' dnubietu mingħand Alla. Naraw aktar fid-dettall xi tfisser din il-maħfra u kif inhi possibbli.

**It-termini tal-maħfra fil-Bibbja**

Fil-Bibbja nsibu diversi termini bl-Għebrajk u bil-Grieg biex ifissru l-idea tal-maħfra. L-użu ta' diversi metafori biex jesprimu l-idea tal-maħfra huma frekwenti wkoll.

Fil-lingwa Għebrajka nsibu dawn it-termini bħala verbi:

- ***"salah"*** hu t-terminu l-aktar frekwenti, li jfisser "taħfer" (ara Lev 4:20,26,31,35: "jaqlagħlu l-maħfra"; 1 Slat 8:30,34,36; Salm 86:5: "Għax int, Sidi, twajjeb u taħfer"; 103:3; Is 55:7; Am 7:2);

- ***"kipper"*** ifisser "tgħatti" b'mod figurattiv; ukoll "tagħmel tpattija"; hu terminu l-aktar frekwenti fit-tradizzjoni saċerdotali u jesprimi l-idea ta' "tpattija, espjazzjoni, propizjazzjoni" (*atonement*; "tpatti għal xi dnub"; hekk "espjazzjoni": Eż 29:36; 30:10; Lev 8:15; 16:20,32,33; "tpattija": Eżek 43:20; "inħafer": Is 6:7; 22:14; 27:9, bl-idea li tgħatti);

- ***"mahah"*** ifisser "tħassar, tneħħi" (ara Is 43:25; 44:22; Salm 51:3,11: "ħassar ħtijieti");

- ***"nasa"*** jfisser "tneħħi, twarrab" fis-sens li taħfer (ara Ġen 50:17; Num 14:18,19; Is 2:9; Hos 1:6; Salm 32:1,5: "U int ħfirtli l-ħażen tad-dnub tiegħi");

- ***"kasah"*** ifisser "tgħatti, tostor" (Prov 19:9: "jostor il-ħtija"; Neħ 4:5; Salm 32:1: "id-dnub tiegħu mistur");

• hemm imbagħad in-nom ***"salihah"***, li jesprimi maħfra (ara Salm 130:4: "Imma għandek hemm il-maħfra"; Neħ 9:17; Dan 9:9).

Fil-Bibbja tas-LXX (*Settanta*) miktuba bil-Grieg insibu diversi termini li jittraduċu l-kelmiet li semmejna fl-Għebrajk. Insemmu xi wħud l-aktar importanti.

• Hekk il-verb ***"aphiemi"***, li jfisser "tibgħat". Dan il-verb hu l-aktar frekwenti fis-sens ta' "maħfra" u jittraduċi l-verbi fl-Għebrajk *"salah"*, *"kipper"* u *"nasa"*.

• Il-verb Grieg ***"hilasomai"***, li jfisser "iħenn, tkun ħanin", jittraduċi l-verb *"kipper"*. Anki l-verb ***"euilateuo"***, li jfisser "tkun ħanin", jittraduċi l-verbi fl-Għebrajk *"salah"* u *"nasa"*.

• Il-verbi Griegi ***"kalupto"*** u ***"epikalupto"***, li jfissru "tgħatti, tostor", kif ukoll il-verb ***"krupto"***, li jfisser "taħbi, tgħatti, tostor", jittraduċu l-Għebrajk *"kasah"*.

• In-nom Għebrajk *"salihah"* huwa tradott bil-Grieg ***"hilasmos"***, li jfisser "tpattija" jew "ħlas għad-dnubiet", allura l-maħfra.

Fit-Testment il-Ġdid il-kelmiet bil-Grieg l-aktar komuni għall-maħfra huma:

• il-verb ***"aphiemi"*** (Mt 6:12,14-15; 9:2; 12:31; Rum 4:7; u oħrajn);

• in-nom ***"aphesis"*** (Mk 3:29; Lq 3:3; 24:47; Atti 2:38), fis-sens li tibgħat. Dan hu wżat fis-sens ta' maħfra, kemm għal Alla li jaħfer id-dnub u kemm għall-bnedmin li jaħfru lil bnedmin oħra.

L-idea tal-maħfra hija mwassla wkoll permezz ta' kliem ieħor.

• Hemm il-verb ***"apoluo"*** li hu wżat darbtejn f'Lq 6:37, li jfisser "tħoll".

• Il-verb ***"charizomai"***, li jfisser "tagħti bi grazzja, turi ħniena, tħenn, taħfer", jagħmel enfasi fuq il-ġenerożità, fuq li tħenn billi taħfer (ara Lq 7:43; 2 Kor 2:7,10; Kol 2:13).

• Hemm ukoll il-verbi ***"epikalupto"*** (Rum 4:7) u ***"kalupto"*** (Ġak 5:20; 1 Piet 4:8), it-tnejn bit-tifsira li "tgħatti, tostor".

• Insibu wkoll in-nom ***"paresis"*** (Rum 3:25), li jfisser "ħalla jgħaddi bla kastig", għalaq għajnejh; ukoll fis-sens tal-maħfra.

**Il-maħfra fit-Testment il-Qadim**

Qabel nitkellmu fuq il-maħfra fit-Testment il-Ġdid, naraw fil-qosor l-idea tal-maħfra fit-Testment il-Qadim. Il-maħfra hija espressjoni li fl-aspett reliġjuż tidħol fir-relazzjoni bejn Alla u l-bniedem. Alla huwa l-ħallieq u l-bniedem huwa ħlejqa tiegħu u jirċievi l-barkiet mingħandu (ara Salm 65). Alla hu qaddis u jitlob li l-bnedmin ikunu wkoll imqaddsin (Lev 11:44-45). Iżda minħabba dnub il-bniedem hu separat minn Alla għax wera diżubbidjenza lejn ir-rieda tiegħu (Is 43:24; 53:8), u b'hekk tilef il-ħbiberija miegħu. Għalhekk hi meħtieġa l-maħfra li twassal lill-bniedem biex jerġa' jitħabbeb ma' Alla (Is 38:17). Alla lest juri ħniena għaliex ma jridx il-mewt tal-midneb (Is 60:10; Salm 13:6).

Il-poplu Lhudi kien jemmen fil-maħfra ta' Alla, l-ewwel nett minħabba l-konvinzjoni li kellu li kienet isserraħ fuq il-patt li Alla għamel miegħu (Eż 34:10). Alla għażel lill-poplu Lhudi u wrieh imħabba meta għażlu bħala l-poplu tiegħu. Li Alla jaħfer hi realtà frekwenti fit-Testment il-Qadim (Eż 34:7; Num 14:18; Salm 99:8; Mik 7:19-20), u huwa msejjaħ biex jaħfer "skond il-kobor tat-tjieba tiegħek", kif kien wiegħed (Num 14:19). Barra mill-Patt, fit-Testment il-Qadim kien hemm ukoll il-kult tas-sagrifiċċju li kien strumentali biex tinkiseb il-maħfra. Permezz tal-azzjonijiet ritwali wieħed ikun qiegħed jesprimi l-mixja tiegħu lejn Alla, jagħraf il-ħtija tiegħu u jħossu li mhuwiex denju, u li ħajtu tista' tilħaq ir-realizzazzjoni sħiħa fil-preżenza ta' Alla biss. Permezz tas-sagrifiċċju wieħed ma jkunx qisu qiegħed jinnegozja jew jixtri l-maħfra, imma jappella għall-ħniena ta' Alla li hu stess kien wiegħed. Fl-aħħar nett kien hemm ukoll kundizzjonijiet li l-profeti kienu tant jinsistu fuqhom: l-istqarrija tad-dnubiet (Salm 32:1-5), il-konverżjoni tal-qalb jew l-indiema tad-dnubiet, u li jkun hemm bidla fil-ħajja: "Ħa jħalli triqtu l-midneb, u l-bniedem il-ħażin fehmietu; ħa jerġa' lura għand il-Mulej u jħenn għalih, għand Alla tagħna għax hu jaħfer ħafna" (Is 55:7; ara wkoll Hos 14:3; Is 1:18-19; Ġer 14:20; 36:3; Ġoel 2:13). Il-profeti kienu wkoll jisħqu ħafna li s-sagrifiċċji għandhom ikunu msieħba minn dispożizzjoni interna xierqa, li tfittex ir-rieda ta' Alla: "Għaliex jien tjieba rrid, mhux sagrifiċċju; li tagħrfu 'l Alla rrid, u mhux vittmi maħruqa" (Hos 6:6; ara wkoll 1 Sam 15:22). Kien isir ukoll talb għall-maħfra frott ta' "qalb niedma" (Salm 51:19; Eż 10:17; 32:32; 34:9; għal talba b'mod formali għall-maħfra ara Salm 6; 51; 130). Meta d-dnub hu maħfur dan ma jkunx aktar magħdud kontra l-midneb. Id-dnub, iżda, jista' jiġi kkastigat (2 Sam 12:13).

Mela fit-Testment il-Qadim il-maħfra hija frott il-ħniena ta' Alla, biex terġa' tiġġedded il-qdusija. Dan hu possibbli jekk jitwarrab kull xkiel, jiġifieri d-dnub u l-ħtija li jifirdu lill-bniedem minn Alla, li hu l-għajn tal-qdusija. Bir-restawrazzjoni tat-tjieba divina (Eż 33:15) jissaħħu r-relazzjonijiet tal-bniedem ma' Alla kif ukoll mal-bnedmin l-oħra. Tissaħħaħ ukoll il-qawwa fil-ħajja tal-bniedem għax ikun hemm il-fejqan fir-ruħ (Is 33:24; Salm 32:3-4). Din il-maħfra tad-dnubiet hija wkoll waħda mill-karatteristiċi tal-Messija futur: "Imma dan ikun il-patt li għad nagħmel… Għax jien naħfrilhom ħżunithom, u ħtijiethom aktar ma niftakarhomx" (Ġer 31:33-34; Is 33:24).

**Il-maħfra fil-predikazzjoni ta' Ġwanni l-Battista**

Qabel ma nitkellmu fuq Ġesù u l-maħfra tiegħu, ikun jaqbel naraw il-kontenut tal-predikazzjoni ta' Ġwanni l-Battista, l-aktar fuq il-maħfra, u niskopru kemm dawk l-elementi li ġejjin mit-tradizzjoni u kemm xi elementi ġodda li mbagħad għaddew fit-Testment il-Ġdid. Fil-bidu tal-vanġelu tiegħu Mark isemmi tliet ħwejjeġ fuq il-Battista: il-predikazzjoni tiegħu (1:2-8), il-magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni (1:9-11), u l-arrest ta' Ġwanni (1:14; ara 6:17-18).

Fil-predikazzjoni tiegħu l-Battista kien "ixandar magħmudija ta' ndiema (***metanoia***) għall-maħfra (***aphesis***) tad-dnubiet (***hamartia***)" (Mk 1:4). Din il-***"metanoia"*** tfisser mhux biss sogħba għad-dnubiet, li wieħed għandu jwarrab minnhom, imma wkoll konverżjoni, bidla radikali fil-ħajja tal-bniedem, u li jerġa' lura lejn Alla. Mingħajr l-indiema għall-bnedmin hemm lesta "il-korla li ġejja" (Mt 3:7; Lq 3:7), jiġifieri l-kastig ta' Alla. Huma m'għandhomx iserrħu fuq il-preżunzjoni li huma nisel Abraham (Mt 3:9; Lq 3:8), bħallikieku sa jsalvaw żgur, imma jeħtieġ li wieħed jgħix ħajja tajba jekk irid isalva. Għalhekk Ġwanni l-Battista ta kontenut etiku lil din l-indiema li kienet meħtieġa. Hu jinsisti fuq "il-frott xieraq tal-indiema" (Mt.3:8; Lq.3:8), li fil-konkret tfisser li wieħed juri ġenerożità, ikun onest u jwarrab kull serq, theddid jew qerq fil-qadi ta' dmirijietu (Lq 3:10-14). In-nies li kienu jmorru għandu kienu

"jitgħammdu… waqt li jistqarru dnubiethom" (Mk 1:5). Hu kien jipprietka wkoll li hu jgħammed bl-ilma (Mk 1:8; Ġw 1:26), iżda dak li ġej warajh "jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu" (Mk 1:8).

Il-predikazzjoni ta' Ġwanni donnha kienet qiegħda tqajjem ċertu interess, peress li għal ħafna sekli l-profezija kienet siktet u issa reġa' tfaċċa mill-ġdid leħen ta' profeta (Mt 11:9; Lq 7:26). Il-mod u l-qawwa li bihom kien jipprietka kienu qegħdin joħolqu ċertu skomdu lill-awtoritajiet u wkoll għat-tradizzjoni; lill-awtoritajiet ċivili, l-aktar lil Erodi t-tetrarka tal-Galilija, li, għax kien iwissih minħabba l-ħażen tiegħu, spiċċa biex qaflu fil-ħabs (Lq 3:19-20) u eventwalment qatlu. L-istess awtoritajiet reliġjużi, l-aktar dawk marbuta mat-Tempju ta' Ġerusalemm u l-kult, ma setgħux jaraw fih il-kredenzjali meħtieġa tal-ħidma tiegħu (ara Ġw 1:19s). It-tradizzjoni kienet mibnija madwar il-Liġi (it-*Torah*) u l-kult. Minn naħa t-Tempju kien meqjus bħala l-post fejn Alla hu preżenti, li kien jiżgura t-tjieba kontinwa tiegħu lejn il-poplu magħżul tal-Patt. Imbagħad il-Liġi, li kienet fiċ-ċentru tal-ħajja reliġjuża tal-poplu, kienet mogħtija prominenza kbira minn dawk li riedu jgħixu ħajja tabilħaqq ġusta. Mela wieħed ifittex il-qdusija filli juri l-akbar qima lejn Alla u b'ħerqa kbira jwettaq ir-rieda ta' Alla kif imfissra fl-istess Liġi. Bħala konsegwenza anki l-ħsieb tal-maħfra resaq aktar lejn kunċett f'termini etiċi u legali.

Dak li kien ġdid fil-predikazzjoni tal-Battista kien li daħħal magħmudija ta' ndiema permezz tal-ilma. (F'Qumran, speċjalment fil-Manwal tad-Dixxiplina, hemm indikata magħmudija jew ħasil fost il-membri tal-komunità, imma r-rit waħdu, jiġifieri l-ħasil fih innifsu, ma kienx inaddaf lill-bniedem, imma jrid iqiegħed lilu nnifsu lejn ir-rieda ta' Alla). Dan kien ħasil simboliku li jesprimi ndiema tad-dnubiet, iżda minnha nfisha ma kinitx iġġib bidla bħalma jiġri fis-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Maħfra mwaqqfa minn Kristu. Filfatt it-Testment il-Ġdid spiss jirreferi għall-fatt li Ġwanni kien jgħammed bl-ilma: "Ngħammidkom bl-ilma għall-indiema" (Mt 3:11; Mk 1:8; Lq 3:16; Ġw 1:26,33; Atti 11:16; ara wkoll Atti 1:22; 19:4). Dan hu f'kuntrast mal-Magħmudija ta' Ġesù li kienet bl-ilma u bl-Ispirtu s-Santu (Atti 11:16; drabi oħra jgħid biss "bl-Ispirtu s-Santu" (Mk 1:8; Ġw 1:33; Atti 11:16), jew "bl-Ispirtu s-Santu u n-nar" (Mt 3:11; Lq 3:16)).

Fis-sitwazzjoni reliġjuża ta' żmienu l-Battista ħoloq moviment li seta' jġib bidla mhux żgħira, l-aktar fil-konfront tat-Tempju u l-kult. Fl-imgħoddi l-profeti kienu jinsistu fuq il-konverżjoni u l-bidla tal-qalb aktar milli offerti ta' sagrifiċċji ta' bhejjem li huma nieqsa mit-tjieba tal-qalb (Is 1:10-20; Am 5:22-25; Salm 50:18-21). Mela kien hemm kritika qawwija mill-profeti lejn sempliċi ritwaliżmu li kien estern biss. Bil-miġja tal-Battista għandna mill-ġdid il-leħen tal-profezija li ġibed ħafna nies minn kull kategorija (Lq 3:10s). Dak li issa kien ġdid hu li l-Battista għaqqad is-sejħa tal-profeti l-antiki għall-indiema (Mt 3:2,8; Lq 3:8) mal-wegħda tal-maħfra tad-dnubiet permezz tal-magħmudija bl-ilma. Din setgħet tidher bħala theddida lejn il-kult marbut mat-Tempju ta' Ġerusalemm, fejn kienu jsiru riti, offerti u sagrifiċċji minħabba d-dnubiet jew ħtijiet. Għalhekk qamu l-mistoqsijiet fuq l-awtorità tiegħu: "Kif qiegħed tgħammed?" (Ġw 1:25; l-istess mistoqsija saret lil Ġesù: "Int b'liema setgħa qiegħed tagħmel dan kollu" (Mt 21:23 u paral.), u Ġesù hawnhekk jirreferi b'mistoqsija għall-magħmudija ta' Ġwanni, jekk kinitx ġejja mis-Sema jew mill-bnedmin; nistgħu nsemmu wkoll Mk 2:1s: b'liema setgħa jaħfer id-dnubiet). Aktar minn hekk, hemm element ieħor ġdid. Il-Lhud kellhom ħafna riti bl-użu tal-ilma (ara Ġw 2:6; Mk 7:4s). Imma dan ir-rit bl-ilma, jiġifieri l-magħmudija bil-wegħda tal-maħfra tad-dnubiet, kien xi ħaġa innovattiva.

Kien mertu wkoll tal-Battista li tħabbret l-imminenza taż-żmien Messjaniku, bil-miġja tal-Messija tant mistenni li kien imwiegħed sa mill-antik u issa qiegħed f'nofshom: "Indmu, għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet" (Mt 3:2). Bil-predikazzjoni tiegħu għall-indiema u l-magħmudija Ġwanni kien qed

iħejji "it-triq tal-Mulej" (Mt 3:3 u paral.) permezz ta' poplu msoffi. Mela nistgħu ngħidu li bl-attività tiegħu l-Battista kien qed jindirizza l-magħmudija u l-indiema lejn il-maħfra tad-dnubiet, u bħala profeta ħabbar lil Ġesù u l-Magħmudija tiegħu tal-Ispirtu s-Santu. Min-naħa tiegħu Ġesù kompla ħidmietu f'rabta mal-indiema u l-maħfra, u għallem fuq twelid "mill-ilma u l-Ispirtu" (Ġw 3:5).

**Il-maħfra fit-Testment il-Ġdid**

It-Testment il-Ġdid ikompli bit-tradizzjoni li Alla juri t-tjieba tiegħu fil-maħfra tad-dnubiet. Din il-maħfra Alla jirrealizzaha permezz tal-persuna u l-opra ta' Ġesù. Il-kitbiet kollha tat-Testment il-Ġdid jaqblu b'mod sħiħ fuq din il-verità ewlenija. Naraw għalhekk kif din il-maħfra tintwera fil-predikazzjoni u l-ministeru ta' Ġesù, u kif imbagħad ġiet imwettqa fil-ħidmiet tal-Appostli u mfissra fil-kitbiet tagħhom.

**Isem Ġesù: "isalva mid-dnubiet"**

Sa minn qabel twelidu kien diġà ntwera fiex kienet tikkonsisti l-missjoni ta' Ġesù. L-anġlu jgħarraf lil Ġużeppi, li kien imħasseb fuq is-sitwazzjoni ta' Marija u r-rwol tiegħu, u hu jirċievi dan l-inkarigu: "Inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mt 1:21). Fl-isem stess tat-tarbija hemm espressa fundamentalment il-missjoni ewlenija tagħha. L-isem "Ġesù", bil-Lhudi *"Jexugħa"*, hu s-soltu mfisser bħala l-Mulej jew "Jaħweh isalva, jeħles". Hawn, iżda, dan id-don ta' salvazzjoni hu speċifikat bħala maħfra tad-dnubiet: "isalva minn dnubiethom". Dan kien imtenni għal Alla: "Hu [Alla] li jifdi lil Israel minn ħtijietu kollha" (Salm 130:8). Iżda issa din il-maħfra tad-dnubiet titwettaq permezz tal-persuna u l-opra ta' Ġesù. Il-qofol tal-missjoni ta' Ġesù hu l-maħfra; hu ġie biex jagħti xhieda ta' din il-maħfra ta' Alla. Mattew ikompli jgħid: "…ikollha Iben, u jsemmuh Għimmanu-El, li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'" (Mt 1:23). Mela b'Ġesù jseħħ dak li tgħid l-Iskrittura (Is 7:14): hu "Alla magħna" li jneħħi dak li jifred lill-bnedmin minn Alla, jiġifieri jeħlishom mid-dnubiet, u fl-istess waqt iġedded il-ħajja ta' komunjoni miegħu.

Fil-vanġelu ta' Luqa l-anġlu jsejjaħ lil Ġesù "Salvatur" (Lq 2:11), titlu li Luqa jużah hawn biss. Iżda t-tema tas-salvazzjoni hi fil-qalba tal-opra kollha tiegħu. Għal Luqa salvazzjoni tfisser fost l-oħrajn li terġa' tiġi rrestawrat, li tkun salvat jew meħlus mid-dnub u minn dak li jbiegħed minn Alla. Filfatt din kellha tkun il-missjoni tal-Battista bħala prekursur, imħabbra minn missieru Żakkarija: li juri li l-vera "salvazzjoni" tikkonsisti fil-"maħfra ta' dnubiethom" (Lq 1:77; ara 19:9, fl-episodju ta' Żakkew), tema li hi ħafna għal qalb Luqa.

**Bidu tal-ministeru ta' Ġesù: "Indmu u emmnu"**

Ġesù beda l-ministeru tal-ħajja pubblika tiegħu billi qal: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet. Indmu u emmnu fl-Evanġelju" (Mk 1:15; ara Mt 4:17). Ninnotaw l-insistenza fuq temi li jixbhu lil dawk tal-Battista: l-imminenza taż-żmien eskatoloġiku, li Alla jsaltan u l-indiema. Dak li hu innovattiv hu r-rabta bejn l-indiema u t-twemmin fl-Evanġelju. Il-kontenut ta' din il-Bxara t-tajba għandu rifless fuq il-profondità tal-indiema.

Għal Ġesù, Alla ta' Israel hu Alla qaddis (Lev 11:44-45; Is 6:3), tant li hu jsejjaħlu wkoll "Missier qaddis" (Ġw 17:11; ara wkoll 1 Piet 1:16 u Apok 4:8, li jirreferu għal Lev 11:44-45 u Is 6:3). Din l-idea tal-qdusija assoluta ta' Alla li nsibu fit-Testment il-Qadim insibuha wkoll fit-Testment il-Ġdid, fis-sens li l-qdusija ta' Alla daħlet fl-istorja tal-persuna ta' Ġesù u għalhekk hi preżenti fil-qdusija tal-Iben inkarnat (ara Mk

1:24; Lq 1:35; 4:34; Ġw 6:69; Atti 3:14; 4:27,30; Apok 3:7). Din il-qdusija tal-Iben għandhom sehem fiha dawk li huma "tiegħu" (Ġw 13:1; ara 17:16-19) u li hu jagħmilhom ulied adottivi tal-Missier (Gal 4:4-6; Rum 8:14-17). Ġesù jitlob li fid-dixxipli tkun riflessa dik l-imħabba u r-reċiproċità li hemm bejnu u l-Missier: "Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena" (Ġw 15:9). Kif Ġesù "ħabbhom għall-aħħar" (Ġw 13:1), jiġifieri perfettament, hekk ukoll għandhom iħobbu d-dixxipli lil xulxin (Ġw 13:34-35), u dan Ġesù jipproponih bħala l-kmandament il-ġdid: "Li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (Ġw 13:34; 15:12).

Fil-kuntest ta' din il-manifestazzjoni tal-imħabba nistgħu naraw kemm it-tema tal-maħfra u tar-rikonċiljazzjoni tidħol fil-qalba tal-Bxara t-Tajba ta' Ġesù. Meta Ġesù jinsisti fuq l-indiema hu jmur aktar fil-fond, bix-xewqa li fil-qalb tal-bniedem ikun hemm is-sinċerità. Mhux biżżejjed li wieħed iħares il-liġi ta' Alla fl-aspett estern ta' konformità, imma, aktar minn hekk, hu meħtieġ li jkun hemm korrispondenza sħiħa mar-rieda qaddisa ta' Alla. Bl-istess mod l-indiema; minbarra li wieħed ikollu s-sogħba tad-dnubiet, irid ikun hemm bidla radikali fl-orjentament tiegħu b'mod li jgħix l-ispirtu tal-imħabba u tal-maħfra.

Din il-Bxara t-Tajba, li fiha t-tifsira tal-indiema qiegħda tkun aktar imwessgħa, turi l-wasla ta' żmien ġdid. Dan iż-żmien il-ġdid huwa mmanifestat aktar permezz tal- mirakli, li huma sinjali tal-miġja Messjanika li seħħet permezz ta' Ġesù u hija kkaratterizzata mill-ħakma jew it-twaqqif tas-Saltna ta' Alla u mill-ħidma tal-Ispirtu: "Iżda jekk jien qiegħed inkeċċi x-xjaten bl-Ispirtu ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta' Alla" (Mt 12:28; ara Lq 11:20). F'dan iż-żmien ġdid, li fih il-ħakma tax-Xitan hija megħluba u sostitwita mis-Saltna ta' Alla, il-bniedem, filwaqt li hu msejjaħ għall-indiema, huwa mistieden biex jilqa' b'rispons pożittiv din is-saltna permezz tal-fidi. Din il-Bxara t-Tajba, li Ġesù jxandar biex tkun imwaqqfa s-Saltna ta' Alla, għandha bħala frott il-maħfra li Alla lest jagħti biex il-bniedem jibda mill-ġdid il-ħajja tiegħu.

**Il-maħfra fil-predikazzjoni ta' Ġesù**

Bil-Bxara t-Tajba Ġesù kien qed juri li, minkejja d-dnub u l-qawwa tax-Xitan li żżomm lill-bniedem taħt idejh, Alla dejjem ikompli jfittex lill-bniedem u lest li juri ħniena u jaħfer il-ħtijiet tiegħu biex jibda triq ġdida. Qatt mhu tard li titlob 'l Alla l-maħfra. Għalkemm Alla jrid u dejjem lest li jaħfer, hemm kundizzjonijiet għal din il-maħfra.

L-ewwel nett, kif diġà semmejna, hemm l-indiema (***"metanoia"***): li wieħed b'mod sinċier ikun lest li jitlaq id-dnub u jdur lejn Alla. Ġesù jinsisti fuqha fil-ministeru tiegħu. Filfatt Ġesù, filwaqt li jiġi magħdud bħala wieħed li jagħmilha mal-midinbin, jgħid li hu ma ġiex biex isejjaħ lill-ġusti, "iżda lill-midinbin għall-indiema" (Lq 6:31-32). Ġesù jsemmi żewġ ċirkustanzi traġiċi li fihom mietu n-nies, u jżid li "jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom" (Lq 13:3-5). Hu jibgħat ukoll lit-Tnax bl-istess missjoni: "Ħarġu mela jxandru biex in-nies jindmu" (Mk 6:12). Wara l-Qawmien, filwaqt li lid-dixxipli jfissrilhom l-Iskrittura, ikompli jgħidilhom "li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha" (Lq 24:47). Mela l-vera ndiema tinvolvi mhux biss sogħba tad-dnubiet imma wkoll bidla sħiħa fl-attitudni tal-individwu. B'dan il-mod jasal għall-esperjenza tal-maħfra mingħand Alla.

It-tieni, Ġesù jinsisti fuq li wieħed ikollu l-ispirtu tal-maħfra (***"aphesis"***). Filfatt il-maħfra tal-oħrajn hi element karatteristiku fit-tagħlim tiegħu. Minbarra l-indiema u l-fidi, li taħfer lill-oħrajn hija kundizzjoni għall-maħfra tad-dnubiet f'dan iż-żmien il-ġdid. Fil-kuntest tal-Bxara t-Tajba Ġesù jafferma

diversi drabi li wieħed għandu jaħfer lil min ikun naqsu b'xi ħtija. Din hija espressa fit-talba tal-Missierna: "Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina" (Mt 6:12; Lq 11:4). Alla jaħfer dejjem u bla limitu. Imma l-bniedem jista' jqiegħed bħal ostaklu għal din il-maħfra jekk hu ma jurix spirtu ta' maħfra lejn l-oħrajn. Wieħed ma jkunx maħfur jekk hu stess ma jaħfirx: "Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-Smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom" (Mt 6:14-15; ara Mk 11:25).

Il-bniedem irid iwarrab dawk is-sentimenti li jgħarrqu r-relazzjoni tiegħu ma' Alla, jiġifieri kull rabja, mibegħda jew li jżomm f'qalbu lejn xi ħadd (ara Mt 5:21-24). Inkella jiġrilu bħal dak il-qaddej ħażin tal-parabbola li ma ħafirx lil sieħbu, li kellu jagħtih ħafna inqas minn dak li kien inħafirlu mis-sinjur ftit qabel, u spiċċa jkun maħqur biex irodd kollox. Għalhekk Ġesù jwissi: "Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-Smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom" (Mt 18:23-35).

Fuq kemm wieħed għandu jaħfer Ġesù għandu wkoll twissija. M'għandux ikun hemm limitu fir-rieda tal-bniedem biex jaħfer lill-oħrajn: "Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub widdbu, u jekk jindem aħfirlu", u jkompli jgħid li jekk hu "jonqsok seba' darbiet f'ġurnata, u jdur lejk seba' darbiet u jgħidlek: 'Jisgħobbija', aħfirlu" (Lq 17:3-4). Mattew għandu mistoqsija li Pietru jagħmel lil Ġesù bl-użu tan-numru sebgħa, li hu numru komplet. Ġesù jwieġeb: "Ma ngħidlikx sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba" (Mt 18:21-22; ara Ġen 4:24), jiġifieri m'hemmx limitu.

Jekk Ġesù għallem u wissa fuq il-maħfra, hu ta wkoll eżempju kbir ta' din il-maħfra lejn l-oħrajn. Fuq is-salib, waqt li kien imdendel, imdawwar b'nies ostili li wassluh għall-mewt, Ġesù għamel talba ta' maħfra għalihom: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (Lq 23:34; ara wkoll it-talba ta' Stiefnu waqt li kienu jħaġġruh f'Atti 7:60).

**Il-parabboli tal-maħfra**

Luqa, forsi aktar mill-evanġelisti l-oħra, jara ħafna t-tjubija ta' Ġesù. Hu jara f'Ġesù s-Salvatur li jħenn u jaħfer, tant li ħafna jsejħu l-vanġelu tiegħu "il-vanġelu tal-ħniena". Mal-elementi li forsi diġà semmejna ta' din il-karatteristika b'mod ġenerali, nistgħu nżidu xi eżempji partikulari. Minflok is-saħta tas-siġra tat-tin (Mk 11:12s; Mt 21:18s) Luqa għandu l-parabbola tat-tina bla frott li jagħtiha ċans ieħor biex tagħmel il-frott (Lq 13:6-9). Insemmu wkoll il-ħarsa ta' Ġesù lejn Pietru wara li ċaħdu tliet darbiet (Lq 22:61). Lill-ħalliel mislub miegħu li nidem, wara li ammetta l-ħtija tiegħu u l-kastig mistħoqq, Ġesù jgħidlu: "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi" (Lq 23:43). F'dawn l-eżempji tidher il-ħniena ta' Ġesù li trid twassal għall-maħfra lil min ikun nidem u jrid juri rieda tajba.

Ninnotaw li f'dawn l-eżempji li semmejna ma niltaqgħux mat-terminu "maħfra". Dan nistgħu ngħiduh ukoll għall-parabboli l-kbar li juru ħniena u maħfra mingħajr l-użu tal-kelma "maħfra". Iżda xorta waħda dawn il-parabboli jridu juruna li Alla jifraħ meta l-midneb jindem u allura jikseb il-maħfra. Luqa jiġbor tliet parabboli flimkien f'kapitlu 15. L-ewwel waħda hija l-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa (Lq 15:7, li nsibuha wkoll f'Mt 18:12-14), u t-tieni waħda hi l-parabbola tad-drakma l-mitlufa (Lq 8-10), li jġib hu biss. Dawn it-tnejn juru l-ferħ għas-sejba mill-ġdid ta' dak li kien mitluf, mhux ta' min isibha biss, iżda tal-oħrajn ukoll, u dan bħala paragun għall-ferħ ta' "midneb wieħed li jindem" (v. 7,10). Bl-aqwa parabbola tal-iben il-ħali, Ġesù juri l-proċess kollu li jwassal għall-maħfra. L-iben iż-żgħir, fil-miżerja li kien jinsab fiha, wera vera ndiema u rieda sħiħa li joħroġ mis-sitwazzjoni: "Ħa nqum u mmur

għand missieri, u ngħidlu: 'Missier, dnibt kontra s-Sema u kontra tiegħek'" (v. 18,21). Il-Missier min-naħa tiegħu juri l-akbar ħniena: "…fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda… u biesu… 'nagħmlu festa'" (v. 20-23). B'dan il-mod Ġesù qed juri l-imħabba tal-Missier divin lejn dan l-iben il-midneb, li jilqgħu mill-ġdid f'daru. Iwissi wkoll kontra l-atteġġjament tal-iben il-kbir li nkorla, u li hu meħtieġ li jkollna l-ħniena li taħfer (15:32).

Insemmu parabbola oħra li għandha x'taqsam mal-maħfra, minkejja li lanqas hawn ma jintuża dan it-terminu: il-parabbola tal-Fariżew u l-pubblikan (Lq 18:10-14), li hi wkoll partikulari ta' Luqa. Hawn għandna kuntrast bejn il-Fariżew li jgħix ir-reliġjożità tiegħu f'termini legalistiċi, meqjusa bħala l-qofol tat-twemmin u l-moralità Ġudajka, u min-naħa l-oħra l-pubblikan bl-uffiċċju tiegħu li jiġbor it-taxxi, magħdud bħala midneb. Wieħed jiftaħar b'għemilu u l-ieħor bl-umiltà jistqarr: "O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb" (v. 13). Ġesù jagħti l-verdett tiegħu: il-pubblikan irritorna "iġġustifikat" (v. 14), jiġifieri dnubietu maħfura għax talab maħfra (Salm 51:19), filwaqt li l-Fariżew ma kellux dnubietu maħfura għax ma talabx maħfra.

Minn dawn il-parabboli u eżempji oħra stajna naraw kemm Ġesù ried jgħallem fuq il-ħniena ta' Alla l-Missier li lest dejjem biex jaħfer lil min juri impenn biex iwarrab dak li jifred lill-bniedem minn Alla jew lil bniedem minn ieħor.

**Il-maħfriet ta' Ġesù**

Matul il-ministeru tiegħu Ġesù mhux biss xandar u għallem fuq l-indiema u l-maħfra, iżda wettaq ukoll il-maħfra lejn dawk li kienu midinbin u saħansitra wera li għandu din is-setgħa li jaħfer id-dnubiet.

Diġà semmejna kif Ġesù wera ħniena mal-ħalliel li nidem. Nistgħu nsemmu ġrajja oħra mill-ħajja ta' Ġesù li turi l-atteġġjament ta' Ġesù fil-konfront ta' nies magħrufa bħala midinba: il-ġrajja ta' Żakkew il-pubblikan (Lq 19:1-10). Żakkew għamel l-almu biex jara lil Ġesù. Ġesù rah u għamillu stedina, li laqagħha "u kollu ferħan laqgħu għandu" (v. 6). Għall-istqarrija li għamel Żakkew, Ġesù jwieġeb: "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni" (v. 9). B'hekk hu qed jiddikjara l-ħniena li tissarraf fil-maħfra li terġa' tagħti l-ħajja mill-ġdid lill-midneb. Meta jgħid: "Għax Bin il-Bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf" (v. 10), minkejja li bħal fl-episodji tal-parabboli f'Lq 15 ma tissemmiex il-maħfra, xorta qiegħed jagħmel eku tat-tema ta' dawn il-parabboli, kif ukoll tal-vanġelu kollu ta' Luqa, jiġifieri li Ġesù jfittex lill-midneb biex jikseb il-maħfra minn ħtijietu u jħossu tabilħaqq mifdi.

F'episodju ieħor li nsibuh ukoll f'Luqa għandna rakkont ta' mara midinba li kienet maħfura (Lq 7:36-50). Il-Fariżew li stiednu ddubita mill-kwalitajiet ta' Ġesù bħala profeta għax ħalla midinba tersaq lejh. Iżda Ġesù juri ispirazzjoni profetika u jġiblu bħala eżempju parabbola ta' tnejn li nħafrilhom dejnhom f'ammonti differenti. Meta japplikaha għal Xmun u l-mara, Ġesù juri li Xmun kellu anqas dejn, allura wera mħabba żgħira, filwaqt li l-mara kellha aktar ħtija, u wriet imħabba kbira. Il-konklużjoni ta' Ġesù hi: "Għalhekk ngħidlek li dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna; imma min jinħafirlu ftit, ftit iħobb" (v. 47). Dan il-vers kien lok ta' ħafna diskussjoni. Jista' jfisser li min inħafirlu ħafna, iħobb ħafna, u min inħafirlu ftit, iħobb ftit. Jista' jfisser ukoll li f'vers 47a l-imħabba hija meqjusa bħala l-fundament tal-maħfra, filwaqt li f'vers 47b l-imħabba hi meqjusa bħala konsegwenza tal-maħfra. F'dan il-każ vers 47b jaqbel mal-iskop tal-parabbola. Għalkemm vers 47a waħdu jista' jinftiehem li l-maħfra ta' dnubietha kienet bħala riżultat ta' mħabbitha, imma l-kuntest kif muri fil-parabbola u f'vers 47b jeskludi dan is-sens. Għalhekk dan il-vers għandu jinftiehem li l-imħabba ta' gratitudni tagħha hija

konsegwenza tal-maħfra li qalgħet: ħabbet ħafna għax inħafrilha ħafna, u mhux bil-maqlub. Jista' jkun ukoll li Luqa ried joħloq tensjoni meta jesprimi li l-attitudni ta' mħabba hija neċessarja biex il-maħfra tkun possibbli, filwaqt li l-maħfra stess titlob spirtu miftuħ ta' mħabba. Hi x'inhi l-pożizzjoni, Ġesù jaħfrilha dnubietha (f'v. 47-49 għandna kull darba dan il-binomju: ***"aphesis hamartia"***), ħaġa li tqajjem il-mistoqsija fuq b'liema setgħa jaħfer id-dnubiet (ara Lq 5:21). Iżda lill-mara jikkonfermalha: "Il-fidi tiegħek salvatek; mur bis-sliem" (v. 50). Hawnhekk naraw li s-salvazzjoni, jiġifieri l-maħfra tad-dnubiet, hija wkoll marbuta mal-fidi. Ifisser li l-evanġelista qed jindika fundament ieħor għall-maħfra: meta wieħed jemmen fl-opra salvifika ta' Ġesù din twassal għall-maħfra tad-dnubiet li ġġib fil-midneb paċi interna.

Fl-episodju tal-fejqan tar-raġel mifluġ Ġesù jeżerċita wkoll is-setgħa tal-maħfra tad-dnubiet (Mt 9:1-8; Mk 2:1-12; Lq 5:17-26). Naraw li Ġesù jaħfer id-dnubiet minħabba l-fidi fil-qawwa tiegħu li wrew dawk li ressqu lil dak il-mifluġ quddiemu (v. 5), u din wasslet ukoll biex fejjaq lill-mifluġ. Il-fidi hija wkoll dispożizzjoni għall-maħfra tad-dnubiet (ara wkoll Atti 10:43; 26:18). Iżda meta din is-setgħa tiegħu li jaħfer id-dnubiet kienet ikkritikata, Ġesù affermaha billi wera l-qawwa tiegħu li jfejjaq. Fit-Testment il-Qadim Alla biss għandu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet, kif jidher b'mod partikulari fiċ-ċerimonja tal-Jum tal-Maħfra (din hi r-raġuni tal-kritika: "Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?" (v. 7), u qed iqisuha bħala dagħwa). Il-maħfra tad-dnubiet kellha tkun ukoll wieħed mis-sinjali taż-żmien Messjaniku (Hos 14:5; Ġer 31:34), u l-Messija kellu jwettaqha (Is 53:4-12). Meta Ġesù qed jaħfer id-dnubiet, dan hu sinjal għar-restawrazzjoni tal-ħakma ta' Alla, u din hi parti mix-xandir tal-Bxara t-Tajba (ara Mt 1:21; Mk 1:15). Bit-titlu ta' "Bin il-Bniedem" Ġesù jqanqal lis-semmiegħa biex jirriflettu fuq il-persuna tiegħu; jafferma l-prerogattiva divina. Hu għandu s-setgħa mhux biss li jfejjaq, iżda wkoll li jaħfer id-dnubiet. B'mod parallel ifejjaq dak li hu viżibbli u inviżibbli. Mela meta Ġesù qiegħed juri din is-setgħa li jaħfer "fuq l-art" (v. 6), jiġifieri fil-preżent, hu jkompli jifrex is-Saltna ta' Alla biex il-bnedmin jinħelsu mill-jasar tad-dnub.

**Id-dnub li ma jinħafirx**

Kull dnub, kbir kemm hu kbir, jista' jinħafer minn Alla, sakemm il-midneb juri sogħba għalih: "Tassew ngħidilkom, kollox jinħafrilhom lil ulied il-bnedmin, id-dnubiet u d-dagħa kollu li jidgħu" (Mk 3:28). Iżda Ġesù jitkellem fuq dnub li hu l-eċċezzjoni, li ma jinħafirx: id-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu: "Imma min jieqaf lill-Ispirtu s-Santu ma jkollu qatt maħfra; jibqa' ħati għal dejjem" (Mk 3:29; Mt 12:31-32; Lq 12:10). Dan id-dnub mhuwiex identifikat u n-natura tiegħu kienet suġġett ta' ħafna diskussjoni. L-interpretazzjoni l-aktar komuni nistgħu neħduha mill-kuntest tal-episodju fejn il-kittieba akkużaw lil Ġesù li għandu fih lil Begħelżebul, il-prinċep tax-xjaten, meta qalu: "Għandu fih spirtu ħażin" (Mk 3:22-30 u paral.). Ġesù qed jirreferi speċifikament għad-dnub tal-kittieba meta huma rrifjutaw li jagħrfu li l-Ispirtu ta' Alla qed jimmanifesta lilu nnifsu fl-azzjonijiet Messjaniċi tiegħu.

Fil-vanġeli Sinottiċi Ġesù hu muri li għandu l-Ispirtu li bih qed iwettaq il-missjoni tiegħu (Mt 3:11,16; 4:1; 12:18,28; Lq 4:14,18). 'Il quddiem anki d-dixxipli jkollhom l-Ispirtu fit-twettiq tal-ħidma tagħhom (Mt 10:20; Mk 13:11; Lq 11:13). Dan l-Ispirtu kien imħabbar li sa jistrieħ fuq il-Messija (Is 11:2; 42:1; 61:1). Issa meta l-kittieba, minħabba l-għamad spiritwali tagħhom, qed iqisu l-opra ta' Ġesù ħidma tax-Xitan, qed iqiegħdu lilhom infushom f'sitwazzjoni ta' dnub li ma jistax jinħafer, għax qed jagħlqu kull xaqq ta' tama li jistgħu joħorġu minn din is-sitwazzjoni. Qegħdin jopponu mhux biss lil Bin il-Bniedem (Mt 12:32), imma l-offerta ta' Alla stess permezz ta' Ġesù. Dan hu dak li ħabbar fuqhom Isaija (6:9-10) u li Ġesù jtenni fid-diskors tal-parabboli: "Iħarsu kemm iħarsu ma jarawx, u jisimgħu

kemm jisimgħu ma jifhmux, li ma jbiddlux ħajjithom u jaqilgħu l-maħfra" (Mk 4:12; ninnotaw li f'Mt 13:14 u Lq 8:10 tonqos l-aħħar parti li tidher ħarxa; ara wkoll Ġw 12:40, fejn ukoll jirreferi għat-test ta' Isaija, għax il-Lhud ma emmnux f'Ġesù). Il-Lhud, kemm fost il-kittieba u kemm fost il-Fariżej, irrifjutaw ir-rivelazzjoni ta' Alla mwassla permezz ta' Ġesù, anzi attribwewlu l-qawwa tal-ispirtu l-ħażin. Dan allura jfisser li b'dan l-atteġġjament negattiv ta' rifjut totali ma hemm ebda tama għall-bniedem li qatt xi darba jista' jqiegħed xi kredibbiltà fil-persuna u l-opra ta' Ġesù.

**Is-setgħa tal-maħfra lill-Knisja**

Rajna li Ġesù kellu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet, u filfatt din is-setgħa kienet ta' spiss eżerċitata mal-midinbin. Ġesù fehem ukoll li din is-setgħa tal-maħfra tkompli anki fil-Knisja, li hu ried iwaqqaf fuq l-Appostli. Meta Ġesù sejjaħ għal warajh dixxipli, minn fosthom għażel tnax-il Appostlu biex lilhom jagħtihom missjoni speċifika, biex dak li beda hu jitkompla bil-ħidma tagħhom.

Ġesù jaf ukoll li l-bnedmin, minkejja li jwieġbu għas-sejħa tiegħu biex jerġgħu jitwieldu għall-ħajja mill-ġdid fl-Ispirtu u jkunu mwettqa bil-grazzja tal-fidwa tiegħu, minħabba l-ġibda persistenti għall-ħażen min-naħa tax-Xitan, tal-ġisem u tad-dinja, juru dgħufija li terġa' twassalhom lejn id-dnub. Għalhekk Ġesù ried li s-setgħa tal-maħfra tkompli tkun eżerċitata fil-Knisja. Naraw xi testi rilevanti biex nifhmu l-importanza ta' din il-medjazzjoni ekkleżjali għal din il-komunikazzjoni tal-maħfra divina.

Fir-raba' parti narrattiva (Mt 14-17) li għandu Mattew fil-vanġelu, wara l-istqarrija tal-fidi ta' Pietru fil-Messija, Ġesù jsejjaħlu l-"blata" u jafferma l-missjoni tiegħu tal-primat. Ġesù jkompli jgħidlu: "Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-Smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-Smewwiet" (Mt 16:19). Imbagħad fir-raba' diskors tal-komunità (Mt 18), li jsegwi din il-parti narrattiva, Ġesù jtenni l-istess kliem lid-dixxipli l-oħra li huma responsabbli fil-komunità (Mt 18:18). L-għoti tal-imfietaħ huwa att simboliku antik u modern biex juri li qed tingħata l-awtorità (ara Is 22:22; Apok 1:18; 3:7). Waqt li l-kittieba u l-Fariżej jagħlqu l-bieb tas-Saltna (Mt 23:13), Pietru jmexxi u jħares il-poplu ta' Alla miġbur minn Kristu rebbieħ skond ix-xewqat u r-rieda tal-Imgħallem. Imma hu għandu wkoll personalment il-libertà ta' dixxerniment responsabbli. Kemm hi wiesgħa din l-awtorità tiegħu hu mfisser b'espressjoni Semitika ta' "tħoll u torbot", li kellha użu tekniku fost ir-Rabbini, u din l-awtorità tapplika wkoll għall-Knisja, għal dawk li huma responsabbli bħala ragħajja fil-komunità. F'sens wiesa' l-espressjoni tirreferi fil-kamp legali għal deċiżjonijiet li jorbtu, imma tindika wkoll kemm li ddaħħal jew teskludi mill-komunità huwa s-sens primarju f'Mt 18:18. Pietru u r-ragħajja l-oħra fil-komunità għandhom ir-responsabbiltà li jiftħu l-bieb tas-Saltna lil dawk li jfittxuh verament u jagħlquh lil dawk li jheddu l-għaqda fil-komunità. Dawn mhumiex sempliċi għemejjel tal-bnedmin, imma huma anki għemejjel divini (Mt 16:19: "fis-Smewwiet"; 18:18: "fis-Sema"). Nistgħu ngħidu li fil-kwadru l-aktar wiesa' tas-setgħa mogħtija lil Pietru (Mt 16:19) u lid-dixxipli l-oħra li għandhom l-awtorità fil-komunità (Mt 18:18), tidħol anki l-missjoni li jaħfru d-dnubiet.

Din il-missjoni tal-maħfra tad-dnubiet hija mogħtija lill-Appostli fil-kuntest tal-għoti tal-Ispirtu s-Santu, il-Paraklitu mwiegħed (Ġw 14:16s; 16:7-13), f'ġest simboliku minn Kristu Rxoxt xħin nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom (***"aphete"***: tibgħat, tħalli jmur, taħfer dejn, taħfer ħtija ta' dnub; fiż-żewġ Testmenti jippredomina s-sens reliġjuż tal-maħfra divina: ***"tas hamartias"***) ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom (***"kratein"***: tieħu f'idejk, tarresta, iżżomm, iżżomm sħiħ; hawn, iżżomm id-dnubiet f'oppost għal taħfer, tiċħad il-maħfra) ikunu miżmuma" (Ġw 20:22-23). Filwaqt li l-Appostli jirċievu l-Ispirtu s-Santu, is-setgħa li Ġesù kien jeżerċita

personalment hija kkomunikata lilhom, u din tkompli fil-ħajja tal-Knisja hija u twettaq l-opra salvifika tiegħu. Hawn naraw li l-Appostli kienu mogħtija s-setgħa li jaħfru kif għamel Ġesù (ara Mk 2:5 u paral.), liema setgħa, imma, ma tidhirx fil-vanġelu ta' Ġwanni. Mela fiċ-ċentru tal-ġrajja tal-Għid jitwieled il-ministeru tal-maħfra tad-dnubiet (ara Lq 24:47). Dan it-test ta' Ġwanni hu meħud fit-tradizzjoni tal-Knisja Kattolika bħala bażi Biblika għas-sagrament tal-Maħfra jew tar-Rikonċiljazzjoni (ara l-Konċilju ta' Trento).

**Iċ-ċentralità tal-persuna ta' Ġesù**

Meta Ġesù jinterpreta t-Testment il-Qadim hu jqiegħed lilu nnifsu fiċ-ċentru tiegħu. Dan ħasad b'qawwa kbira lill-mexxejja tat-tradizzjoni mibnija fuq il-Liġi, it-Tempju u l-kult. Kienu jħarsu lejn Ġesù mhux b'sempliċi polemika, imma raw fih atteġġjament immanifestat b'manjiera offensiva. Nistgħu nsemmu diversi elementi.

L-ewwel nett Ġesù beda billi ppreżenta lilu nnifsu bħala profeta taż-żminijiet ġodda (ara Lq 4:24), jgħallem l-indiema u l-Bxara t-Tajba (Mk 1:15; Mt 4:17). Aktar minn hekk, il-profezija li kienet imħabbra fuq il-Messija fit-Testment il-Qadim, Ġesù juri li ssib it-twettiq tagħha fil-persuna u l-opra tiegħu (Is 61:1-2), billi hu stess jafferma l-attwalizzazzjoni tagħha fil-preżent (Lq 4:21). In-nies ta' Nazareth spiċċaw biex inkorlaw għalih minħabba l-affermazzjonijiet tiegħu.

Rigward il-kult, li kellu bħala ċentru t-Tempju, Ġesù għamel interpretazzjoni radikali ta' dan tal-aħħar. It-Tempju bħala simbolu tal-preżenza ta' Alla kellu l-akbar qima u rispett tal-Lhud. Imma Ġesù, f'kontroversja fuq il-ħarsien tas-Sibt, jazzarda jagħmel lilu nnifsu "aqwa mit-Tempju" (Mt 12:6). Meta Ġesù keċċa lill-bejjiegħa mit-Tempju hu qisu għamel minnu bħallikieku propjetà tiegħu, kif jidher mill-kliem profetiku li jikkwota: "Hemm miktub li 'Dari dar it-talb tissejjaħ'. Intom, imma, għamiltuha għar tal-ħallelin" (Mt 21:13; ara Is 56:7; Ġer 7:11). Quddiem is-Sinedriju, fil-Passjoni, Ġesù kien akkużat hekk: "Aħna smajnieh jgħid: 'Jiena nħott dan it-Tempju mibni bl-idejn, u fi tlitt ijiem nibni ieħor li ma jkunx mibni bl-idejn'" (Mk 14:58; Ġw 2:19). Dan il-kliem ir-raba' vanġelu jinterpretah li qed jitkellem "fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu" (Ġw 2:21), b'riferenza għall-mewt u l-Qawmien tiegħu.

Fit-teoloġija tat-Testment il-Qadim kien ċar li Alla biss seta' jaħfer id-dnubiet, u dan fil-kwadru tal-Patt li jiġbor fih il-Liġi u l-kult. It-Testment il-Ġdid min-naħa l-oħra ma jagħmilx sigriet, anzi diversi kitbiet fi qbil sħiħ jaffermaw bħala verità ċentrali li Alla wettaq il-maħfra permezz tal-persuna u l-opra ta' Ġesù (Atti 13:38; Efes 1:7; Kol 1:14; 1 Ġw 2:12). Kif diġà rajna, Ġesù stess jagħti l-maħfra, bħal fil-każ tar-raġel magħtub (Mk 2:5; Mt 9:2; Lq 5:20), li wassal għar-reazzjoni minn dawk preżenti b'akkuża ta' dagħwa fil-konfront tiegħu. Imma meta Ġesù jgħid li l-maħfra tad-dnubiet tinkiseb ukoll permezz tal-mewt tiegħu, imfissra f'termini sagrifikali, hu qiegħed jagħmel interpretazzjoni radikali tat-Testment il-Qadim rigward il-kult tas-sagrifiċċju. Fl-Aħħar Ċena Ġesù qal: "Dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra, għall-maħfra tad-dnubiet" (Mt 26:28; Mark u Luqa m'għandhomx l-espressjoni "għall-maħfra tad-dnubiet", iżda Luqa jitkellem fuq il-Patt "il-ġdid" (ara Lq 22:20)). It-termini "patt" u "demm" huma parti mil-lingwaġġ tas-sagrifiċċju. Jekk qabel il-Patt kien issiġillat bid-demm tal-annimali, issa dan il-Patt huwa ssiġillat bid-demm ta' Ġesù nnifsu. Il-mewt ta' Ġesù ma tistax tiġi attribwita lil xi kawża aċċidentali, bħall-inkompetenza ta' Pilatu jew l-għira tal-Lhud, imma hija meqjusa bħala azzjoni divina li permezz tagħha twaqqaf Patt ġdid, issiġillat minn Ġesù nnifsu, l-Iben ta' Alla, bl-offerta sagrifikali ta' ħajtu. Din il-mewt redentiva, li biha nkisbet il-maħfra tad-dnubiet, hi

f'kuntrast mas-sagrifiċċji tat-Testment il-Qadim, anzi tagħmel is-sagrifiċċji tal-Liġi bla siwi, għaliex is-sagrifiċċji tal-annimali ma jistgħux ineħħu d-dnubiet (ara Lhud 9:12; 10:11,18).

Biex inkomplu ma' din it-tema tal-maħfra tad-dnubiet f'rabta mas-sagrifiċċju, insemmu dak li nsibu fil-bidu tal-vanġelu ta' Ġwanni. Mal-ewwel dehra pubblika ta' Ġesù, Ġwanni l-Battista jippreżentah hekk: "Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ġw 1:29,36). Minħabba li d-dinja, jiġifieri l-umanità kollha, kienet maħkuma mid-dnub, Alla bagħat lil Ibnu biex jeħles lid-dinja mid-dnub u permezz tiegħu ssalva (Ġw 3:16-17). Dan is-simboliżmu tal-Ħaruf b'riferenza għal Ġesù kien tema rikorrenti fil-Knisja tal-bidu, kif juru l-kitbiet tat-Testment il-Ġdid (barra Ġw 1 insibu wkoll Atti 8:32; 1 Piet 1:18-19; 1 Kor 5:7; Apok 5:6s). Din it-tema żgur li għandha bħala sfond ġrajjiet u orakli profetiċi fit-Testment il-Qadim li jħabbru ġrajja ta' Kristu Feddej. L-ewwel għandha l-ġrajja tal-Eżodu, li fiha l-ħaruf tal-Għid ġie ssagrifikat biex ifakkar il-ħelsien tal-Lhud mill-jasar tal-Eġittu (Eż 12). Imbagħad hemm ir-raba' oraklu tal-Qaddej ta' Jaħweh (Is 52:13-53:12), ippreżentat bħala l-ħaruf: "…miġruħ minħabba fi dnubietna… bħal ħaruf meħud għall-qatla… neħħa l-ħtijiet tal-kotra, u ndaħal għall-midinbin" (Is 53:7). Dan il-Qaddej huwa figura ta' Ġesù li jiġi ssagrifikat bħall-ħaruf tal-Għid mingħajr ma jkissrulu ebda għadma (Ġw 19:36; ara Eż 12:46; Num 9:12; Salm 34:21), biex permezz tat-tbatija u l-mewt tiegħu jsalva lill-bnedmin, billi jeħlishom minn dnubiethom, kif esprima hu stess fil-kelmiet tal-Aħħar Ċena (Mt 26:28).

**Il-maħfra fl-Atti tal-Appostli**

Fil-bidu tal-Knisja l-Appostli kienu jipprietkaw li s-salvazzjoni hi possibbli biss fl-isem ta' Ġesù: "F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi" (Atti 4:12). Huma għamlu użu mill-kelma "isem" għal Ġesù l-Messija (2:38; 4:16; 5:28,40; 10:43; 22:16; ara wkoll Ġw 3:18; 1 Ġw 2:12), li fit-Testment il-Qadim kienet turi l-qdusija u t-traxxendenza ta' Alla (ara 2 Kron 6: fid-diskors u t-talba ta' Salamun, meta ddedika t-Tempju, qal li "fih ikun hemm ismi"). L-Appostli fil-predikazzjoni primittiva tagħhom kienu spiss jitkellmu fuq il-maħfra tad-dnubiet u li "permezz ta' Ġesù qiegħda tixxandrilkom il-maħfra tad-dnubiet" (Atti 13:38; 2:38; 5:31; 10:43; 26:18). Il-fidi f'dan Ġesù hi meħtieġa għall-maħfra tad-dnubiet: "Kull min jemmen fih jaqla' l-maħfra tad-dnubiet bis-saħħa ta' ismu" (Atti 10:43; 26:18). Iżda bħalma Ġesù, meta beda jxandar il-Bxara t-Tajba, kien jistieden lin-nies biex jindmu, anki l-Appostli jinsistu b'mod espliċitu fuq l-indiema: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu, għall-maħfra tad-dnubiet" (Atti 2:38; 5:31; 8:22). Mela l-indiema u l-fidi huma kundizzjonijiet meħtieġa u li jibqgħu biex wieħed jikseb il-maħfra tad-dnubiet. Dawn huma relatati mal-Patt il-ġdid li waqqaf Ġesù l-Messija.

**Il-maħfra fl-ittri tat-Testment il-Ġdid u fl-Apokalissi**

Din il-missjoni redentriċi ta' Ġesù rigward il-maħfra tad-dnubiet insibuha wkoll fil-kitbiet l-oħra tat-Testment il-Ġdid: fl-ittri Pawlini, fl-ittra lil-Lhud, fl-ittri ta' Pietru, ta' Ġwanni u ta' Ġakbu, u fl-Apokalissi. Jekk Ġesù kien juża l-lingwaġġ tal-maħfra, anki jekk ma kienx biżżejjed għalih, il-Knisja ta' żmien l-Appostli kellha ddur lejn espressjonijiet u metafori oħra biex tesprimi b'mod adegwat il-kontenut tal-missjoni redentriċi ta' Ġesù fil-kuntest tal-Patt il-ġdid. Filfatt il-maħfra ta' Alla hija mfissra b'diversi espressjonijiet, l-aktar importanti "salvazzjoni", "ġustifikazzjoni", "fidwa" (redenzjoni) u "rikonċiljazzjoni" (ħbiberija mill-ġdid). Kull kittieb għandu l-viżjoni partikulari tiegħu. Imiss li nagħtu ħarsa fil-qosor lejn dawn il-kitbiet.

**Pawlu** jitkellem fuq il-maħfra, għalkemm il-kelma mhijiex frekwenti. Hu juri li Alla jagħti l-maħfra li hija realizzata permezz ta' Ġesù: "Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skond l-għana tal-grazzja tiegħu" (Efes 1:7; Kol 1:14). Ninnotaw l-użu tal-lingwaġġ sagrifikali għall-maħfra tad-dnubiet. L-offerta ta' Ġesù issa hi s-sagrifiċċju li jneħħi d-dnubiet u mhux iżjed is-sagrifiċċju li kien isir fil-kult l-antik. Dan il-lingwaġġ insibuh ukoll meta Pawlu jitkellem fuq il-maħfra li Alla jagħti permezz ta' Ġesù, iżda b'termini differenti minnha. Hekk fl-ittra lir-Rumani għandna test importanti f'dan is-sens: "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati (***"dikaiomai"***) bil-grazzja tiegħu, li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa (***"apolutrosis"***) li hemm fi Kristu Ġesù. Lilu Alla qiegħdu sagrifiċċju ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet (***"hilasterion"***, espjazzjoni, propizjazzjoni; f'Saydon "vittma ta' maħfra"), għal dawk li jemmnu bih. U dan bis-saħħa ta' demmu" (Rum 3:23-25). Il-bnedmin kollha jistgħu jiksbu l-maħfra tad-dnubiet permezz tal-fidi f'Ġesù, li wettaq verament il-fidwa bit-tixrid ta' demmu, u li timmanifesta l-opra salvifika ta' Alla (ara Rum 3:26). Is-sagrifiċċji tal-imgħoddi kienu biss prefigurazzjoni tas-sagrifiċċju li kellu jitwettaq fiż-żmien, jiġifieri dak ta' Ġesù. Il-ħsieb Pawlin fuq il-maħfra tad-dnubiet permezz tas-sagrifiċċju ta' Ġesù jkompli jurih meta jgħid li hu "kien mogħti għall-mewt għal dnubietna" (Rum 4:25). Pawlu jitkellem ukoll fuq ir-rikonċiljazzjoni (il-ħbiberija mill-ġdid) li hi miksuba wkoll permezz ta' Ġesù (Rum 5:11): "Alla kien li ħabbeb (***"katallasso"***) il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija" (2 Kor 5:19). Ħbiberija mill-ġdid ma' Alla tfisser li d-dnub m'għadux hemm jifred lill-bniedem minn Alla; allura hemm il-maħfra u l-bniedem jista' jerġa' jagħmel l-esperjenza tal-preżenza ta' Alla f'ħajtu. Għal Pawlu l-imħabba ta' Alla għall-midinbin dehret meta tana lil Ibnu, li miet għalina (Rum 5:8). Terminu ieħor tabilħaqq Pawlin, li juri l-istess konvinzjoni, hu l-verb "tiġġustifika" (***"dikaioo"***): "Issa li aħna ġġustifikati b'demmu" (Rum 5:9). Kelma oħra li Pawlu biss jużaha fit-Testment il-Ġdid, darba, u li ma nsibuhiex fis-*Settanta*, hi meta jgħid: "…waqt li fl-imgħoddi għalaq għajnejh (***"paresis"***) għad-dnubiet li saru fiż-żmien…" (Rum 3:25). Tista' tfisser maħfra (allura sinonima għal *"aphesis"*, kif iżommu Bultmann u oħrajn), iżda ħafna oħrajn jeħduha fis-sens ta' "tħalli jgħaddu" id-dnubiet ta' qabel.

Għalkemm Pawlu ma tantx juża l-kelma "maħfra", iżda kif rajna hu juża espressjonijiet u metafori oħra. Ma' dawk li semmejna nistgħu nżidu oħrajn. Pawlu jitkellem ħafna fuq li "tkun fi Kristu", b'mod partikulari permezz tal-Magħmudija li tagħmel lill-Kristjan ħaġa ma' Kristu fil-mewt u l-Qawmien tiegħu (Rum 6:3-11). Meta l-bniedem jaqla' l-maħfra tad-dnubiet, Pawlu jiddeskrivih bħala "bniedem ġdid" (Kol 3:9), "ħolqien ġdid" (Gal 6:15), kif ukoll membru tal-Ġisem ta' Kristu (Efes 4:12; 1 Kor 6:15). B'dawn l-espressjonijiet hu qed juri x'jiġri mill-bniedem li jkun meħlus mid-dnub permezz tal-maħfra.

**Fl-ittra lil-Lhud**, l-awtur mill-bidu jgħid li Alla "f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu" (1:2). L-awtur ikompli jgħid li l-missjoni deċiżiva tal-Iben fid-dinja kienet "li naddafna minn dnubietna" (1:3), u jiddeskrivi l-mod f'termini kultwali tas-sagrifiċċju. Għalhekk Kristu bħala l-Qassis il-Kbir "offra lilu nnifsu darba biss biex jitgħabba bid-dnubiet tal-kotra" (9:28), u dan b'sagrifiċċju għad-dnubiet (9:26; 10:12), bit-tixrid ta' demmu (9:12,22), għall-maħfra tad-dnubiet (9:22). B'offerta waħda għamel perfetti lil dawk li huwa jqaddes (10:14). Issa la hemm il-maħfra tad-dnubiet permezz tal-mewt ta' Kristu, m'hemmx ħtieġa ta' aktar sagrifiċċji għad-dnubiet (10:18).

Fl-ewwel ittra ta' **Pietru** għandna l-istess tema, meta jgħid li l-bnedmin kienu mifdija "bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa" (1:18-19; ara wkoll 1:2: "imraxxin b'demmu": b'dan il-kliem, filwaqt li jirreferi għar-riti tat-Testment il-Qadim imfissra f'Eż 24:3-8 u Lev 16:14-15, irid ifisser

il-frott tal-mewt ta' Ġesù). Hawn nerġgħu ninnotaw li bl-użu tal-lingwaġġ meħud mill-kult tas-sagrifiċċju tiġi espressa l-fidwa tal-bnedmin, jiġifieri li huma meħlusa minn ħtijiethom.

Fl-ewwel ittra ta' **Ġwanni** nsibu wkoll it-tema tal-maħfra. Din il-maħfra tad-dnubiet isseħħ permezz ta' Kristu, "bis-saħħa ta' ismu" (2:12). Din il-maħfra setgħet tkun possibbli għal din ir-raġuni mfissra f'termini tas-sagrifiċċju: "Id-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub" (1:7). Ġwanni jkompli jgħid b'mod espliċitu li l-istqarrija tad-dnubiet hija t-tarġa lejn il-maħfra: "Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen" (1:9; ara Atti 19:18). Ma jgħidx kif, imma huma dnubiet personali u konkreti; iżda Alla, li hu "fidil u ġust" (Eż 34:6s; Dewt 32:4), li jżomm it-tjieba tiegħu skond il-Patt, jaħfer id-dnubiet.

It-tema tal-maħfra tad-dnubiet insibuha wkoll fl-ittra ta' **Ġakbu**. Il-kuntest jirreferi għall-każ ta' xi ħadd marid fil-komunità, sabiex fil-Knisja "jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej". Ikompli jgħid: "It-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu" (5:14-15). Dan huwa t-test li fuqu hu bbażat is-Sagrament tal-Morda. Hawn nerġgħu naraw it-tema ta' "l-isem"; juri li d-dilka ssir bil-qawwa tal-isem imsejjaħ, ta' Kristu glorjuż. It-talba trid tkun bil-fidi, kundizzjoni li kienet mitluba wkoll minn Ġesù (ara Mk 5:34; 16:17-18). Permezz tat-talb tal-Knisja u d-dilka, il-marid mhux biss isalva, jiġifieri mill-marda u l-mewt, imma, jekk ikun hemm id-dnubiet, jaqla' wkoll il-maħfra tad-dnubiet, kemm tal-ħtijiet ta' kuljum u kemm ta' dawk gravi. Għandna l-fejqan tal-bniedem sħiħ, fil-ġisem u fl-ispirtu. Ġakbu jsemmi wkoll l-istqarrija tad-dnubiet (5:16; ara wkoll Atti 19:18; 1 Ġw 1:9) bħala l-pass lejn il-maħfra.

Fl-aħħar ktieb tat-Testment il-Ġdid, l-**Apokalissi**, Ġesù hu ppreżentat simbolikament bit-titlu favorit tal-Ħaruf, bħala "il-Ħaruf wieqaf, bħal maqtul" (5:6). Diġà fil-bidu Ġesù hu kkaratterizzat u akklamat bħala "dak li ħabbna, u li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu, u li għamilna saltna, qassisin għal Alla tiegħu, Missieru" (1:5-6). Dawn il-kelmiet jiġu mtennija fl-għanja smewwija l-ġdida, f'ċelebrazzjoni solenni u universali ddedikata lill-Ħaruf: "Għax int kont maqtul, u b'demmek ksibt għal Alla bnedmin minn kull tribù u lsien, minn kull poplu u ġens, u għamilthom għal Alla tagħna saltna u qassisin, li għad isaltnu fuq l-art" (5:9-10). F'termini sagrifikali Ġwanni jrid jagħmel il-punt li s-setgħa u l-glorja tal-Ħaruf huma dovuti lir-rebħa tal-Ħaruf fuq is-salib (5:12-13). Din il-festa kbira kienet frott tas-sagrifiċċju ta' Ġesù, il-Ħaruf. Bis-sagrifiċċju tiegħu hu feda u salva lill-umanità mitlufa u rrikonċiljaha ma' Alla. Konsegwentement il-bnedmin għaddew mill-mewt għall-ħajja, għall-għaqda ma' Ġesù u ma' Alla (ara 7:10). Fil-ħsieb ta' Ġwanni l-mistednin u l-Għarusa tal-Ħaruf huma l-istess ħaġa (19:7-9). It-tjubija ta' Alla u l-imħabba tal-Ħaruf għall-bnedmin jimmanifestaw il-qofol l-aktar sublimi tagħhom meta Ġerusalemm il-ġdida, imħejjija bħal għarusa għall-għarus tagħha, tkun tissejjaħ "l-għamara ta' Alla mal-bnedmin" (21:3).

**Għeluq**

Nistgħu ngħidu li fit-Testment il-Ġdid għandna l-istess idea tal-maħfra bħal fil-Qadim: li tgħatti jew tneħħi d-dnub, il-ħtija jew il-ħażen, tneħħi jew twarrab dawk l-ostakli li jifirdu lill-bniedem minn Alla, u allura twitti t-triq għar-rikonċiljazzjoni u komunjoni miegħu. Fit-Testment il-Ġdid il-maħfra (indikata bil-kelmiet ***"aphesis"***, ***"aphiemi"*** u ***"paresis"***) hija kważi dejjem dik ta' Alla, u fis-Sinottiċi l-bniedem hu riferit l-aktar għal din il-maħfra u tingħatalu meta jitlobha, jekk ikun lest li jaħfer lill-oħrajn. Iżda jekk fiż-żminijiet post-Eżiliċi u Rabbiniċi l-maħfra kienet maħsuba aktar f'termini legali u etiċi, Ġesù wessa' aktar il-perspettiva tagħha fuq il-linja profetika fit-tagħlim tiegħu fuq id-dnub u l-indiema. F'dan iż-

żmien tas-Saltna Messjanika l-maħfra tidher aktar bħala twettiq tal-wegħda Messjanika, u għalhekk l-insistenza ta' Ġesù fuq ir-rabta bejn l-indiema u l-fidi f'Ġesu l-Messija. Ġesù stess wettaq il-maħfra, u l-komunità ekkleżjali wkoll irċeviet is-setgħa li tagħti l-maħfra permezz tiegħu. Dak li hu issa speċifikament Kristjan fil-maħfra hu li Alla jagħti l-maħfra permezz tal-azzjoni redentriċi ta' Ġesù, kif rajna fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid. Il-Knisja, bħala komunità eskatoloġika qaddisa, imwaqqfa bl-azzjoni salvifika ta' Ġesù, tkompli twettaq din il-maħfra bħala barka eskatoloġika. Hu veru li l-Ewkaristija mwaqqfa fl-Aħħar Ċena hija t-tifkira tas-sagrifiċċju ta' Ġesù, li wettaq fuq is-salib bit-tixrid ta' demmu, li bih issiġilla l-Patt il-ġdid, u permezz ta' din il-fidwa bi prezz għoli kiseb il-maħfra tad-dnubiet għall-bnedmin kollha (Mt 26:28); u hekk ġie ffurmat il-poplu tal-Patt il-ġdid li hi l-Knisja, imnaddfa u mqaddsa b'demmu, u li tkompli ssib it-tisħiħ tagħha bħala komunità (***"koinonia"***) f'din l-istess għajn ta' għaqda li hi l-Ewkaristija, bis-sehem tagħha minn din il-ħobża waħda u minn ġisem wieħed (ara 1 Kor 10:17). Minkejja dan, il-Knisja xorta trid tibqa' tissaffa u tiġġedded, għax fiha hemm il-midinbin. Bis-setgħa mogħtija lilha minn Ġesù nnifsu, il-Knisja tamministra tliet sagramenti li huma espliċitament għas-servizz tal-maħfra tad-dnubiet, kif rajna qabel. Dawn huma l-Magħmudija (Atti 2:38; 22:16; Rum 6:3-11; Kol 2:12-14), is-sagrament tal-Maħfra jew tar-Rikonċiljazzjoni (Ġw 20:23), u d-Dilka tal-Morda fdata f'idejn il-presbiteri (Ġak 5:14-16).

Il-ħsieb tal-maħfra hu fundamentali fit-Testment il-Ġdid, għalkemm it-termini tal-maħfra mhumiex tant mifruxa. Minkejja li f'Pawlu u fi Ġwanni b'mod partikulari, u anki f'kitbiet oħra, il-kelma "maħfra" mhijiex frekwenti, huma għandhom kontenut wiesa', espress b'ħafna termini oħra li juru l-opra redentriċi ta' Ġesù, kull awtur bl-enfasi tiegħu, skond kif iħares lejn ir-realtà tad-dnub. Id-dnub għandu diversi effetti fil-ħajja tal-bnedmin, u għalhekk il-maħfra tad-dnubiet għandha wkoll diversi aspetti. Meta d-dnub hu meqjus bħala realtà li tjassar lill-bniedem taħt il-qawwa tax-Xitan, dan sab id-dgħufija tiegħu quddiem il-qawwa ta' Ġesù li jeħles lill-imjassrin, u li jfejjaq u jqajjem il-mejtin. Ġesù jkisser il-ħakma tax-Xitan biex jagħti lill-bnedmin il-maħfra; hekk għandna l-fejqan tal-bniedem sħiħ mogħti lil min jilqa' s-Saltna tiegħu (ara s-Sinottiċi, l-ittri ta' Pawlu u l-vanġelu ta' Ġwanni). Id-dnub jista' jiġi meqjus bħala ħtija. Allura hawn il-maħfra hija kkunsidrata mill-aspett ta' tpattija jew ta' espjazzjoni; hekk fl-ittri Pawlini u ta' Ġwanni, fl-ittra lil-Lhud u fl-ewwel ittra ta' Pietru. Il-lingwaġġ tas-sagrifiċċju hu preżenti b'espressjonijiet bħal "demm", "espjazzjoni" u "Ħaruf ta' Alla", jew, meta jirreferi għall-mewt ta' Ġesù, bħal "għalina" u "għall-midinbin". Fl-aħħar nett, id-dnub jista' jiġi kkunsidrat ribelljoni lejn Alla, allura l-maħfra tidher taħt l-aspett ta' rikonċiljazzjoni, fejn tiġġedded il-ħbiberija ma' Alla.

Bil-fidi f'Ġesù li fdiena u bil-ministeru tal-Knisja li twassal il-maħfra, il-Kristjan li għandu ndiema sinċiera ta' dnubietu u rieda sħiħa li joħroġ mis-sitwazzjoni tiegħu bħala midneb, jista' jerġa' jsib l-għaqda tiegħu ma' Alla li jħobbu, li jaħfirlu u li jerġa' jilqgħu fi ħdanu bħala iben adottiv tiegħu mimli bis-sliem fl-Ispirtu.

# IL-QSIM TAL-ĦOBŻ U JUM IL-MULEJ

minn Fr Charles Buttigieg

2021

**Il-Qsim tal-Ħobz minn Kristu**

Fl-Evanġelji naraw diversi episodji li għandhom rabta mal-Ewkaristija u mal-Qsim tal-Ħobz. Insemmu ż-żewġ mirakli tat-tkattir tal-ħobż u l-qsim tal-ħobż fl-aħħar Ċena u fil-Festa tal-Għid. Iżda żgur li l-episodju li jagħti xena mill-isbaħ u affaxxinanti tal-qsim tal-ħobz u l-episodju tad-dixxipli ta' Emmaws. Dan l-episodju taż-żewġ dixxipli ta' Emmaws insibuh biss fl-Evanġelju skont San Luqa fil-kapitlu 24.

Proprju hawnhekk ninsabu l-Ħadd filgħaxija, "dak in-nhar stess", x'aktarx ftit siegħat qabel inżul ix-xemx. Mument li kien jirrifletti tassew il-moral taż-żewġ dixxipli ta' Emmaws, li kien wieħed baxx ħafna għax ir-Rabbi jew l-Imgħallem tagħhom Ġesù kien ġie imsallab u maqtul b'mod umiljanti fuq salib fuq il-Golgota. Għalihom is-salib kien it-tmiem ta' kollox u għalhekk kull tama kienet spiċċat: "Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja!" (vers 21). Huwa l-ewwel jum tal-gimgħa wara dak tas-Sibt, il-jum tal-Għid, it-tielet jum fuq il-Ġimgħa l-Kbira, il-jum tal-qawmien ta' Kristu mill-mewt, il-jum li jimmarka r-rebħa tal-ħajja ta' dejjem fuq il-mewt, fuq kollox huwa t-tmien jum li ma jispiċċa qatt. Infatti d-dehriet ta' Kristu Rxoxt iseħħu kollha fil-jum tal-Ħadd u għalhekk huwa 'Jum il-Mulej'.

Ninsabu fi vjaġġ ta' żewġ dixxipli, minn Ġerusalemm lura lejn id-dar tagħhom eżattament lejn ir-raħal ta' Emmaws, li kien jinsab madwar sittin stadju, jiġifieri xi seba' mili jew madwar 11-il kilometru bogħod mill-belt ta' Ġerusalemm, u għalhekk kellhom mixja ta' madwar sagħtejn. Illum l-istudjużi tal-Bibbja, permezz ta' skavi arkeoloġiċi, jidentifikaw ir-raħal ta' Emmaws mar-raħal ta' El Qubejbeh li jinsab eżattament 62 stadju u nofs fil-majjistral ta' Ġerusalemm. Bħala triq, minn Ġerusalemm, li bħala belt tinsab fuq l-għolja Sijon (li tinsab madwar 750 metru fuq il-livell tal-baħar), mhijiex xi waħda dritta u hija triq għan-niżla. It-triq mela terġa' tirrifletti, fl-istess ħin, it-triq tan-niżla tal-fidi ta' dawn iż-żewġ dixxipli li kienu qatgħu qalbhom għal kollox. Skont xi studjużi, Nikopoli qrib Latrun hija wkoll marbuta ma' Emmaws. Din kien tkellem dwarha diġà Ewsebju ta' Ċesarija fl-ewwel sekli, imma din hija 'l bogħod minn Ġerusalemm mija u sittin stadju u għalhekk ma taqbilx mal-qari ta' San Luqa. Dan l-aħħar, Carsten Peter Thiede qiegħed jissuġġerixxi li Emmaws hija lokalizzata f'Motza li tinsab 8 km 'il bogħod minn Ġerusalemm. Postijiet oħra li ntrabtu ma' Emmaws huma Kuriet el Enab, Etan, Amwas, Kulonieh, Emmaus Tiberias u Khamasa jew Hammath.

Il-mixja tal-fidi mhijiex mixja ta' bniedem waħdu imma hija mixja tal-komunità u fil-komunità, "tnejn minnhom" kif naraw fil-vers 13. Huwa fiċ-ċert li wieħed mid-dixxipli jismu Klejopa. Jistgħu jkunu li dawn huma żewġ dixxipli mis-sebgħin dixxipli li nsibu f'Luqa 10:1. Ma għandniex l-isem tat-tieni dixxiplu. Il-Knisja Ortodossa torbot lil dan Klejopa bħala ħu ż-żgħir ta' San Ġużepp li kien ukoll miżżewweġ lil Marija oħra, 'Marija ta' Klejofa'. Xi Biblisti jitkellmu minn koppja, Klejopa u l-mara tiegħu u għalhekk mixja ta' familja li tiskopri lil Kristu. Oħrajn jitkellmu minn dixxiplu bl-isem ta' Xmun jew San Luqa nnifsu. Hu x'inhu, l-identità tat-tieni dixxiplu tibqa' waħda inċerta. Jista' jkun ukoll li San Luqa ried jinqeda b'dan id-dixxiplu anonimu biex jinvolvi ukoll lill-qarrejja f'dan l-episodju. Għalhekk mela t-tieni dixxiplu jista' jkun inti u jien, aħna li lkoll ninsabu mexjin f'ħajjitna f'din it-triq lejn Emmaws fejn

ninsabu wkoll forsi b'qalb maqtugħa, imma l-Mulej żgur ser jakkompanjana u mhux ser iħallina waħedna.

Dan l-episodju ta' Emmaws nistgħu naqsmuh f'żewġ partijiet. Għandna l-ewwel parti fejn Ġesù jirrivela lilu nnifsu lid-dixxipli permezz tal-Kelma ta' Alla, fejn jagħtihom biex nifthemu l-ewwel lenti tan-nuċċali tal-fidi: "U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu" (v. 27). It-tieni parti, jiġifieri t-tieni lenti tan-nuċċali, hi dik tal-Ewkaristija fejn Ġesù jingħata lid-dixxipli fil-qsim tal-ħobz: "U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobz, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom" (vv. 30 u 31) – fl-original Grieg tal-Evangelju għandna 'sar inviżibbli' (bil-Grieg: *aphantos*) minflok 'għab', u għalhekk minkejja ma baqax jidher Ġesù kien preżenti tassew u mhux telaq minn quddiemhom; sar preżenti fil-ħobż, fil-preżenza Ewkaristika.

**Ġesu' Baqa' miexi Magħhom**

Waqt li x-xemx kienet nieżla, ix-Xemx tal-Ġustizzja, Kristu Rxoxt, deher fosthom: "Huma u jitħaddtu u jitkellmu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom" (vers 15). Il-verb 'mexa', li fl-original Grieg insibuh 51 darba f'Luqa, għandu aspett teoloġiku ferm importanti li jindika vjaġġ mill-mewt għall-ħajja, vjaġġ ta' fidi, il-mixja tal-pellegrin. Ġesù qatt ma jħalli lill-bniedem waħdu f'din il-mixja, imma tassew 'huwa miexi miegħu' biex ikun miegħu fid-diffikultajiet tal-ħajja għax hu tassew l-Emmanuel, Alla magħna.

Is-sens qawwi ta' ospitalità fil-kultura biblika narawh ukoll f'dawn id-dixxipli li jistiednu lil dan il-'barrani' biex jibqa' u jgħaddi l-lejl għall-kenn tad-dar tagħhom. Il-frażi qawwija "Ibqa' magħna" fil-vers 29, tfisser eżattament "ibqa' biex tgħix magħna" għaliex il-verb Grieg '*menein'*, li nsibuh 118 il-darba fil-Ġdid Testment, ifisser mhux biss 'tibqa'', imma ukoll 'tgħix', 'toqgħod biex tgħix ma' xi ħadd'. "Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija" (Ġw 15:4).

Fil-qsim tal-ħobż (bil-Grieg: *'he klasis tou artou'*) iż-żewġ dixxipli jagħrfu lil Ġesù li sar preżenti quddiemhom fl-Ewkaristija u minkejja li kien billejl marru lura lejn Ġerusalemm, mimlija kollha fidi u ħajja, ixandru li huma ukoll ltaqgħu mal-Irxoxt. Hekk ukoll tagħmel magħna l-Ewkaristija: tbiddel il-qalb tal-bniedem u toħloq fina ħajja ġdida għax "il-Mulej qam tassew". Il-mixja tad-dixxipli ta' Emmaws hija għalhekk il-mixja tiegħek ma' Kristu fil-Knisja fit-triq lejn Ġerusalemm tas-Sema.

**Jum il-Mulej**

Il-bniedem hu msejjaħ sabiex jagħti qima kemm privata, kemm pubblika u komunitarja lil Alla. Fl-Antik Testment, il-poplu t'Alla kien mitlub iħares ġurnata fil-ġimgħa, il-Jum tas-Sibt, kif naraw fil-ktieb tal-Eżodu: "Ikun sinjal għal dejjem bejni u bejn ulied Iżrael, għaliex f'sitt ijiem għamel il-Mulej is-smewwiet u l-art, u fis-seba' jum waqaf mix-xogħol u strieħ" (Eżodu 31:12-17). Wara l-qawmien ta' Ġesù mill-mewt, il-Knisja tal-bidu ttrasferiet il-jum qaddis mis-Sibt għall-Ħadd, il-jum li fih qam il-Mulej. Matul is-snin, il-Knisja żiedet ukoll għadd ta' festi kmandati. Il-liġi kanonika tal-Knisja f'kanoni 1247, titlob li f'dawn il-ġranet, l-Insara: "jattendu għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u wkoll jastjenu mix-xogħol u n-negozju li jtellef il-qima li għandha tingħata lil Alla, il-ferħ li jixraq lil Jum il-Mulej, jew il-mistrieħ meħtieġ tal-moħħ u tal-ġisem." Għalhekk il-mistrieħ mhux skop fih innifsu, iżda jservi sabiex il-

bniedem isib aktar ħin u libertà li jqaddes dan il-jum. Kif juri tajjeb fl-Ewwel Apoloġija numru 67, San Ġustinu Martri (100-165 AD.) fejn jikteb kif l-Insara kienu jinġabru għal-liturġija għall-qari, għall-bewsa tal-paċi, offertorju, konsagrazzjoni tal-ħobż u l-inbid, u għat-tqarbin fil-Jum tal-Ħadd, fil-Jum ix-Xemx. L-istess ħsibijiet dwar Jum il-Mulej insibuh fil-kitbiet ta' San Injazju ta' Antijokja u d-'*Didache'* fin-numru 14: "F'Jum il-Mulej inġabru għal qsim il-ħobz u għal radd il-ħajr wara li tkunu stqarrejtu dnubietkom biex is-sagrifiċċju tagħkom ikun safi".

Fl-Antik Testment, il-liġi tal-mistrieħ f'Jum is-Sibt kif espress b'mod ċar fit-tielet kmandament, kienet tgħodd anke għal dawk l-inqas stmati fis-soċjetà, speċjalment l-ilsiera, kif insibu fl-Eżodu: :Dakinhar ma tagħmel ebda xogħol, la int, la ibnek, la l-ilsir jew l-ilsira tiegħek, la l-bhejjem, u lanqas il-barrani li jkun f'darek" (Eż 20:10). Dan is-Sibt jibda ma' nżul ix-xemx tal-Ġimgħa u jintemm s-Sibt filgħaxija malli jibda jidlam u jidhru tliet kwiekeb. Għall-poplu Lhudi, il-mistrieh tas-Sibt kellu rabta kbira mal-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu. Huwa fuq kollox jum qaddis kif naraw fl-Eżodu 35:1-3. F'jum is-Sibt kienu pprojbiti 39 tip ta' xogħol fosthom ix-xogħol fir-raba', it-tisjir, il-ħasil, il-ħjata, il-kitba u l-bini. Anke għall-poplu tar-rabta l-ġdida, il-mistrieh f'Jum il-Ħadd juri l-ħelsien li Kristu ta lill-bniedem bil-mewt u l-qawmien tiegħu. Għalhekk l-anqas ix-xogħol m'għandu jkun ta' jasar għall-bniedem u jtellfu milli jkollu relazzjoni ma' Alla. Permezz tat-tqaddis ta' Jum il-Ħadd, il-bniedem jilqa' mingħand Alla dak li pprovdielu f'ġimgħa xogħol u ma' Kristu jerfa' l-piż tat-tbatija bħala twettiq tar-rieda tal-Missier.

Il-bniedem għandu is-setgħa mogħtija minn Alla stess li jaħkem, jibdel u jisfrutta l-ħolqien kif naraw fl-ewwel kapitli tal-Ġenesi. Il-bniedem huwa minnu nnifsu ħaddiem, għax għandu l-kapaċità li jħaddem ir-riżorsi naturali u jużahom għall-interess u l-progress tiegħu. Bl-opra tal-fidwa, Kristu qaddes ix-xogħol tal-bniedem u għamlu mhux biss tisħib ma' Alla fl-opra tal-ħolqien iżda ukoll tisħib miegħu fl-opra tl-fidwa. Il-ħaddiem jista' jsieħeb it-tbatija ta' xogħolu mas-salib ta' Kristu, u joffriha bħala att ta' mħabba lil Alla u lil ħutu. Max-xogħol hu meħtieħ ukoll il-mistrieħl, kif diġà għidna, biex il-bniedem jikkonsagra ħidmietu lil Alla. Il-mistrieħ jista' jservi wkoll biex il-bniedem isib is-skiet u jirrifletti u jiddedika ħin għall-familja jew għall-proxxmu tiegħu. Naturalment il-mistrieħ hu meħtieġ ukoll biex il-ħaddiem iserraħ ġismu u moħħu, biex jikseb enerġija ġdida biex ikompli f'xogħolu. Fil-fatt fl-Antik Testment insibu l-liġijiet tal-Ġublew u tas-sena Sabbatika kif naraw fl-Eżodu 23, 10-11. Jidher li din il-prattika kienet diġà eżistenti fl-Assirja u f'Kanan kif jidher mit-testi ta' Ugarit. Fis-7 ta' Marzu tas-sena 321 A.D., l-Imperatur Kostantinu ordna li ma jsir ebda xogħol nhar ta' Ħadd u għalhekk ikun jum ta' mistrieħ spiritwali għall-Insara. Fil-Knisja l-ewwel kanoni konċiljari dwar il-mistrieħ tal-Ħadd kien il-kanoni 29 tas-sinodu ta' Laodikija fis-sena 343.

**Il-Ħadd għal Alla u għal-Bniedem**

L-atteġġjament ta' Ġesù rigward il-liġi tas-Sibt, kien aktar ta' osservanza tal-ispirtu tal-liġi milli osservazzjoni legalistika u ritwalistika. Ġesù kien imur is-sinagoga nhar ta' Sibt bħal-Lhud. Mill-banda l-oħra ħadha kontra t-tradizzjoni rabbinika li daħħlet ħafna rqaqat fil-liġi tal-mistrieħ tant li ntilef is-sens u l-iskop veru tal-mistrieħ. Hekk Ġesù jiddefendi lid-dixxipli li qatgħu is-sbul f'jum is-Sibt u ma jiddejjaqx ifejjaq raġel li kellu idu niexfa f'jum is-Sibt, minkejja l-kritika tal-Fariżej. Għal Ġesù kien importanti jagħmel il-ġid nhar ta' Sibt ukoll: "Min minnkom ikollu nagħġa u taqgħalu f'ħofra s-Sibt, u ma jmurx jaqbad u jtellagħha? Imma kemm jiswa' bniedem aktar minn nagħga! Mela jiswa' tagħmel il-ġid nhar ta' Sibt" (Mt 12:11-12).

Meta daqs iktar minn għoxrin sena ilu, kont bdejt il-ministeru sacerdotali tiegħi f'parroċċa qrib ħafna tal-Vatikan, kont bqajt skantat bir-rata baxxa fil-parroċċa ta' sbatax fil-milja biss, tal-attendenza tal-parroċċani għall-quddiesa tal-Ħadd. Il-kappillan kien qalli li l-medja f'Ruma ta' dak iż-żmien kienet ta' xi 15 fil-mija. Dan bdejt iktar nifhmu, meta bdejt nara in-nies fil-jum tal-Ħadd imorru jistrieħu f'postijiet kwieti barra mill-istorbju tal-belt ta' Ruma, oħrajn aljenati bil-futbol fl-istadju Olimpiku li kien tefa' ta' ġebla 'l bogħod mill-parroċċa u kien jattira ta' kull nhar ta' Ħadd folla ta' madwar 55 elf ruħ għat-timijiet ta' Roma u ta' Lazio. Oħrajn kien ikollhom ix-xogħol u oħrajn li kienu ħafna, kienu jibqgħu indifferenti d-dar u ma jiġux il-knisja. Dan juri kemm is-sekulariżmu ta' żmienna li ħakem ukoll il-Knisja Maltija u Għawdxija, huwa l-isfida tal-evanġelizazzjoni l-ġdida mixtieqa tant mill-Knisja, għaliex sfortunatment diversi kattoliċi qegħdin jitilfu l-Ħadd, li huwa Jum il-Mulej u għalhekk tajjeb nerġgħu nirriflettu flimkien xi jfisser il-'jum' tant għażiż għall-Mulej. Ejjew ma nħallu lil ħadd u xejn itellifna mill-Ħadd tal-Mulej.

**Biblijografija**


BOTTINI, G.C., *Introduzione all'opera di Luca. Aspetti teologici*, Studium Biblicum Franciscanum. Analecta 35, Jerusalem 1992.

Bower, C.R., "The Emmaus disciples and the purposes of Luke", in *The Biblical World* 35 (1910) 234-235.

ERNST, J., *Il Vangelo secondo Luca*, I-II, Brescia 1985.

FAUSTI, S., *Una comunità legge il vangelo di Luca*, Bologna 2001.

FITZMYER, J.A., *The Gospel According to Luke. Introduction, Translation, and Notes,* New York – London – Toronto – Sydney – Auckland 1985.

JOHNSON, L.K., *Gospel of Luke*, Sacra Pagina 3, Collegeville (MN) 1991.

Ortlund, D.C., "And their eyes were opened, and they knew: an inter-canonical note on Luke 24:31", in *JETS* 53 (2010) 717–728.

POWELL, M.A., *What are they saying about Luke?*, New York, 1989.

*"Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni,*
*għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom''*
*Mattew* 11:29

# IL-MISTERU TAT-TBATIJA U TAS-SALIB

minn Fr Charles Buttigieg

2021

**It-Tbatija fl-Istorja tas-Salvazzjoni**

L-istorja tal-poplu Lhudi fl-Antik Testment hija l-istorja tal-għeġubijiet ta' Alla li jeħles lill-poplu tiegħu mit-tbatija. Hekk naraw fl-esperjenza tal-Eżodu fejn Alla jeħles lill-poplu mit-tbatija u mill-iskjavitù fl-Eġittu, u wara fl-esperjenza tat-tbatija psikoliġika 'il bogħod mit-Tempju ta' Ġerusalemm fl-Eżilju f'Babilonja. Alla dejjem wassal il-messaġġ tiegħu ta' ħelsien permezz tal-patrijarki, tal-imħallfin, tas-slaten u tal-profeti. Fl-Antik Testment naraw fuq kollox l-esperjenza tal-mard fil-bniedem speċjalment tal-lebbra, ġuħ, persekuzzjoni u tat-tbatija (ara 2 Slat 4:8-37 u Ġob 2:3). Il-Lhud kienu jorbtu t-tbatija mad-dnub u mal-persekuzzjoni kif insibu f'Ġeremija 20:2. Kienu jemmnu li Alla jista' jgħaddi lill-bniedem mill-prova tat-tbatija kif naraw f'Ġeremija 29:12. Kienu konxji wkoll li t-tbatija hi konsegwenza tal-ħażen tax-xitan kif naraw f'Ġob 4:4-6.

Fl-erba' Evanġelji naraw lil Ġesù jgħin lill-bniedem jgħix ir-realtà tat-tbatija tiegħu fid-dinja, mgeżwer fit-tbatija tal-mard, tal-faqar, tax-xogħol, tal-inġustizzji u anke tad-dnub. L-Evanġelji huma l-evanġelju tas-Sofferenza ta' Kristu, *'Passio Christi, passio hominis'* (ara Mk 14,36; Mt 9,36; Mt 11,28-30). Għalhekk Ġesù jistieden lill-bniedem jiskopri dan is-sigriet tat-tbatija u tal-ħajja, kif jgħid f'Mattew 11:29: "Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom''. Dan il-kliem Ġesù qalu wara li xi dixxipli ta' Ġwanni l-Battista bdew jistaqsu dwar Ġesù, kif insibu f'Luqa 7:18-23: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiequ, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-Bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija''. Ġesù ma kienx mela xi Messija politiku, iżda Messija fqir, umli li jagħti il-ħelsien veru lill-bniedem.

Ġesù twieled fit-tbatija tal-għar ta' Betlehem, għex fqir u fit-tbatija, għadda ħajja pubblika fil-faqar u miet fl-ikbar tbatija, il-mewt tas-salib. Fil-Kapitlu 2 versi 6-11 tal-Ittra ta' San Pawl lill-Filippin, insibu kapulavur ta' innu li juri dan il-kobor tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni u tar-Redenzjoni permezz ta' Kristu: "Hu li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa s-sura ta' lsir; sar jixbaħ lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; huwa umilja ruħu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib...'' L-Ittra lill-Lhud tgħallem ukoll il-kobor tas-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-sagrifiċċji kollha tal-Antik Testment, sagrifiċċju li sar bit-tixrid ta' demmu stess u mhux bid-demm tal-bhejjem: "Imma Kristu, li ġie bħala qassis il-kbir tal-ġid li għandu jiġi u għadda minn tinda aqwa u aktar perfetta li mhix magħmula bl-id, jiġifieri mhix tal-ħolqien, daħal darba għal dejjem fis-santwarju mhux bid-demm tal-bdabad u tal-għoġiela, imma b'demmu, wara li kiseb fidwa għal dejjem'' (Lhud

9:9-12). L-Ittra turi lil Kristu li hu l-Qassis il-Kbir li xerred demmu għalina u daħal fis-santwarju tas-sema biex jidħol għalina, sabiex permezz tad-demm tiegħu jsalvaw il-bnedmin kollha.

San Pietru fl-Ewwel Ittra tiegħu jagħmel kuraġġ lill-ewwel Insara li kienu qegħdin ibatu għal Kristu matul il-persekuzzjonijiet. Proprju minħabba din l-esperjenza tat-tbatija li kienu għaddejjin minnha l-ewwel komunitajiet, huwa kien iħeġġiġhom sabiex iħarsu lejn Kristu bħala mudell u eżempju tat-tbatija: Kristu li bata għalina, iżda wara din it-tbatija ġiet ir-rebħa u l-glorifikazzjoni. Hekk ukoll għall-poplu il-ġdid, wara t-tbatija ta' din id-dinja jirċievi il-glorja ta' Alla: "Imma ifirħu skont ma tixxierku fit-tbatjiet ta' Kristu, biex fid-dehra ta' sebħu tifirħu u tithennew. Jekk intom mgħajjrin f'isem Kristu, imberkin intom, għax l-Ispirtu tas-sebħ, li hu l-Ispirtu ta' Alla, qiegħed fuqkom. Li ma jkun hemm ħadd fostkom li jkollu jbati bħal qattiel jew bħala ħalliel jew bħala wieħed li għamel xi deni jew jindaħal fejn ma jesgħux; imma jekk bħala Nisrani, ma għandux jistħi; ħa jfaħħar lil Alla għal dan l-isem" (1 Pt 4:13-16). San Pietru ra lil Ġesù mhux biss jgħallem dwar il-valur tal-misteru tat-tbatija, imma kien xhud tat-tbatijiet ta' Kristu fil-proċess tal-passjoni lejn il-Kalvarju u xhud tal-ħames pjagi ta' Ġesù fuq il-ġisem rxoxt u glorjuż tiegħu, kif huwa jgħallem fl-Atti tal-Appostli: "Poplu ta' Iżrael, isimgħu dan li se ngħidilkom. Ġesù ta' Nażaret kien bniedem li Alla takom prova tiegħu permezz tal-mirakli u l-għeġubijiet u s-sinjali li għamel bih fostkom, kif intom stess tafu. Lil dan Ġesù, Alla telaqhulkom f'idejkom skond l-għerf u l-pjan li fassal minn qabel, u intom neħħejtuh billi sallabtuh permezz ta' nies ħżiena; imma Alla qajjmu mill-imwiet billi ħall l-irbit tal-mewt, għaliex ma setax ikun li l-mewt iżżommu taħt is-setgħa tagħha" (Atti 2:22-25). Wara Pentekoste San Pietru u l-appostli jkomplu dan il-ministeru tal-fejqan quddiem it-tbatija fejn naraw lil San Pietru jfejjaq lill-magħtub ħdejn il-bieb tat-Tempju fejn imbagħad wara San Pietru jagħmel diskors importanti ħdejn il-Portiku ta' Salamun: "Fidda u deheb ma għandix; imma dak li għandi se nagħtihulek: fl-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nażaret, imxi!" (Atti 3:7).

In-Nisrani għalhekk għandu jittama fi Kristu quddiem it-tbatija u l-mard tal-ħajja u jħares lejH li qalilna: "U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja'' (Ġw 12:32). Din hija s-*'sequela crucis'* tan-Nisrani u għalhekk is-sens li ngħixu il-*'via crucis'*. Kristu hu għalhekk it-tama tagħna: "Henjin intom, meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija. Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet...''(Mt 5:11-12).

**Ir-Rebħa tas-Salib ta' Kristu**

Il-kelma 'salib' ġejja mill-Persjan fejn insibu l-kelma *'salipa'*. Fl-Ebrajk għandna l-kelma *'seqel'* li hija marbuta mal-għerq *'tql'* li jfisser bħal fil-Malti 'toqol'. It-tislib kienet il-kundanna tal-mewt tar-Rumani li kienu qegħdin jaħkmu fil-Palestina fi żmien Kristu. It-tislib imur lura fl-istorja tal-Assirja, tal-Feniċi u tal-Persjani. Anke is-Selewki u l-Kartaginiżi kienu jikkundannaw bit-tislib. Alessandru l-Kbir kien sallab 2000 persuna ġewwa Tir. Fis-sena 71 Q.K. madwar 6000 persuna ġew imsallba bejn Ruma u Capua. Għal-Lhud it-tislib kienet saħta kbira. Kienet mewt mill-iktar krudila u umiljanti. L-istoriku Josephus jikteb li fis-sena 7 A.D., 800 Lhudi ġew misluba f'jum wieħed f'rewwixta li kienet qamet. Pilatu kien sallab 6000 Lhudi.

Kemm Erodi, kif ukoll il-Qassis il-Kbir, il-Fariżej u s-Sadduċej riedu jeqirdu lil Ġesù u nqdew b'Ġuda l-Iskarjota. Ġuda ttradixxa lil Ġesù permezz ta' bewsa fil-ġnien tal-Ġetsemani fejn Ġesù kellu l-għaraq tad-demm. Wara l-flaġellazzjoni bil-*'flagellum'* (għar-Rumani ma kienx hemm numru stabblit ta' daqqiet, waqt li l-Lhud kellhom l-erbgħin daqqa nieqsin waħda), l-ikkundannat kien iġorr it-traversa l-minduda tas-salib, jiġifieri l-għuda orizzontali, lejn il-post tat-tislib. Din kienet tiżen madwar 70 kg u

twila metru u nofs. L-għuda vertikali kienet tkun diġà imwaħħla fil-post. Is-salib kollu kemm hu kien jiżen madwar 135 kg. L-imsiemer kienu jkunu twal seba' pulzieri jew 18 cm. Ġesù tant kien batut fil-passjoni, li waqt il-vjaġġ lejn il-Kalvarju ġie mgħejjun minn Xmun minn Ċirene. Aktarx it-triq għall-Kalvarju kienet madwar kilometru. Il-post fejn ġie imsallab Sidna Ġesù Kristu kien jissejjaħ 'il-Qorriegħa', bil-Lhudi 'Golgota', kienet tissejjaħ hekk, aktarx minħabba l-għamla tal-art. Din kienet daqsxejn ta' għolja barra l-ħitan ta' Ġerusalemm, illum qegħda ġewwa l-belt li kibret xi ftit maż-żmien, u jinsab fl-istess Bażilika fejn insibu ukoll il-qabar ta' Kristu. Ġesù jissallab fis-sitt siegħa, f'nofsinhar, l-ilbies tiegħu nqassam bejn erbgħa għaliex erbgħa kienu jkunu s-suldati Rumani li kienu jakkumpanjaw il-ħati għall-mewt u li skont il-liġi Rumana huma kellhom id-dritt għal dawn il-ħwejjeġ tal-iġġustizzjat. It-tunika imma, li kienet tkun minsuġa biċċa waħda minn fuq s'isfel, tefgħu x-xorti fuqha biex iseħħ il-kliem tas-salmista.

L-imsallab kien imut bil-mod il-mod, bi qtigħ in-nifs, bil-piż ta' ġismu jagħfas fuq il-pulmun. Biex jgħaġġlu din il-mewt kiefra kienu jkissru r-riġlejn; fuq Ġesù dan ma sarx. Anke l-ħaruf tal-Għid tal-Lhud ma kienet tinkisirlu ebda għadma. Fuq is-salib kien hemm tabella impoġġija minn Pilatu li kienet taqra bil-Latin: *"Iesus Nazarenus Rex Iudaeorum* (I.N.R.I.) li tfisser Ġesù in-Nażżarenu, is-Sultan tal-Lhud, kif isibu fl-evanġelju ta' San Ġwann 19,19. Din it-tabella jew iskrizzjoni ('*titulus'*) kienet tinġarr minn qaddej li kien jimxi quddiem l-ikkundannat. Ġieli wkoll din l-iskrizzjoni kienet tindendel ma' għonq l-ikkundannat. Il-fdalijiet tas-Salib ta' Kristu kien instab minn Sant'Elena fis-sena 326 A.D., fejn hemm il-kappella taħt l-art, ta' Santa Elena, fil-Bażilika tas-Sepulkru f'Ġerusalemm u parti mill-iskrizzjoni u l-isponża jinsabu għall-qima fil-Bażilika ta' Santa Croce in Gerusalemme f'Ruma. Ir-relikwa tal-musmar qaddis tinsab fil-katidral ta' Bamberg, it-tunika tinsab fil-Bażilika ta' Trier. Hemm ukoll il-Bażilika tad-Demm Qaddis fi Bruges fil-Belġju, is-Sudarju jinsab f'Oviedo fi Spanja, għandna l-Liżar ta' Turin u l-Wiċċ Qaddis ta' Kristu f'Manoppello fl-Abruzzo.

Għal San Ġwann l-evanġelista, il-mument ta' Kristu fuq is-salib hu l-ikbar sinjal tal-glorja ta' Alla, it-tron tal-grazzja' ('*Gnadenstuhl'* bil-Ġermaniż), għaliex is-salib mhux it-tmiem ta' kollox, imma rebħa u bidu ta' qawmien ġdid. Ġesù għadda tliet sigħat ta' agonija fuq is-salib u miet fit-tlieta ta' waranofsinhar. (ara Ġw 19,30). Kienet is-siegħa li fiha għall-festa tal-Għid tal-Lhud, dak kollu li kellu l-ħmira kellu jitneħħa mid-dar biex iħalli l-post għall-ħobż il-ġdid bla ħmira, kif ukoll il-ħin x'ħin kienu jinqatlu l-ħrief tal-Għid fit-Tempju. Bil-mewt ta' Ġesu' fuq is-salib, jinqered kull ħazen u tibda era ġdida għan-Nisrani: "Araw il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja.'' (Ġw 1:29). Huwa bis-salib ta' Kristu li s-Saltna ta' Alla titwaqqaf darba għal dejjem għaliex Kristu Sultan tassew deher isaltan fuq l-għuda tas-Salib, *"Regnavit a ligno Deus''.*

Dan il-messagg tar-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt jinsab b'mod qawwi fit-tagħlim tad-dixxipli ta' Kristu u fuq kollox fl-ittri ta' San Pawl li huwa nnifsu għadda mit-triq tat-tbatija kif naraw fir-rakkonti tal-Atti tal-Appostli u kif naraw fid-diversi kliem Grieg li huwa juża għat-tbatija: *pathema*, *pascho*, *thlipsis*, *thlibo* u *astheneia*. Dan il-ħsieb tar-rebħa fuq it-tbatija insibuh b'mod partikulari fl-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin: "Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt in-niggieża tiegħek?'' (1 Kor 15:55). Għalhekk il-mewt ta' Kristu fuq is-salib ġabet il-mewt tal-'Mewt' darba għal dejjem, għaliex il-Glorja tas-Salib fdiet tassew il-'Ħajja'. Is-Salib ġab ir-rebħa tal-'Ħajja' u t-telfien tal-'Mewt': "Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesu Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja.'' (Galatin 6:14).

**It-Tbatija u s-Salib li Jsalvawna**

Huwa proprju fil-Litwanja, wieħed mill-pajjizi Baltiċi li kienu taħt l-ex Unjoni Sovjetika, fejn insibu muntanja partikulari fil-belt ta' Siauliai li sa mill-1944 bdiet tiżżejjen mill-Insara, b'eluf ta' slaleb u kurċifissi ta' kull tip. Il-mexxejja tal-pajjiż ippruvaw tliet darbiet iħarrbtu din ix-xena meta fl-1961, fl-1973 u fl-1975 farrku u neħħew dawn is-slaleb minn fuq din il-għolja. Imma wara dawn is-sagrileġġi kollha, kull darba l-Insara kienu mill-ewwel jerġgħu 'iħawlu' dawn is-slaleb mill-ġdid. Din il-'għolja tas-slaleb' turi eżattament il-glorja tas-Salib ta' Kristu li dejjem joħroġ rebbieħ fuq il-ħazen.

San Injazju ta' Antijokja fi triqtu lejn Ruma għall-martirju kien qal 'ħalluni inkunu '*imitator'* tat-tbatijiet tal-Mulej tiegħi'. Fil-liturgija Etjopika hemm qima u tifħir kbir lejn is-salib ta' Kristu, meqjum bħala l-injama mediċinali, is-siġra tal-ħajja, il-mannara kontra satana, tarka kontra l-għadu, kuruna tar-rebħ, bastun tal-fidi, artal tal-ħaruf, għajn tal-inbid li ġiet ikkonsagrata bid-demm ta' Kristu. Fl-Ittra Appostolika '*Salvifici Doloris'* tal-11 ta' Frar 1984 u fil-Moto Propriju tal-11 ta' Frar 1985, *'Dolentium Hominum'*, il-Papa San Ġwanni Pawlu II, qalilna li permezz tat-tbatija nieħdu sehem fit-tbatijiet redentivi ta' Kristu. Din hija s-*'sequela crucis'* tan-Nisrani u għalhekk is-sens li ngħixu il-*'via crucis'*. Hekk ried ikompli jesprimi l-Papa San Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika tiegħu *'Dominum et vivificantem'* fin-numri 39 u 41. Hekk ukoll qalilna l-Papa Franġisku fl-ewwel omelija li għamel fil-Quddiesa *'Missa pro Ecclesia'* flimkien mal-Kardinali fil-Kappella Sistina nhar il-14 ta' Marzu 2013, li l-veru dixxiplu huwa dak li jimxi ma' Kristu Msallab fit-tbatija. Mela quddiem il-kbir misteru tat-tbatija u tas-salib għandna nħarsu lejn Kristu u ntennulu: "Int ridt li s-salvazzjoni tal-bniedem isseħħ fuq l-għuda tas-Salib, biex mnejn nibtet il-mewt toħroġ il-ħajja" (Mill-Prefazzjoni tal-Quddiesa tal-Ezaltazzjoni tas-Salib).

**Biblijografija**


Brown, R.E. – Meier, J.P., *Antioch and Rome: New Testament cradles of Catholic Christianity*, New York 1983.

DE BOER, M.C., "The defeat of Death. Apocalyptic Eschatology in 1 Corinthians 15 and Romans 5", in *JSNTSS* 22 (1998) 93-140.

Grogan, G., "New Testament Christology or New Testament Christologies?", in *Themelios* 25, 60-73.

Lefebure, L.D., "The Understanding of suffering in the early Christian Church", in *Claritas. Journal of Dialogue and Culture* 4 (2015) 28-37.

Mazza, E., "Il culto della croce nella liturgia del venerdi' santo nell'altomedioevo", in *Didaskalia* 36 (2006) 19-45.

MEYNET, R., *Jésus Passe. Testament, Jugement, Exécution et Résurrection du Seigneur Jésus dans les évangiles synoptiques*, Rhétorique Biblique 3, Roma – Paris 1999.

Plummer, M., "The Role of Suffering in the Mission of Paul and the Mission of the Church", in *SBJT* 17 (2013) 6-19.

Qinfang, L., "On the implication of salt and the meaning of suffering for Christians in the Bible", in *Cross-Cultural Communication* 8 (2012) 55-57.

*Theological Dictionary of the New Testament,* G. KITTEL – G. FRIEDRICH (eds.) ing.: G.W. Bromiley, in *C.D. ROM*, 2000.

Warrington, K., "Healing and suffering in the Bible", in *International Review of Mission*, 95 (2006), 376-377.

Van Tongeren, L., *Exaltation of the Cross. Toward the origins of the Feast of the Cross and the meaning of the Cross in Early Medieval liturgy*, Liturgia condenda 11, Leuven – Paris 2000.